**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 206**
**L-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 206**
**L-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 206**

**L-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024**

**WERREJ**


MINUTI ........ 306

KUNSENS GĦALL-ATTI ........ 306

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ........ 306

MISTOQSIJIET - TWEĠIBIET ORALI ........ 307

TQEGĦID TA' KARTI ........ 313

FTEHIM TAL-KAMRA ........ 315

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (It-Tieni Qari, Kont.)
CLIMATE ACTION BILL (Second Reading, Cont.) ........ 315

KUMITATI PERMANENTI ........ 319

ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (KONT.) (It-Tieni Qari, Kont.)
CLIMATE ACTION BILL (CONT.) (Second Reading, Cont.) ........ 319

AĠĠORNAMENT ........ 338

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 344

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB ........ 373

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 205, li saret fis-7 ta' Frar 2024, ġew ikkonfermati.*

## KUNSENS GĦALL-ATTI

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** Ninforma lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

Att VI tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Rapport tal-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni Maltija magħmula mill-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Cressida Galea fl-Ewwel Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2024 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, li nżammet ġewwa Strasburgu bejn it-22 u s-26 ta' Jannar 2024;

Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Modesta Farrugia et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 264/2022 TA), deċiża fil-5 ta' Diċembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 10 ta' Jannar 2024;

Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet in-Nobbli Anthony Sant Fournier et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 59/2022 TA), deċiża fil-5 ta' Diċembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 10 ta' Jannar 2024;

Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Kevin Aquilina et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 537/2022 TA), deċiża fil-11 ta' Diċembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 10 ta' Jannar 2024;

Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Brian Tonna vs Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 732/2021 LM), deċiża fis-6 ta' Diċembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura

Ċivili, flimkien ma’ ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat l-1 ta’ Frar 2024; u

Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim’Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Prince Properties Limited vs Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 424/2021 LM), deċiża fis-6 ta’ Diċembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma’ ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat l-1 ta’ Frar 2024.

## MISTOQSIJIET - TWEĠIBIET ORALI

**GĦAQDIET: SKEMA TA’ RILAXX – ĦADDIEMA SEKONDATI**

**13903. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid:

i. kemm-il trade union u NGO fil-pajjiż qegħdin jibbenefikaw mill-iskema ta’ rilaxx ta’ uffiċjali full-time magħhom, on public policy grounds?
ii. liema huma dawn it-trade unions u NGOs?
iii. kemm għandha uffiċjali pubbliċi rilaxxati magħha kull trade union u kull għaqda indikata?
iv. min huma dawn l-uffiċjali pubbliċi?
v. mil-liema dipartiment/entità ġew rilaxxati u d-data ta’ meta beda kull rilaxx; u
vi. b’liema kondizzjonijiet jiġu rilaxxati dawn l-uffiċjali pubbliċi?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għall-Artijiet u għall-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali) (f’isem il-Prim Ministru):** Ninsab informat kif ġej:

Numru ta’ trade unions: 9
Numru ta’ NGOs: 63
Total ta’ ħaddiema pubbliċi rilaxxati on grounds of public policy ma’:
Trade unions: 32
NGOs: 93

In-numru ta’ uffiċjali rilaxxati ma’ trade unions u NGOs/VOs fl-aħħar kwart tal-2023 kien strettament kif indikat mill-Manual of Special Leave Section 4 (4.1 u 4.2) li kopja tiegħu qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, fejn obbligat b’kuntratt bejn l-amministrazzjoni u NGO/VO. Dawn jinbidlu skont review jew talbiet li jsiru.

Ir-rilaxxi jsiru kemm skont talbiet ta’ unions/VOs/NGOs jew talbiet tal-ħaddiema nfushom b’kuntratt ta’ sena li jiġi mġedded. Isir tibdil fejn tintalab sostituzzjoni jew/u meta jagħlaq kuntratt.

Il-kondizzjonijiet skont il-policy dejjem ikunu biex l-amministrazzjoni twieżen l-imsieħba soċjali u lill-VOs/NGOs mingħajr tbatija mhux neċessarja lill-ħaddiema rilaxxati.

**PROĊESS TA' DIXXIPLINA SERJU - RILAXX TA' UFFIĊJALI PUBBLIĊI**

**13904. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk uffiċjali pubbliċi li jkunu nstabu ħatja fi proċess ta' dixxiplina serju u jkunu rilaxxati ma' trade union on public policy grounds, tali rilaxx għandux ikun irtirat? Jekk ma jeżistux regoli li jippermettu dan, għandhom jinbidlu r-regoli biex fi spirtu ta' governanza korretta, tali rilaxx jiggwadanjaw minnu biss persuni eżemplari?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (f'isem il-Prim Ministru):** Il-proċess tad-dixxiplina huwa ggwidat mir-Regolamenti tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

**ANZJANI LI ĠEW INTERDETTJATI MILL-FAMILJARI TAGĦHOM MINĦABBA MARD MENTALI**

**13920. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11047 u 11767, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza rispettivament, u jgħid kemm hawn anzjani li ġew interdettjati mill-familjari tagħhom minħabba mard mentali jew mard ieħor, sena b'sena, mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru konċernat.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, nixtieq nistaqsi lill-Ministru dwar il-kondizzjoni tad-dimensja li qed taffettwa lil numru kbir ta' anzjani. Jista' l-Ministru jgħidilna x'qed jagħmel il-Gvern f'dan ir-rigward?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sur President, naħseb li anke jekk wieħed isegwi l-qasam tal-midja jinduna kemm il-Gvern qed jieħu b'serjetà kbira l-ħtieġa ta' aktar interventi relatati ma' din il-kondizzjoni li hija marbuta wkoll mal-fatt li llum għandna nies li qed jgħixu aktar, għalkemm sfortunatament persuna mhux bilfors ikollha ċertà età biex timmanifesta din il-kondizzjoni.

Il-Gvern kien nieda strateġija dwar kif għandu jwieġeb għal din il-kondizzjoni u riċentement tħabbar li din l-istrateġija se tkompli titmexxa 'l quddiem. Sar ukoll investiment estensiv fuq faċilitajiet residenzjali għal min ibati minn din il-kondizzjoni. Però huwa importanti wkoll li nkomplu nsaħħu s-servizzi eżistenti għal dawn il-persuni fil-komunitajiet tagħna. Fil-fatt matul dawn l-aħħar snin infetħu numru ta' ċentri f'lokalitajiet differenti għal persuni li għandhom il-kondizzjoni tad-dimensja. Pereżempju, dan l-aħħar ġie inawgurat ċentru f'Ħal Safi.

Madankollu, apparti milli jkollna ċentri jew swali speċifikatament bħalma hemm fir-residenza San Vinċenz de Paul għal persuni li għandhom il-kondizzjoni tad-dimensja, huwa importanti li naraw postijiet simili fil-livell ta' komunità. Sfortunatament il-ħajja ta' dawk il-persuni li għandhom din il-kondizzjoni kif ukoll tal-għeżież tagħhom tinbidel mil-lejl għan-nhar. Għaldaqstant il-Gvern huwa impenjat li permezz tad-diversi servizzi li joffri fil-komunità jagħti s-sapport kollu meħtieġ sabiex jassigura l-aqwa kwalità tal-ħajja anke għal dawn il-persuni, minkejja d-diffikultajiet kollha li din il-kondizzjoni ġġib magħha.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Romilda Zarb.

**ONOR. ROMILDA ZARB:** Sur President, kif jaf kulħadd il-ġenerazzjoni Maltija qiegħda ssir dejjem anzjana u għaldaqstant aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed ikollna anzjani li qed ikomplu jgħixu fil-komunità. Fil-fatt anke l-mod kif toffri s-servizzi tagħha r-Residenza San Vinċenz de Paul qed jinbidel għax filwaqt li qabel is-servizzi li toffri kienu limitati biss għar-residenti, illum dawn is-servizzi qegħdin jiġu estiżi anke għal anzjani oħra. Pereżempju, fost dawn is-servizzi hemm dawk relatati ma' xi tip ta' kura u anke s-servizz ta' day centre. Jista' l-Ministru jikkummenta dwar dan, anke fl-isfond tal-mod kif qed jaħdem dan il-Gvern biex jindirizza l-fatt li llum in-nies qed jirnexxilhom jgħixu aktar?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sur President, kif kont qed nispjega meta kont qed inwieġeb il-mistoqsija supplimentari preċedenti, żgur li dan il-Gvern qed juri impenn sħiħ fil-kura tal-anzjani tagħna, kemm fir-rigward ta' dawk l-anzjani li għadhom jgħixu fil-komunità kif ukoll fir-rigward ta' dawk l-anzjani li qed jgħixu fid-diversi residenzi li għandna fil-pajjiż. Bla ebda dubju, qed isir l-investiment meħtieġ fid-dawl tal-fatt li llum għandna soċjetà b'aktar persuni li qegħdin jgħixu ħafna aktar. Wieħed irid isemmi wkoll li llum il-life expectancy f'pajjiżna hija ogħla, proprju għax tul is-snin, il-gvernijiet li kien hawn dejjem investew kemm setgħu biex ikollna livell ta' kura ta' saħħa dejjem aħjar u biex ikollna livell ta' servizz eċċellenti minn professjonisti tal-ogħla kalibru. Din hija xi ħaġa pożittiva għax ilkoll kemm aħna rridu naraw lill-għeżież tagħna jibqgħu magħna, iżda din ir-realtà ġabet magħha ħtiġijiet ġodda.

Bla dubju, waħda minn dawn il-ħtiġijiet hija li jkollna aktar residenzi għall-anzjani. Ir-Residenza San Vincenz de Paul kif inhi llum hija riżultat ta' investiment kontinwu, mhux biss fit-tagħmir iżda wkoll fejn jirrisjedu l-anzjani ta' din ir-Residenza. Fil-fatt, minkejja kull kritika li wieħed jista' jagħmel, il-komunità li hemm tgħix ġewwa r-Residenza San Vincenz de Paul setgħet tkompli tikber għax ir-residenza kompliet tiġi estiża. Tajjeb insemmu wkoll li tul dawn l-aħħar snin sar refurbishment estensiv f'diversi swali, u dan huwa kollu mnebbaħ mir-rieda ta' dan il-Gvern li jibqa' jagħmel investimenti b'saħħithom bil-għan li min jingħata dawn is-servizzi jibda jgħix kwalità ta' ħajja aħjar.

**GĦOTI TA' FONDI GĦAL RESTAWR**

**13927. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11104 u 11817, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol rispettivament u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10796, jista' l-Ministru jgħid matul l-2022 kemm ingħataw bħala għajnuniet fondi għar-restawr tal-knejjes, djar antiki u ħitan tas-sejjieħ mid-Direttorat tar-Restawr, u jekk minn fondi tal-Unjoni Ewropea taħt liema programm jaqgħu?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Ninsab informat mid-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni li l-istess Dipartiment mhuwiex involut f'xogħlijiet relatati ma' djar antiki jew ħitan tas-sejjieħ.

Intant, id-Dipartiment iwettaq diversi proġetti fuq knejjes u kappelli direttament permezz tal-ħaddiema tiegħu stess jew b'kuntratti. Dawn huma ffinanzjati mill-fondi lokali, mill-Voti Kapitali mogħtija lid-Dipartiment fil-Baġit annwali. Dwar dan, matul is-sena 2022 saret nefqa globali ta' €945,755 fuq proġetti ta' knejjes u kappelli.

Ukoll, id-Dipartiment jassisti b'fondi għat-twettiq ta' xogħol ta' restawr ta' assi patrimonjali ġewwa l-knejjes, bħal pitturi, skulturi, u oħrajn, permezz tar-Restoration Funding Scheme li toħroġ kull sena b'kollaborazzjoni mal-Arts Council Malta, fejn jiġu ffinanzjati proġetti żgħar b'nefqa sa €15,000, b'massimu ta' €90,000 kull sejħa.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, għadna kif iċċelebrajna avveniment importanti ħafna fil-kalendarju kulturali tagħna, il-Karnival, li reġa' kien suċċess u avveniment mill-isbaħ. Fil-fatt irrid nieħu l-okkażjoni biex nifraħ minn qalbi u ngħid prosit lil kull min b'xi mod ta sehmu fil-Karnival. Nixtieq nistaqsi lill-Ministru x'investiment għamel il-Gvern biex dan l-avveniment seta' jsir b'tant suċċess u jekk inhu possibbli jagħtina rendikont, anke mill-perspettiva tiegħu stess, dwar dak li sar u ma sarx.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, jien naqbel ħafna ma' dak li qalet l-Onor. Interpellant għax kif qal sieħbi s-Sur Jason Busuttil, li hu d-direttur artistiku tal-Karnival, il-Karnival ta' din is-sena kien Karnival tar-rekords; rekord fin-numru ta' karrijiet, rekord fin-numru ta' gruppi ta' żfin, rekord fin-numru ta' troupes li ħadu sehem, u fl-aħħar iżda mhux l-inqas, rekord fin-numru ta' nies li ħadu gost jattendu u joħolqu memorji sbieħ bis-saħħa ta' dan il-Karnival. Kien rekord ukoll għax dan kien l-ewwel Karnival fl-istorja riċenti

fejn kellna saħansitra s-silġ. Fil-fatt is-Sur George Zahra, li minkejja li għandu kważi 90 sena baqa' sal-lum jagħti l-kontribut tiegħu bla ħlas biex jiġi organizzat il-Karnival, qalli li hu qatt ma jiftakar li għamel is-silġ fil-Karnival. Fi ftit kliem, il-Karnival ta' din is-sena kien minn kull lat!

Pereżempju, jien ħadt gost immens li nġabu lura l-baned fil-Karnival. Ħadt gost nara lill-Għaqda Banda Żejtun, mhux biss għax din hija banda li jien inzertajt nafha sew, imma għax intgħażlet minħabba l-istorja u t-tradizzjoni li għandha marbuta mal-Karnival. Min jaf kemm-il darba din il-banda daqqet fil-Karnival fis-snin tmenin u anke matul is-snin ta' qabel fi żmien il-mibki Joe Attard!

Sur President, dawn huma kollha affarijiet sbieħ li jkomplu jsaħħu lill-Karnival. Ta' min jgħid ukoll li 11-il sena oħra l-Karnival f'pajjiżna se jagħlaq 500 sena, jiġifieri 11-il sena oħra mhux se jkollna l-50 edizzjoni jew il-100 anniversarju, imma l-500 edizzjoni tal-Karnival ta' Malta. Qed insemmi dan il-fatt biex wieħed japprezza l-legat b'saħħtu li għandu l-Karnival f'pajjiżna, legat li ġej minn żmien il-Kavallieri. Però s-sabiħ tal-Karnival hu li ma nħarsux lejh bħala xi ħaġa folkloristika, bħallikieku qed noħolqu rikordju ta' dak li kien jiġri qabel, imma nħarsu lejh bħala festa kontemporanja ta' kuluri u ta' attività li tagħmel sens fid-dinja tal-lum u anke matul iż-żmien li ġej.

Minn hawnhekk irrid insellem ukoll lil dawk li b'xi mod jew ieħor kienu involuti fil-Karnival li sar fid-diversi rħula tagħna, li jew tajniehom l-għajnuna tagħna aħna jew inkella s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli mill-fondi tal-kunsilli lokali, li ġentilment għenet lil diversi lokalitajiet biex fihom ikun jista' jittella' l-Karnival. Pereżempju, aħna tajna l-għajnuna tagħna biex jittellgħu l-attivitajiet tal-Karnival f'Ħal Għaxaq u fin-Nadur, Għawdex filwaqt li s-Segretarjat Parlamentari tal-Onor. Alison Zerafa Civelli ta l-għajnuna tiegħu biex għall-ewwel darba jittella' l-Karnival fiż-Żurrieq, liema għajnuna ġiet apprezzata ħafna. Fil-fatt hemm diversi lokalitajiet oħrajn li ċċelebraw il-Karnival, fosthom il-Mosta, il-Marsa u l-Ħamrun, li kellhom Karnival mill-isbaħ.

Sur President, dawn huma kollha affarijiet li jkomplu jimlewna b'kuraġġ. Jien nirringrazzja minn qalbi lil kull min hu involut fil-qasam tal-Karnival, li jagħmlu xogħol brillanti, u nixtieq nirringrazzja b'mod partikolari lil tliet persuni: lis-Sur Jason Busuttil li diġà semmejtu hawnhekk, lis-Sur Aaron Zahra li hu ċ-chairperson ta' Festivals Malta - bniedem kolt, serju u tal-affari tiegħu li hu kapaċi ħafna fejn jidħol il-problem solving, tant li jien meta jkolli diffikultà nirrikorri għandu għax iħoll l-għoqiedi - u lis-Sur Frans Agius, li bħala kap eżekuttiv ta' Festivals Malta ġab miegħu snin kbar ta' esperjenza li rajna l-frott tagħha. Jien nawgura li kulħadd ikompli jaħdem favur Karnival mill-isbaħ. Mhux kull pajjiż għandu l-Karnival. Fil-fatt jien informat li fid-dinja hawn madwar 50 pajjiż li jiċċelebraw il-Karnival, jiġifieri aħna wieħed minn dawn il-50 pajjiż u għalhekk għandna għalfejn inkunu kburin b'dan il-legat fantastiku tal-Karnival.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzja lill-ħaddiema kollha ta' Festivals Malta, li kif spiċċa l-Karnival ilbieraħ, illum bdew jaħdmu mill-ewwel fuq Mużika Mużika. Daqshekk huma ddedikati u ppassjonati l-ħaddiema tagħna, li jien kburi bihom immensament.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, aħna nħaddnu l-aspett kulturali għax jogħġobna u rridu narawh jitkattar fost uliedna. Għalhekk nixtieq nistaqsi lill-Ministru x'inhi l-ħidma tal-Ministeru tiegħu fir-rigward tat-tfal tagħna. Apparti l-passaport li ngħata lit-tfal tagħna minn Heritage Malta, nixtieq li l-Ministru jispjegalna x'qed isir biex fost uliedna jkompli jixxettel l-għarfien kulturali, aktar u aktar meta, kif nafu, illum għandna nies ta' kulturi differenti jgħixu f'pajjiżna.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Kemm għandha raġun l-Onor. Interpellant, Sur President, meta qed tisħaq li għandna "nxettlu" – dan il-verb li użat huwa tassew sabiħ – fit-tfal tagħna l-imħabba għall-kultura. Nieħu gost nisma' dan it-tip ta' diskors fil-Parlament, anke għax jien nemmen li matul il-jiem li għaddew il-Karnival għen ħafna biex jixxettel sentiment favur il-kultura fit-tfal tagħna. Jien rajt ħafna tfal jieħdu gost fil-Karnival u m'għandix dubju li meta t-tfal jitilgħu l-Belt Valletta jew inkella jmorru l-Karnival li jkun qed jiġi ċċelebrat fil-lokalità

tagħhom stess u jaraw dak il-ġmiel ta' kostumi u karrijiet, ġo fihom tinżera' l-imħabba għall-kultura. Però aħna mhux biss bil-Karnival ninvestu fit-tfal tagħna, imma hemm ukoll inizjattivi partikolari oħra li fassalniehom u ħmejniehom speċifikatament għat-tfal.

L-ewwel nett irrid insemmi l-Festival ŻiguŻajg, li huwa festival mill-isbaħ. Biżżejjed ngħid li matul dawn l-aħħar għaxar snin investejna kważi €3 miljun f'dan il-festival, jiġifieri jekk tiġbor il-flus kollha li investejna f'dan il-festival għal ġenerazzjoni waħda ssib li dawn jitilgħu għal €3 miljun, għalkemm jien inbierek kull ċenteżmu li nonfqu fih. Fil-bidu, dan kien festival ta' ftit jiem biss, imma llum huwa festival li jittella' s-sena kollha, u allura fil-fehma tiegħi ŻiguŻajg huwa wieħed mill-aqwa eżempji ta' dak li aħna qed nagħmlu għat-tfal fis-settur kulturali.

It-tieni ħaġa li rrid insemmi huwa x-xogħol li qed inwettqu mat-tfal tagħna bis-saħħa tal-Culture Pass fejn id-Direttorat tal-Kultura joffri lill-iskejjel kollha ta' pajjiżna menu biex dawn l-istess skejjel ikunu jistgħu jagħżlu li l-kultura tmur fl-iskola tagħhom. B'hekk imbagħad fl-iskola jittellgħu attivitajiet kulturali tal-aqwa livell u performances mill-isbaħ, kemm għall-ġid tal-istudenti kif ukoll għall-ġid tal-artisti nfushom, għax b'dan il-mod l-artisti jkunu qed jinħolqulhom bosta opportunitajiet.

It-tielet u l-aħħar eżempju li se nagħti - u se nieqaf hawnhekk għax ma rridx nieħu ħafna ħin - jirrigwarda l-Heritage Malta Passport Scheme, inizjattiva mill-isbaħ li permezz tagħha t-tfal ikunu jistgħu jidħlu fis-siti kollha ta' Heritage Malta b'xejn u magħhom ikunu jistgħu jidħlu żewġ adulti, li mhux bilfors ikunu membri tal-familja tagħhom. Għalhekk jien inħeġġeġ lin-nies biex jagħmlu użu minn dan il-passaport. Pereżempju, kienu ħafna dawk li staqsewni kif se jagħmlu biex iżuru l-Palazz tal-President b'xejn għax in-nies jistaqsuni direttament kif se jagħmlu biex jidħlu b'xejn! Min-naħa tiegħi jien ngħidilhom li jekk stess iħallsu xi ħaġa żgħira, aħna dik ix-xi ħaġa napprezzawha dejjem għax il-qasam jirrikjedi li dawk il-flus jerġgħu jiġu investiti, imma biex jidħlu b'xejn jistgħu jmorru ma' wliedhom stess. Dawn huma tip ta' inizjattivi li aħna se nkomplu mmexxuhom 'il quddiem għall-ġid tal-patrimonju tagħna.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, l-ewwel nett nixtieq ningħaqad mal-Ministru biex nirringrazzja lill-ħaddiema kollha li matul dawn l-aħħar jiem kienu involuti b'xi mod jew ieħor maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival li saru f'Malta u Għawdex. Napprezza wkoll l-impenn tal-kunsilli lokali f'dawn il-jiem għax prattikament f'kull lokalità kien hemm tifħir għall-effiċjenza li wrew numru ta' kunsilli lokali f'dak li għandu x'jaqsam ma' tindif.

Ninsabu biss ftit xhur 'il bogħod mill-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali, u meta nitkellem mas-sindki - kif ċert li jagħmel anke l-Ministru - dawn jgħiduli li matul dawn l-aħħar snin il-kunsilli lokali tnaqqsulhom ħafna mill-poteri li kellhom qabel. Numru minna f'din il-Kamra bdew il-ħidma politika tagħhom proprju mill-familja tal-kunsilli lokali, u bħalissa hawn preżenti anke eks sindki f'din il-Kamra jsegwu din is-seduta. Għalhekk nixtieq li l-Ministru jgħidilna x'se jkun qed jagħmel il-Gvern biex matul il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin jibdel din it-tendenza u minflok ikompli jnaqqas ir-responsabbiltajiet lill-kunsilli lokali, jibda jagħtihom responsabbiltajiet ġodda, għax fl-aħħar mill-aħħar il-kunsilli lokali kienu twaqqfu biex issir devoluzzjoni fil-poter. Nixtieq li l-Ministru jgħidilna wkoll liema se jkunu r-responsabbiltajiet il-ġodda li l-Gvern se jkun qed jgħaddi lill-kunsilli lokali.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, jien nieħu gost nitkellem dwar dan is-suġġett flimkien mal-Onor. Interpellant għax meta kien sindku, sieħbi l-Onor. Robert Cutajar kien għamel ħafna ġid fil-Mellieħa. Jien ukoll kont bdejt mill-kunsilli lokali bħala viċi sindku ta' Marsaskala filwaqt li l-kollega tiegħi s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli kienet sindku eċċellenti fil-lokalità ta' Bormla. (Interruzzjonijiet) Sintendi, hawn ħafna eks sindki f'din il-Kamra, imma jien qed insemmi l-istrikers! Li rrid ngħid hu li aħna m'aħniex nies li npaċpċu biss fuq il-kunsilli lokali imma nħobbuhom għax aħna ħriġna proprju mill-kunsilli lokali. Li kieku ma nħobbux lill-kunsilli lokali ma konniex niddedikaw dawk is-snin kollha ta' ħidma għall-kunsill lokali. Pereżempju, kemm jien kif ukoll is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli għamilna żewġ leġiżlaturi

sħaħ naħdmu fil-kunsilli lokali, jiġifieri aħna rridu lill-kunsilli lokali jimxu dejjem 'il quddiem.

Issa meta jitressaq dan l-argument dwar il-kompetenzi tal-kunsilli lokali, nispera li l-kollega tiegħi l-Onor. Robert Cutajar mhux se jieħu għalih jekk ngħidlu li hemm punti fejn inħoss li l-Oppożizzjoni m'għandhiex kredibilità. Għaliex? Għax, pereżempju, huwa faċli li tgħid li se żżid il-kompetenzi lill-kunsilli lokali, imma jekk imbagħad naraw x'kien jagħmel il-Partit Nazzjonalista meta kien fil-gvern ... U din m'iniex qed ngħidha b'mod politiku, imma qed ngħidha ġenwinament. Pereżempju, meta jien kont fil-kunsill lokali taħt Gvern Nazzjonalista, il-Gvern kien nieda skema biex isiru t-toroq li konsegwenza tagħha mela lill-kunsilli lokali kollha dejn. Għall-kuntrarju, il-Gvern Laburista għamel skema li biha, minflok mela lill-kunsilli lokali kollha dejn, għen lill-kunsilli lokali biex isiru t-toroq tal-lokalità tagħhom. Issa għiduli ftit liema hi l-aħjar għażla minn dawn it-tnejn; li timla lill-kunsilli lokali bid-dejn jew inkella li bħala gvern tant tkun effiċjenti u effettiv li tgħin lill-kunsilli lokali jagħmlu t-toroq tal-lokalità tagħhom filwaqt li l-flus tħallihom għand il-kunsilli lokali? Dik hija d-differenza bejn il-Gvern Nazzjonalista u l-Gvern Laburista.

Issa jien ma nistax naqbel mal-ħabib tiegħi l-Onor. Cutajar meta qed jgħid li aħna neħħejna l-poteri mill-kunsill lokali għaliex kien hemm istanzi fejn dawn il-poteri żdiedu u mhux naqsu. Fejn jidħlu t-toroq diġà spjegajt x'għamilna imma, pereżempju, ħalli nġib eżempju żgħir ieħor li meta kkomparat ma' dak tat-toroq huwa eżempju żgħir ħafna.

Qed nirreferi għall-kwestjoni tal-caravans. Min jaf kemm-il darba l-ħabib tiegħi l-Onor. Albert Buttigieg tkellem - u bir-raġun għax kien qanqal argument importanti - dwar il-kwestjoni tal-caravans, u aħna ma rqadniex imma aġixxejna fuq tali kwestjoni. L-Onor. Albert Buttigieg kien jgħidilna: "Huwa aċċettabbli li jasal is-sajf, tmur Baħar iċ-Ċagħaq u ħlief caravans quddiem ix-xtajta ma tarax tant li anzjani li jkunu jridu jinżlu jgħumu ma jkunux jistgħu jagħmlu dan?!" Li kieku ridna, aħna stajna qabbadna lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali jew lil xi entità oħra biex ikun hu r-regolatur, imma aħna m'għamilniex hekk. Minflok, aħna għażilna li r-regolatur ikun il-kunsill lokali. B'hekk anke meta jiġu n-nies għandi u jgħiduli: "Ministru, ara tirranġalix biex nipparkja l-caravan hemmhekk u nħallas €5 skont ir-regolamenti!", jien ngħidlu: "Sieħbi, mhux lili trid tgħid għax aħna nemmnu fil-kunsilli lokali u għalhekk tajna dak il-poter lill-kunsilli lokali!" Imbagħad dan imur għand il-kunsill lokali rispettiv u jekk il-kunsill lokali jgħidlu "iva", allura dan iħallas dak li hu dovut minnu u jipparkja l-caravan tiegħu f'dik il-lokalità għall-erba' xhur tas-sajf u jekk jgħidlu "le", allura l-istorja tieqaf hemm għax id-deċiżjoni tal-kunsill lokali tgħodd. Hawnhekk irrid ngħid li lill-kunsilli lokali tajniehom poter ġdid li huwa importanti, u mhuwiex xi poter żgħir. Li kieku ridna, aħna stajna għażilna li nżommu dak il-poter aħna, iżda minflok għażilna li nagħtuh lill-kunsilli lokali. Għalhekk nappella lill-Oppożizzjoni biex meta titkellem fuq il-kunsilli lokali tara ftit l-affarijiet sewwa qabel ma taqbad u tgħid li aħna żarmajna l-poteri tal-kunsilli lokali. (Interruzzjonijiet)

Sur President, jien nifhem li min ikun qiegħed f'xi kunsill lokali, huwa jkun jixtieq u anke jħeġġeġ lill-gvern tal-ġurnata biex jiġu delegati lilu aktar poteri. Mhux ovvja din?! Anke jien bħala Ministru, u naħseb li anke s-Segretarju Parlamentari tixtieq li jkollna aktar poteri, u dan mhux għalina nfusna imma biex inkunu f'pożizzjoni aħjar li ngħinu lil dak li jkun. Jiġifieri intom taħsbu li jien, l-ewwel wieħed, bħala Ministru, ma nkunx nixtieq li jkolli aktar għodod biex ngħin lin-nies?! Għalhekk jien nifhimhom lill-kunsillieri tagħna meta jqajmu dan l-argument, però jekk tħares lura u tirrifletti fuq kif mexa dan il-Gvern mal-kunsilli lokali tirrealizza li l-ewwel u qabel kollox dan kien il-Gvern li tahom l-akbar baġit fl-istorja. Jien nistedinkom biss biex taraw x'kienu jingħataw il-kunsilli lokali għaxar snin ilu u x'qed jingħataw illum. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għal Tqegħid ta' Karti. Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Lista nru 67 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll matul l-2018 fil-laqgħat tal-15 ta' Jannar, tal-20 ta' Marzu, tas-17 ta' April, tal-15 ta' Mejju, tas-16 ta' Lulju, tal-20 ta' Awwissu, tal-10 ta' Settembru, tat-18 ta' Ottubru u tat-22 ta' Novembru 2018;

Lista nru 68 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll matul l-2019 fil-laqgħat tal-10 ta' Jannar, tal-15 ta' Frar, tal-4 ta' April, it-2 ta' Mejju, l-11 ta' Ġunju, tat-12 ta' Lulju, tat-13 ta' Awwissu, tas-17 ta' Settembru, tal-15 ta' Ottubru u tal-20 ta' Diċembru 2019;

Lista nru 69 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll matul l-2020 fil-laqgħat tal-14 ta' Jannar, tal-14 ta' Frar, tal-10 ta' Marzu, tat-23 ta' Ġunju, tal-24 ta' Lulju, tat-28 ta' Awwissu, tal-25 ta' Settembru, tas-26 ta' Ottubru, tat-23 ta' Novembru u tat-22 ta' Diċembru 2020;

Lista nru 70 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll matul l-2021 fil-laqgħat tat-18 ta' Jannar, tal-15 ta' Frar, tas-26 ta' April, l-24 ta' Mejju, l-21 ta' Ġunju, tat-23 ta' Awwissu, tat-3 u s-27 ta' Settembru, tal-25 ta' Ottubru, tas-16 ta' Novembru u tas-17 ta' Diċembru 2021;

Lista nru 71 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll matul l-2022 fil-laqgħat tat-28 ta' Jannar, tal-25 ta' Frar, tal-21 ta' Marzu, tat-22 ta' April, tat-23 ta' Mejju, tal-20 ta' Ġunju, tat-28 ta' Lulju, tad-29 ta' Awwissu, tas-26 ta' Settembru, tal-24 ta' Ottubru, tal-21 ta' Novembru u tad-19 ta' Diċembru 2022;

Lista nru 72 ta' korrezzjonijiet/żidiet/qtugħ magħmula mill-Uffiċċju Konġunt u approvata mill-Kumitat tal-Kontroll matul l-2023 fil-laqgħat tat-23 ta' Jannar, tal-10 ta' Marzu, tal-14 ta' April, tad-19 ta' Mejju, tat-30 ta' Ġunju, tal-24 ta' Lulju, tal-4 ta' Settembru, tad-9 ta' Ottubru, tat-13 ta' Novembru u tal-21 ta' Diċembru 2023;

Tabella li turi d-dati tas-sejħiet li nħarġu sabiex ikunu impjegati avukati fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet fil-perjodu bejn Awwissu 2017 u Awwissu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16269;

f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 30 tal-2024 – Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu jaħdmu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari 14875;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Lista ta' NGOs li waqfu joperaw mill-2022 sa Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13972;

Informazzjoni dwar Chairpersons u CEOs li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W46;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu jaħdmu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14877;

Rapport Annwali għall-perjodu li għalaq fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Gozo Heliport Ltd, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15588;

Tabella li turi n-nefqa globali fuq overtime fil-Gozo Channel Operations Ltd fil-perjodu bejn Jannar 2022 u Diċembru 2023 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15590;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Ritratt li juri tabelli temporanji ta' senjalazzjoni tal-limiti tal-veloċità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15532;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu jaħdmu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari 14879;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar il-ħlas li ngħata lill-avukati in house u avukati oħra li ngħataw xogħol legali mill-Wasteserv fil-perjodu bejn l-2021 u l-2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari 13953;

Lista li turi n-numru ta' proprjetajiet li għandhom servizz residenzjali tad-dawl u tal-ilma, maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W30;

Lista li turi n-numru ta' proprjetajiet li għandhom servizz residenzjali tad-dawl, maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W31;

Lista li turi n-numru ta' proprjetajiet li għandhom servizz residenzjali tal-ilma, maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W32;

Lista li turi n-numru ta' proprjetajiet li għandhom servizz mhux residenzjali tad-dawl u tal-ilma, maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W33;

Lista li turi n-numru ta' proprjetajiet li għandhom servizz mhux residenzjali tad-dawl, maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W34;
Lista li turi n-numru ta' proprjetajiet li għandhom servizz mhux residenzjali tal-ilma maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W35;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 29 tal-2024 – Indiċi tal-Inflazzjoni għas-Sena 2023;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14041 dwar in-numru ta' studenti li applikaw għas-servizz ta' LSE li l-applikazzjoni tagħhom għadha qed tiġi pproċessata, li ngħatat fis-seduta 197 tat-22 ta' Jannar 2024;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Soġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Iffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Miżuri kontra sewqan perikoluż li ttieħdu fi Triq San Bastjan f'Ħal Qormi minn Transport Malta f'Novembru 2018 u f'Awwissu 2020, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari W40.

## FTEHIM TAL-KAMRA

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, nitlob il-permess tal-Kamra sabiex, speċifikament għar-rigward tal-Mozzjoni Nru 208 - Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 dwar Aġenziji tal-Impjieg imressqa mill-Onor. Ivan Castillo, it-terminu ta' 60 jum kif stipulat fl-Artikolu 11(1) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249, iż-żmien li fih il-Kamra tista' tirriżolvi li tiġi annullata jew emendata leġiżlazzjoni sussidjarja, jiġi estiż sal-aħħar ta' Frar 2024. Din l-estensjoni qiegħda tintalab sabiex ikunu jistgħu jsiru abbokkamenti ulterjuri bejn iż-żewġ naħat skont il-ftehim milħuq fis-seduta 197 tat-22 ta' Jannar 2024, u ċjoè illi minkejja li d-diskussjoni dwar din il-Mozzjoni kellha tieħu seduta waħda, filwaqt li d-diskussjoni dwar din il-Mozzjoni ġiet konkluża, il-mistoqsija fuq l-emenda mressqa mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, u sussegwentement fuq il-mozzjoni, għandha titqiegħed fi stadju ulterjuri.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Onor. Robert Cutajar, inti tikkonferma dan il-ftehim?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Iva.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kamra qablet u l-permess ingħata.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Stqarrijiet Ministerjali? Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA

## CLIMATE ACTION BILL

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mis-7 ta' Frar 2024.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Rimarki? Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Sur President, illum qed nitkellmu fuq it-tibdil tal-klima filwaqt li qabel konna nitkellmu fuq aspetti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-ambjent, li hija xi ħaġa marbuta intimament ma' dan is-suġġett. Anke dan is-suġġett li se nkomplu nitkellmu fuqu llum huwa intimu u huwa marbut mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari mal-liġi internazzjonali pubblika.

Ta' min jgħid li l-liġi internazzjonali għandha żewġ branki: il-Public International Law, li tirregola r-relazzjonijiet bejn l-Istati, u l-Private International Law, li filwaqt li wkoll tirregola r-relazzjonijiet bejn l-Istati, f'dan il-każ il-liġi titkellem fuq individwu jew kumpanija partikolari. Forsi ftit hawn min jaf li għalkemm pajjiżna huwa żgħir, minn dejjem kellu rwol importanti fejn tidħol il-liġi internazzjonali, u bħala pajjiż tajna diversi kontributi li għadhom jagħmlu sens sal-ġurnata tal-lum. Fil-fatt ta' min jgħid li l-United Nations Convention on the Law of the Sea (UNCLOS), li hija l-ewwel konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fejn tidħol il-liġi marittima, twieldet proprju minn inizjattiva Maltija.

Dak iż-żmien, jidhirli fl-1967, kienet saret konferenza sabiex in-Nazzjonijiet Uniti jkollha konvenzjoni li tirregola l-liġi marittima, u għalhekk nistgħu ngħidu li marbut ma' dan kollu kien hemm l-aspett ambjentali. F'din il-konvenzjoni Malta kienet rappreżentata minn Arvid Pardo u, kif għedt diġà, pajjiżna kien kruċjali biex twaqqfet l-ewwel konvenzjoni internazzjonali fuq il-liġi tal-baħar. Fil-fatt pajjiżna kien strumentali wkoll fil-ħolqien ta' konċetti oħrajn marbutin mal-liġi tal-baħar, bħall-konċett ta' 'common heritage of mankind',

jiġifieri li ċerti affarijiet - f'dan il-każ affarijiet li huma relatati mal-qasam marittimu - għandhom jitqiesu bħala wirt komuni tal-umanità. Pajjiżna kien ta sehmu biex jinħoloq dan il-konċett kif għadu jagħti sehmu sal-lum il-ġurnata.

Konċett ieħor li forsi m'għadux relevanti daqs il-konċett ta' 'common heritage of mankind' huwa meta minħabba l-iżviluppi li rajna madwarna bħala umanità, bdejna nitkellmu wkoll dwar il-konċett ta' 'common concern of mankind'. Mela mill-konċett ta' 'common heritage of mankind', jiġifieri mill-konċett ta' wirt komuni li huwa ta' kulħadd, hawnhekk morna għal konċett differenti, u ċjoè li madwarna qed naraw ċerti realtajiet li huma ta' tħassib għall-umanità kollha. Hawnhekk pajjiżna kien strumentali wkoll fejn ta u għadu qed jagħti sehem fl-iżvilupp ta' dan il-konċett li forsi huwa aktar modern mill-konċett tal-'common heritage of mankind'.

Sur President, jekk wieħed iħares ftit lejn l-istorja jsib li mhux kulħadd kien favur ċerti partijiet minn din il-Konvenzjoni għax kien hemm min kellu interessi nazzjonali, però ejjew ma naħsbux li din hija xi ħaġa tal-lum biss. Jekk immorru lura fi żmien l-Imperu Ruman insibu li l-konċett li l-foreshore huwa *res universitatis* - jiġifieri li l-kosta ta' mal-baħar hija ta' kulħadd - kien imbottat 'il quddiem l-aktar minħabba l-fatt li l-Imperu Ruman kellu flotta formidabbli għal dak iż-żmien, u allura kien jinteressah li jekk wara battalja jinkalja vapur, għall-inqas kien ikun jista' jgħid li l-foreshore huwa *res universitatis*, jiġifieri huwa ta' kulħadd.

Fil-fatt dan il-konċett għadu magħna sal-lum, għalkemm meta xi kultant jingħataw xi beach concessions, dawn iqajmu ċerta diskussjoni. Imma l-punt tiegħi hu li anke f'affarijiet bħal dawn jidħlu l-interessi nazzjonali. Hawnhekk nista' nsemmi wkoll - anke għax forsi din hija issue li hija aktar viċin pajjiżna - il-pożizzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka dwar kemm jistgħu jkunu kbar l-ibħra territorjali ta' pajjiż, saħansitra bil-konsegwenza li ma jkollokx free passage. Ħafna minna hawnhekk għexna anke t-tensjoni li kien hemm konsistentement bejn l-Istati Uniti u l-Libja, partikolarment fuq il-famuż Golf ta' Sirte, tensjoni li kienet ikkawżata preċiżament minħabba li kien hemm interessi differenti, għax filwaqt li kien hemm min kien qed jgħid li hemmhekk huwa magħluq u l-ibħra territorjali huma minn hemm 'il barra, ovvjament l-Istati Uniti ma qablitx u qalet li l-ibħra territorjali huma tliet mili 'l barra mill-kosta.

Ta' min ifakkar li anke pajjiżna kellu kawża ta' natura internazzjonali minħabba l-famuża demarkazzjoni tal-linja medjana. Dwar din l-issue tkellimna, kif għadna qed nagħmlu sal-lum, għax għad m'hemmx linja daqstant ċara bejn xi ħaġa li hija wirt tal-umanità u xi ħaġa li hija ta' tħassib għall-umanità. Bla dubju, illum wieħed mill-akbar tħassib tal-umanità huwa t-tibdil fil-klima. Hawnhekk nixtieq insellem b'mod partikolari lill-Prof. David Attard - li jien kont student tiegħu u li għal snin twal għallem id-dritt pubbliku internazzjonali fl-Università ta' Malta - minħabba l-kontribut kbir li ta meta pajjiżna kien ħa ċerta inizjattiva f'dan ir-rigward. Jekk m'iniex sejjer żball, pajjiżna kien qajjem dan il-konċett fl-1989 jew fl-1990, meta dak iż-żmien konna nitkellmu biss fuq il-global warming.

Niftakar li kien proprju Dr Eddie Fenech Adami, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, li kien qajjem din id-diskussjoni fin-Nazzjonijiet Uniti. Ovvjament kemm l-Eks Prim Ministru Eddie Fenech Adami kif ukoll Prof. David Attard kienu qegħdin jitkellmu f'isem il-pajjiż, imma bla dubju kien hemm ċertu input li juri li aktar minn bniedem politiku bħali, min kien qed jitkellem kien aktar akkademiku, u akkademiku ta' ċertu livell. Dak iż-żmien konna diġà qed ninnotaw li l-klima fid-dinja qiegħda tisħon, u ma' din il-problema konna rbatna wkoll il-konċett tal-famuż "ozone layer", jiġifieri dak il-faxx 'il barra mill-atmosfera tagħna li għandu l-funzjoni li jiffiltra ċerti raġġi li jkunu ġejjin mix-xemx. Kif naħseb li għad hawn min jiftakar, fl-aħħar tas-snin tmenin u l-bidu tas-snin disgħin dan kien fenomenu b'saħħtu, u l-akbar diffikultajiet li kien qed ikun hemm fir-rigward ta' dan l-ozone layer kienu fin-naħa ta' fuq u fin-naħa t'isfel tal-globu, jiġifieri fin-naħa tal-Artiku u tal-Antartiku.

Dan il-fenomenu beda jwassal ukoll biex jinħall aktar silġ, u fil-fatt ir-rata li biha llum qed jinħall is-silġ, sew fl-Artiku kif ukoll fl-Antartiku, hija waħda allarmanti. Bħala effett ta' dan kollu, l-oċeani xi ftit jew wisq bdew jespandu għax għalkemm il-klima bdiet tisħon b'xi 2 jew 3 gradi biss, meta titkellem fuq oċean b'dawk it-triljuni ta' kilometri kwadri ta' ilma baħar, anke l-iċken differenza fit-temperatura tħalli l-effett tagħha. Fil-fatt anke f'pajjiżna stess qed ninnotaw id-differenza. Pereżempju, hawn se nsemmi post partikolari, Fond Għadir, Tas-Sliema. Illum meta

mmur fejn kont immur nilgħab il-futbol 50 sena ilu - jiġifieri meta kelli għaxar snin - ninnota li dik il-biċċa simenta li konna nilagħbu l-futbol fuqha llum hija mgħarrqa b'xi tmien pulzieri ilma.

Hawn min jargumenta li mhux l-ewwel darba li d-dinja esperjenzat tibdil klimatiku u li l-istorja tirrepeti ruħha. Biżżejjed insemmu Żmien is-Silġ meta d-dinja kienet miksija bis-silġ u pajjiżna kien magħqud mal-Ewropa u mal-Afrika. Fil-fatt ċerti fdalijiet li nsibu f'Għar Dalam huma prova ta' dan. Ovvjament meta nħall dak is-silġ kollu, li kien fenomenu għad-dinja, dan kien għamel differenza enormi fil-livelli tal-ibħra tagħna tant li nħolqu l-oċeani.

Terġa', jekk immorru aktar lura, irridu nsemmu wkoll li l-klima tagħna għaddiet minn perjodu li huwa marbut ma' żmien id-dinosawri - ġieli biex jiġbduli saqajja jsejħuli "dinosawru politiku", imma dik wieħed jeħodha bħala ċajta! - meta hu mifhum li l-klima fid-dinja kienet ferm u ferm aktar sħuna milli hi llum. Id-dinja għamlet anke eluf sħaħ ta' snin fi dlam totali. Ir-raġunament jew il-ħsieb wara dan kollu hu li ħabtet kometa jew meteorita qawwija mad-dinja u bl-isplużjoni d-dinosawri nqerdu, id-dinja għaddiet minn perjodu ta' sħana kbira u kien hemm id-dlam għal perjodu twil ta' żmien.

Ovvjament dawn huma teoriji, imma naħseb li ċerti realtajiet nistgħu narawhom. Huwa veru li minn żmien għal żmien ikun hemm tibdil fil-klima, u huwa veru wkoll li diġà għaddejna minn tibdil fil-klima. Imma forsi l-akbar imbottatura 'l quddiem għal dan it-tibdil, li forsi għall-bidu ma konniex ninnotawh daqshekk, x'aktarx li kienet ikkawżata mir-rivoluzzjoni industrijali meta l-bniedem beda juża l-fuels f'ċerti ammonti, u bħala konsegwenza dawn bdew iħallu ħafna effetti fuq il-klima. Madankollu li jolqtok ħafna hu li filwaqt li qabel dan it-tibdil kien ikun mifrux fuq eluf, jekk mhux miljuni ta' snin, it-tibdil li qed naraw illum qed isir b'rata ferm aktar mgħaġġla. Huwa veru li n-natura tirriġenera lilha nnifisha, iżda llum, bejn bil-popolazzjoni li għandna u bejn bl-inkwinament li għamilna u li għadna qegħdin nagħmlu, naħseb li llum l-aktar ħaġa li tolqtok hi l-pass mgħaġġel li bih qiegħda tinbidel il-klima tad-dinja.

Tibdil kien hemm żgur, Sur President. Meta nitkellmu fuq iż-żejt, fuq il-petrol u fuq id-diesel qegħdin nitkellmu fuq fossil fuels, u ta' min jgħid li dawn il-famużi fossil fuels, li ma nafx kemm il-100 sena jew miljun sena għandhom, xi darba kienu l-karbonju ta' xi siġra, però t-tibdil li sar qabel dejjem kien jieħu ż-żmien tiegħu. Għall-kuntrarju, illum m'aħniex qegħdin naraw dak il-pass kajman għax it-tibdil fil-klima qed isir b'pass mgħaġġel ħafna u, nażżarda ngħid, li l-effetti tiegħu qed jinħassu drastikament. Jien m'iniex ġej minn xi lokalità rurali, imma billi pajjiżna huwa pajjiż żgħir wieħed jitkellem ma' kulħadd, u lili jgħiduli li minħabba li l-klima sħuna qed tippersisti anke f'dawk ix-xhur li tradizzjonalment ikunu kesħin u li normalment matulhom is-siġar "jorqdu" - għax dak huwa t-terminu li jiġi użat - illum jekk wieħed imur fil-kampanja fl-aħħar ta' Jannar jew fil-bidu ta' Frar jara s-siġar tal-lewż mimlijin fjuri. Dan huwa fenomenu għax din ma kinitx xi ħaġa maħsuba min-natura.

Sur President, issa forsi hawn wieħed jista' jistaqsini: "Allura bil-passi li se nieħdu aħna, se nsolvuh dan it-tibdil fil-klima?" Li hu żgur hu li rridu nagħtu sehemna wkoll. Jekk wieħed iħares lejn dak li qed jiġri fil-qasam tal-agrikoltura, partikolarment fin-naħa tal-Mediterran, isib li f'Malta u f'Ċipru b'mod partikolari - forsi anke minħabba li huma gżejjer u li huma żgħar fid-daqs - is-siġar mhumiex qed ikunu daqstant b'saħħithom għax qed jagħmlu snin ma jorqdux, u allura hemmhekk l-effett tal-klima qed jinħass ferm aktar. Din mhijiex xi ħaġa ġdida, imma sfortunatament biex aħna bħala umanità nieħdu lezzjoni, trid issir katastrofi jew inkella xi ħaġa oħra li taffettwa lil ħafna u ħafna pajjiżi.

Pereżempju, 30 sena ilu konna nitkellmu fuq il-famuża "acid rain", li kienet ikkawżata minn ċerta kimika li kienet tintuża u anke minn ċertu tniġġis. B'hekk imbagħad kien hemm impenn aktar b'saħħtu biex aħna bħala umanità nibdew naħsbu fuq fenomeni bħalma hu t-tibdil fil-klima. Pereżempju, konna nitkellmu fuq transboundary pollution, li tirreferi għal meta wieħed jagħmel inkwinament f'pajjiżu, imma l-effetti ta' dak l-inkwinament imorru lil hinn mill-konfini ta' dak il-pajjiż fejn ikun qed isir dak l-inkwinament. Ovvjament meta inti jkollok inkwinament, dan mhux se jieqaf mal-konfini ta' pajjiżek iżda se jmur f'pajjiżi oħrajn.

Illum kulħadd jitkellem fuq il-green transition u fuq il-bżonn li nkunu aktar eco-friendly, u hekk għandu jkun, imma mbagħad hemm pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw li qed jgħidulna:

"Intom l-Ewropej, l-ewwel ma nafx kemm-il miljun tunnellata ta' inkwinament fl-arja waddabtu li qed twassal għat-tibdil fil-klima, u mbagħad tippretendu li aħna ma niżviluppawx lil pajjiżna, li ma nimxux 'il quddiem u li ma nindustrijalizzawx lilna nfusna?!"

Naħseb illi wieħed mill-aktar effetti li rajna u li ta xokk lid-dinja kien l-inċident li seħħ f'Chernobyl, li forsi għad hawn min jiftakru. F'Chernobyl kien seħħ inċident li naħseb li kien wake-up call għall-umanità kollha biex naraw kif b'dak li qed nagħmlu qed naffettwaw lill-klima u lill-elementi oħra tan-natura. Ironikament tgħidx kemm għadhom jiġġieldu madwar il-post fejn kien dan il-misħut impjant nukleari fl-Ukrajna. Ta' min jgħid li dan l-inċident kien ukoll ikkontribwixxa bil-kbir għall-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin fejn allura l-purtiera tal-ħadid ġiet megħluba, u fil-fatt ftit ilu għalhekk għedt li xi kultant irridu ngħaddu minn xi katastrofi biex nitgħallmu.

Kif għedt diġà, jien m'iniex ġej minn xi ambjent rurali imma l-effetti tat-tibdil fil-klima huma tanġibbli, jiġifieri qed jinħassu. Bla dubju se jkollna wkoll effetti oħra, u sfortunatament il-previżjoni hi li dawn l-effetti mhumiex se jkunu pożittivi imma aktar se jkunu negattivi. Uħud mill-pajjiżi li qed jikkontribwixxu biex inkomplu nagħmlu l-ħsara lin-natura ta' madwarna - għax ejjew ngħidu li mhux qed jagħmlu ħsara lill-klima direttament - konna nippretendu aħjar minnhom. Pereżempju, ir-Russja tinsab għaddejja b'deep sea-mining b'saħħtu ħafna fl-Artiku, filwaqt li din il-ġimgħa jew il-ġimgħa l-oħra n-Norveġja ddikjarat li se tibda din il-proċedura hija wkoll. Ovvjament ikun hemm l-interessi ekonomiċi nazzjonali fin-nofs, imma ma rridux ninsew ukoll li affarijiet bħal dawn qed iwasslu għal riperkussjonijiet fit-tibdil tal-klima, mhux biss f'pajjiżna imma fi pjaneta sħiħa.

Jien qed nifhem li ż-żewġ naħat ta' din il-Kamra qed naqblu li għandna nagħtu sehemna fil-liġi internazzjonali pubblika, bħalma għamilna fis-snin li għaddew, kif semmejt aktar kmieni fid-diskors tiegħi. Huwa wkoll fl-interess ta' kulħadd li jekk ma nkunux kapaċi neliminaw it-tibdil fil-klima, għall-inqas għandna naraw li dan it-tibdil ma jsirx daqshekk bl-għaġla iżda jsir b'pass aktar kajman.

Sur President, nixtieq nikkonkludi l-intervent tiegħi kif bdejtu; li ċerti affarijiet la jiddistingwu fruntiera minn oħra u lanqas kulur minn ieħor, għax jaffettwaw lil kulħadd. Għalhekk aktar ma ninvestu biex nifhmu kemm hu importanti l-konċett tal-'common concern of mankind', aħna bħala umanità aktar ikollna ċans li jkollna futur tajjeb, irrispettivament mill-konsiderazzjonijiet ekonomiċi li jista' jkun hemm f'dan ir-rigward. Forsi aħna m'aħniex se nilħqu d-diżastri li għad iridu jiġu - u jalla ma jiġux - imma almenu għandna naraw li lil uliedna, lil ulied uliedna u lil ulied ulied uliedna nħallulhom dinja aħjar billi nkunu l-gwardjani tal-ambjent għall-ġenerazzjonijiet futuri. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER**: Id-diskussjoni se tiġi interrotta għal ftit ħin biex l-Onor. Michael Farrugia jirrapporta fuq ħidma tal-Kumitat.

*Fil-5.01 p.m. id-diskussjoni ġiet interrotta għal ftit mumenti.*

## KUMITATI PERMANENTI

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi):** Sur President, nirrapporta li:

Abbozz Nru 68 - Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3);

Abbozz Nru 73 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport; u

Abbozz Nru 80 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2)

għaddew mill-istadju ta’ Kumitat b’emendi.

Nixtieq nieħu wkoll din l-opportunità biex nirringrazzja lill-istaff tal-Parlament li ħafna drabi jkunu jridu jlestu l-Minuti fi żmien qasir ħafna minħabba li jkunu qed isiru diversi laqgħat b’mod konsistenti fi ftit jiem.

## ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (KONT.)

## CLIMATE ACTION BILL (CONT.)

*Il-Kamra rrizumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Aktar rimarki? L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, nixtieq nipparteċipa jien ukoll f’dan id-dibattitu għax it-tibdil tal-klima u l-ambjent huma suġġetti għal qalbi ħafna u matul l-aħħar sena u nofs jew sentejn tal-Leġiżlatura li għaddiet kelli wkoll il-privileġġ li nkun ix-Shadow Minister ta’ dan is-settur.

Il-ħabib tiegħi l-Ministru Michael Falzon spiċċa l-intervent tiegħu b’sentenza li aħna nirrepetuha kemm-il darba hawn ġew - u nemmen li l-Ministru qalha b’mod ġenwin - li kull wieħed u waħda minna f’din il-Kamra għandna l-obbligu li nilleġiżlaw u nieħdu dawk l-azzjonijiet li jkunu jaħsbu għal dawk li ġejjin warajna għax id-deċiżjonijiet li nieħdu aħna llum se jkunu qed iħallu effett fuq il-ġenerazzjonijiet ta’ għada, jiġifieri fuq it-tfal tagħna u fuq it-tfal tat-tfal tagħna. Iva, Sur President, aħna għandna l-obbligu li nieħdu dawk id-deċiżjonijiet li verament ikunu se jagħmlu differenza għall-aħjar għalina li qed ngħixu llum, però wkoll bi ħsieb għal dawk li ġejjin warajna.

Dan iwassalni biex nagħmel l-ewwel domanda. Ilna s-snin nafu li t-tibdil fil-klima hija sfida għal dan il-pajjiż, għalkemm din hija sfida għad-dinja kollha ħalli ma naħsbux li qed ngħixu f’dinja waħedna, imma jiddispjaċini ngħid li f’dawn l-aħħar 11-il sena kien rari ħafna li tellajna t-tibdil fil-klima fuq l-aġenda parlamentari tagħna. Jien se nagħmel din il-kritika b’sens ġenwin għax aħna, bħala Oppożizzjoni, se nkunu qegħdin nivvotaw favur l-Abbozz ta’ Liġi li għandna quddiemna.

Huwa tajjeb li nitkellem fuq il-konsistenza f’dak li għandu x’jaqsam mat-tibdil fil-klima. Ġustament, il-Ministru Michael Falzon qal li kien fi żmien amministrazzjoni Nazzjonalista fl-1989 li aħna konna tellajna dan is-suġġett fuq l-aġenda internazzjonali, u forsi kien hemm min daħak

b'dan is-suġġett jew naqas milli jagħtih l-attenzjoni xierqa. Iż-żmien kompla għaddej u reġgħet kienet amministrazzjoni preċedenti li poġġiet strateġija nazzjonali dwar l-isfidi tat-tibdil fil-klima. Issa jien nifhem li l-Ministru konċernat m'ilhiex għal dawn l-aħħar 11-il sena tmexxi d-dekasteru tal-ambjent, imma jekk wieħed iħares lura u jara jekk bħala pajjiż konniex responsabbli biżżejjed li nieħdu dawk id-deċiżjonijiet li verament ipoġġuna fuq quddiem nett tal-klassifika fil-miri li dan il-pajjiż suppost laħaq, jiddispjaċini ngħid li le, pajjiżna ma jinsabx fuq quddiem nett tal-klassifika f'dan ir-rigward.

Sur President, f'din in-nofs siegħa li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi jien se nkun qed nelenka ftit punti dwar fejn fallejna għax l-ambjent fih innifsu wkoll jikkontribwixxi f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima. Pereżempju, il-Magħtab jinsab f'diżastru totali. Il-Ministru tista' tqum u tgħid li llum ilħaqna rekord f'kemm irnexxielna nisseparaw skart f'dan il-pajjiż. Imma ejjew niftakru li sa sentejn ilu, meta aħna bħala Oppożizzjoni konna niġu f'din il-Kamra biex inqajmu għarfien fuq dan is-suġġett, kien hemm min daħak bina, allavolja n-nies hemm barra, il-midja, l-istatistika tal-Unjoni Ewropea u tal-NSO kienu jindikaw li aħna fost l-agħar fl-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mas-separazzjoni tal-iskart. Allura għaliex ħlejna dawn is-snin kollha? U apparti l-fatt li konna aħna li tellajna dan is-suġġett fuq l-aġenda tal-Parlament, jien nistaqsi wkoll: Għaliex il-Gvern naqas milli jagħti kas dak li kienet qed tgħid l-Oppożizzjoni f'dan ir-rigward?

Rigward l-inċineratur ikolli nistqarr li għandi r-riżervi tiegħi, però din hija saga li donnha ma tintemm qatt. L-ewwel il-Gvern raqad fuq din l-issue, imbagħad kien hemm ċerti dubji, imbagħad kien hemm konflitt ta' interess, imbagħad reġgħet ħarġet it-tender, u issa hemm tender li dwarha hemm ċerti domandi li m'iniex beħsiebni nidħol fihom. Jien kulma se nistaqsi hu: L-istudju sar? Għaliex domna daqshekk jekk konna nafu li dan il-pajjiż kellu bżonn inċineratur? Għax hemm mod u mod kif wieħed jipprepara għal xi ħaġa bħal din.

Jien nixtieq li xi ħadd iserraħli rasi dwar xi ħaġa oħra wkoll. L-inċineratur għandu cooling system, u din is-sistema se tkun tfisser li se nagħmlu sfreġju fil-baħar tal-madwar għax biex ikollna l-cooling system ta' dan l-imbierek inċineratur ... Għax "imbierek" trid tgħidlu wara li ilna dawn is-snin kollha nitkellmu dwaru! Apparti li hemm ukoll dubji kbar dwar il-post li ntgħażel għal dan l-inċineratur, biex nagħmlu din il-cooling system, li trid tagħmilha bilfors jekk ikollok inċineratur, se nkunu qegħdin nagħmlu sfreġju f'żona protetta? Nies li jifhmu stqarrew li hemm riskju kbir li ssir ħsara irreparabbli lil dik iż-żona protetta li hemm faċċata tal-Magħtab jekk isir inċineratur hemmhekk, u minkejja li ftit snin ilu għamilt anke mistoqsijiet parlamentari f'dan ir-rigward, s'issa għadu ħadd ma serrħilna moħħna li dan mhux se jiġri. Aħna diġà qegħdin ottu f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent! Jien nista' ndum nitkellem fuq l-ambjent, però hawnhekk se nikkwota siltiet minn dak li qal xi ħadd li se ngħid min hu aktar tard. Dan qal li f'dan il-pajjiż għandna bżonn insibu bilanċ sostenibbli bejn l-ambjent u l-iżvilupp. Kompla jgħid li l-ambjent naturali huwa riżorsa minnu nnifsu, "riżorsa li mhix infinita". Huwa wissa li:

> "Jekk ma nibżgħux għall-ambjent naturali, għada pitgħada se jkunu wliedna u t-tfal tat-tfal tagħna li se jbatu l-konsegwenzi …"

tad-deċiżjonijiet ħżiena dwar l-ambjent li qed jittieħdu fl-aħħar snin. Huwa qal ukoll li m'aħniex qegħdin inkunu sensittivi biżżejjed għad-deċiżjonijiet li jittieħdu f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent.

Għalkemm dan id-diskors nistgħu nagħmluh tagħna, dan id-diskors ma kienx tal-Oppożizzjoni imma kien tal-E.T. il-President ta' Malta George Vella, li nixtieq insellimlu minn hawnhekk filwaqt li nirringrazzjah għall-ħidma tiegħu li se tkun qed tasal fi tmiemha matul il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. L-E. T. il-President George Vella qal dan il-kliem diversi drabi, u m'hemmx dubju li l-fatt illi dawn l-istqarrijiet saru minn persuna bħal din jagħti kredibilità lil dak li ilna ngħidu aħna bħala Oppożizzjoni.

Biex inkompli nsaħħaħ l-argument tiegħi, Sur President, ta' min jgħid li fi stħarriġ partikolari, 90% taż-żgħażagħ Maltin qalu li l-ambjent mar għall-agħar matul dawn l-aħħar għaxar snin. Issa hawnhekk aħna qed nitkellmu fuq Malta, però ejjew ma ninsewx x'qal l-Eks Prim Ministru Alfred Sant dwar Għawdex, li saħaq illi:

> "Dalwaqt ma jifdalx x'jiġi salvat f'Għawdex."

Sur President, illum ma tgħaddix ġimgħa li ma tiftaħx xi portal u ma ssibx li nqalgħet xi kontroversja - is-sindki ta' Malta u Għawdex, wieħed wara l-ieħor - u ħafna drabi f'din il-kontroversja jkun hemm involuta xi entità governattiva. Jekk jifdalli ħin, aktar tard se nkun qed nissostanzja dak li għedt aktar kmieni meta rrimarkajt li dan il-Gvern falla fil-miri tiegħu. Naturalment dan ġara minħabba li ma kienx hemm viżjoni. Il-Gvern kien jimpurtah biss dwar dak li hu immedjat għax il-Gvern kien jimpurtah li jirbaħ l-elezzjoni akkost ta' kollox, anke jekk juża kliem fieragħ biex jidħak bin-nies! Fejn huma l-miri? U x'kien il-pjan tal-Gvern f'dik li hija popolazzjoni li dejjem qiegħda tikber f'pajjiżna?

Diġà beda jberraq, Sur President! Ilbieraħ smajna uffiċjal għoli tal-Enemalta jgħidilna li qed jitlob konċessjoni biex ma jsirx studju dwar l-impatt ambjentali ħalli nkunu nistgħu nibqgħu għaddejjin. Din hija l-istess storja tal-isfreġji l-oħra li għamlet Infrastructure Malta, meta abbużat bil-liġi eżistenti! U la din m'għamilhiex il-Gvern, aħna bħala Oppożizzjoni matul il-ġranet li ġejjin se nkunu qed inressqu Private Member's Bill biex dak l-abbuż li kien hemm fil-liġi u li sfortunatament Infrastructure Malta kif ukoll l-Awtorità tal-Ippjanar abbużaw bih b'mod sfaċċat, xi kultant anke bil-barka tal-ERA li wkoll għaddiet gaffa bl-iskuża li x-xogħlijiet huma ta' emerġenza, jiġi indirizzat.

Dan bħal dak li ġara f'Kemmuna. Sal-lum Kemmuna ma reġgħetx inġiebet fl-istat naturali tagħha minkejja d-deċiżjoni tal-Ombudsman. Kulma jgħidilna l-Gvern hu li ħa nota tad-deċiżjoni tal-Ombudsman! Morru Kemmuna llum u qabblu dak li hemm ma' dak li kien hemm ftit tas-snin ilu! Nistgħu naraw l-isfreġju ambjentali li sar bil-Ministeru responsabbli minn Għawdex b'kollox u bil-barka tal-awtoritajiet! Illum nafu li minkejja ċ-ċanfira kbira li l-Ombudsman ta lill-Gvern, dan tal-aħħar naqas milli jġib lil Kemmuna fl-istat naturali tagħha. Fil-fatt hemm numru ta' każijiet oħra fejn rajna lill-Gvern jabbuża bil-liġi billi jdur magħha kif jaqbillu biex jaġevola lil dak u lill-ieħor filwaqt li sfortunatament jonqos milli jħares l-interess tal-ġid komuni u milli jħares l-ambjent naturali tagħna, bħalma ġara fil-każ tal-Victoria Lines.

Il-Gvern kif jista' jkun kredibbli meta fl-istess nifs li jiġi jitkellem fuq l-ambjent, aħna qed nisimgħu b'deċiżjoni insensittiva wara l-oħra minn entitajiet tal-Gvern, speċjalment min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar? U mela niġu ngħidu li waqqafna Project Green?! U Ambjent Malta?! X'inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom? Imbagħad nisimgħu li għal Project Green ġew allokati €700 miljun. Għalhekk nittama li issa mhux se noħolqu din l-awtorità biex ikollna aktar jobs for the boys, għax matul dawn l-aħħar snin rajna jfaqqsu diversi awtoritajiet u entitajiet, fosthom Infrastructure Malta.

Sur President, matul il-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari jien kelli mistoqsija supplimentari għall-Ministru responsabbli mill-kunsilli lokali, imma ma kienx fadal ħin għax kont se nistaqsih fejn huma t-toroq residenzjali li kellha tagħmel Infrastructure Malta b'€700 miljun u jekk dawn il-flus intnefqux, għax anke f'dawk is-€700 miljun ukoll inħolqu dubji f'ċerti toroq li saru, li ħafna minnhom saru anke b'fondi tal-Unjoni Ewropea.

Jien nittama li l-Ministru sserrħilna moħħna li xogħol din l-awtorità li se titwaqqaf permezz tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna ma jkunx biss li tfassal il-policies u l-istrateġiji, iżda tara wkoll li jiġu implimentati r-regolamenti, għax aħna diġà għandna l-Malta Resources Authority li twaqqfet għal dak il-għan. Jien nistaqsi: X'inforzar sar matul dawn l-aħħar snin fuq l-isfreġji ambjentali u n-nuqqasijiet li saru? Il-Malta Resources Authority refgħet ir-responsabbiltà li kellha terfa'? Wara dan l-Abbozz ta' Liġi li qed niddiskutu llum, f'din il-Kamra se jitressaq abbozz ta' liġi ieħor dwar dan il-qasam, u għalhekk nixtieq nisma' fejn intervjeniet il-Malta Resources Authority ħalli nisimgħu ftit dwar l-inforzar li għamlet din l-Awtorità, kif kellha l-obbligu li tagħmel.

Ejjew niftakru minn fejn tlaqna, Sur President. Jien qed immiss diversi issues li jagħtu kredibilità lil din in-naħa. L-interess tagħna hu li naraw li l-ambjent jiġi ssalvagwardjat bis-serjetà għax ma jistax ikun li jkollok art tal-Gvern, u minflok ma l-Gvern joħroġ tender għaliha, jispiċċa jġib l-iskuża li ftit metri 'l bogħod hemm biċċa art oħra li se tkun qed tiġi żviluppata fi spazju miftuħ għall-pubbliku. M'għandniex inkunu xħaħ u noqogħdu nkejlu bil-metri fejn hemm spazji miftuħa għall-pubbliku! Barra minn Malta ma joqogħdux jixxaħħu biex il-poplu tagħhom ikollu arja aktar nadifa. U mela nkomplu nifgaw lil dan il-pajjiż b'aktar bini mingħajr policy fl-ippjanar, b'detriment għall-ambjent?!

Irrid infakkar li ftit tas-snin ilu, meta kont il-kelliem ewlieni tal-Oppożizzjoni ta' dan id-dekasteru, il-Gvern kien ħa deċiżjoni li donnu kulħadd nesieha. Matul l-aħħar Leġiżlatura l-Gvern kien iddeċieda li jnaqqas il-mira li kellu dan il-pajjiż f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis tal-karbonju minn 36% għal 19%. Dakinhar aħna bħala Oppożizzjoni konna għedna li meta l-Gvern waqqa' l-mira li aħna bħala pajjiż kellna nilħqu minn 36% għal 19%, dan kien ċertifikat li l-Gvern falla għax naqas li jieħu d-deċiżjonijiet li kellu jieħu. Infakkar li dan il-Gvern ilu 11-il sena jmexxi lil dan il-pajjiż. Allura għaliex ħalla dawn is-snin kollha jgħaddu u pprova jirredikola lill-Oppożizzjoni kull meta aħna tellajna dan is-suġġett fuq l-aġenda parlamentari?

Hawnhekk nixtieq nagħmel ukoll parentesi żgħira ġaladarba qed nitkellmu fuq it-tibdil fil-klima. Il-bijodiversità ma teżistix fil-vokabularju ta' dan il-Gvern għax huwa suġġett li dejjem nibdew nitkellmu fuqu aħna l-Membri tal-Oppożizzjoni. Aħna noqogħdu attenti li nassiguraw li l-bijodiversità tiġi mħarsa bis-serjetà għax din tilgħab logħba importanti fil-miri li għad irridu nilħqu. Nixtieq inkun naf x'qed jagħmel il-Gvern biex inħarsu bis-serjetà l-bijodiversità f'pajjiżna. Hemm nies esperti f'diversi entitajiet tal-Gvern fuq dan il-qasam. Madankollu, jekk mhux se jkun hemm l-impenn tal-Gvern kollu, jien ngħid bl-akbar sinċerità li jkun inutli li l-Ministru responsabbli mill-ambjent tiġi hawn bi proposti tajbin. Għax dan x'jiswa jekk mhux se ssib l-appoġġ mill-kumplament ta' sħabha?

U x'jiswa li l-Ministru tiġi hawnhekk biex tmexxi b'mod ġenwin proposta favur l-ambjent 'il quddiem, liema proposta tkun taqbel fuqha anke din in-naħa tal-Kamra, jekk imbagħad ikun hemm entità tal-Gvern li tiġi taqa' u tqum mill-ambjent, imbasta taġevola lil Ċikku u lil Ġanni, saħansitra akkost li toħroġ l-artijiet għall-bini u toħroġ ukoll permessi suspettużi?! Issa jien naf li ma nistgħux naqblu f'kollox, però huwa importanti li biex nilħqu l-miri f'dan il-pajjiż, l-id il-leminija tal-Gvern trid tkun taf x'qed tagħmel l-id ix-xellugija. Jekk ma jkunx hemm l-appoġġ u s-sapport tal-Gvern kollu - a whole Government approach - allura ma nistgħux nilħqu l-miri tagħna. Illum jien ninsab hawnhekk filwaqt li għada jaf ma nkunx, u l-istess il-Ministru, però min ġej warajna se jkun qed iħallas il-prezz jew jieħu r-riżultati ta' dawk id-deċiżjonijiet li ħadna llum.

Dan is-siġġu huwa misluf lilna l-Membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, jiġifieri llum dan is-siġġu qiegħed għandna u għada jista' ma jkunx. Għalhekk aħna għandna obbligu li ma nabbużawx b'dan is-siġġu li ġie fdat lilna, ma nipprovawx inraqqgħu l-pannu bil-qara' aħmar, ma nipprovawx niddefendu dak li huwa indifensibbli u ma nipprovawx ngħattu l-ħsara li qed jagħmlu ċerti entitajiet minħabba li huma mmexxija minn nies inkompetenti li ma jimpurtahomx mid-deċiżjonijiet li rridu nieħdu fl-interess tal-pajjiż. Però mbagħad, fl-aħħar mill-aħħar, ir-responsabbiltà hija tal-Gvern, għax huwa l-Gvern li jaħtar liċ-chairpersons, huwa l-Gvern li jaħtar lin-nies fuq il-bordijiet, u għalhekk huwa l-Gvern li jrid jerfa' r-responsabbiltà għal kull deċiżjoni ħażina u insensittiva li tittieħed.

Sur President, jien nittama li l-Gvern b'xi mod jerġa' jikkonsidra d-deċiżjoni li ħa baxx baxx li jniżżel il-mira għat-tnaqqis tal-karbonju minn 36% għal 19%. Huwa tajjeb li nfakkruhom dawn l-affarijiet biex in-nies jiftakru, għax xi kultant aħna nonqsu meta għax inkunu għedna xi ħaġa darba jew darbtejn, allura neħduha daqslikieku n-nies ikunu fehmuna. Il-midja wkoll għandha tfakkarhom dawn l-affarijiet, filwaqt li l-Gvern għandu jkun ċert li d-deċiżjonijiet li jkun qed jieħu jkunu verament jirrispekkjaw kif ukoll jirrispettaw l-interess tal-ġid komuni.

It-tibdil fil-klima jrid jittieħed ukoll f'ambitu ta' popolazzjoni li dejjem qiegħda tikber. Irridu naraw li jkun hemm viżjoni u għalhekk ma kienx ġust li jiġi min hu responsabbli mill-Enemalta jgħidilna li hemm bżonn ta' impjant għall-enerġija temporanju li se jkun qed jitħaddem bid-diesel. Ara issa ma jimpurtax li impjant se jitħaddem bid-diesel minħabba l-inkompetenza, in-nuqqas ta' viżjoni u n-nuqqas ta' deċiżjonijiet f'waqthom min-naħa tal-Gvern! Infakkar għat-tieni darba - u probabbilment nerġa' nfakkarha darb'oħra qabel ma nikkonkludi d-diskors tiegħi - li l-Partit Laburista ilu 11-il sena fil-gvern, jiġifieri ma telax fil-gvern ilbieraħ! (Interruzzjonijiet)

Il-Ministru Michael Falzon qed jgħid li fadallu fil-gvern. Nawguralkom, Ministru! Jalla ddumu aktar snin, għalkemm mhux kemm iddumu fil-Gvern jgħodd imma kemm tagħmlu ġid. Filwaqt

li jien nirrikonoxxi l-ħidma tiegħek, kollega u ħabib tiegħi Ministru - għax din hija xi ħaġa li qatt ma ddejjaqt ngħidha, u m'iniex se niddejjaq ngħidha llum - mhux kemm iddum fil-gvern jgħodd, imma kemm tagħmel ġid u tieħu deċiżjonijiet tajbin, għax tista' tagħmel għaxar snin fil-gvern u tispiċċa tagħmel ħsara li qatt ma rajna bħalha mill-Indipendenza 'l hawn, inkluż fil-qasam tal-ambjent.

Aħna konna perfetti, Sur President? Dażgur li ma konniex! Però tajjeb infakkar, għax forsi ż-żgħażagħ ma jkunux qegħdin isegwu dan id-diskors, imma jidħlu fil-portals u meta jkun hemm is-sondaġġi jwieġbu, li f'25 sena ta' Gvern Nazzjonalista qatt ma kellna 90% taż-żgħażagħ jgħidulna li l-ambjent qatt ma ħa d-daqqiet li ħa f'dawn l-aħħar għaxar snin. F'25 sena l-ambjent qatt ma kklassifika mal-ewwel tlieta jew erba' concerns tal-poplu Malti, u xi drabi kien anke t-tieni jew l-ewwel concern tal-poplu Malti. Il-poplu huwa konxju mill-isfreġju ambjentali li sar matul dawn l-aħħar għaxar snin. Forsi l-poplu għadu mhux jiddeċiedi fuq il-gvern li jrid li jmexxi lil pajjiżu b'rabta mal-ambjent. Forsi għadha ma waslitx il-ġurnata meta l-Gvern jiġi ttestjat b'mod elettorali u l-poplu jagħżel l-ambjent bħala l-prijorità tiegħu.

Għaldaqstant huwa importanti li nkomplu nedukaw lin-nies billi nfehmuhom li l-ambjent għandu jkun verament prijorità għal dan il-pajjiż, kemm għall-ġenerazzjonijiet tal-lum kif ukoll għal dawk ta' għada. Sal-lum, għalkemm is-sondaġġi jindikaw li l-poplu qed jinkwieta bl-isfreġji ambjentali li qed isiru, fil-verità meta niġu għall-prova, il-poplu qed jiddeċiedi fuq aspetti oħra. Għalhekk huwa importanti li nibqgħu nitkellmu filwaqt li l-Gvern jisma' dak li ngħidu u mhux jibqa' jinjora l-kritika ġusta u kostruttiva li qed issir min-naħa tal-Oppożizzjoni f'dan ir-rigward. Aħna interess wieħed għandna, li nissalvagwardjaw l-ambjent. Pereżempju, jien għadni qed nistenna lill-Ministru tgħidilna - għax meta għamilna mistoqsijiet parlamentari dwar dan, kien hemm min ħarab mill-mistoqsija, anke jekk mhux neċessarjament il-Ministru - x'se jsir minn Selmun.

Il-proposta tal-Partit Nazzjonalista fl-aħħar Programm Elettorali kienet li lil Selmun nagħmluh park nazzjonali. Allura l-Gvern għaliex ma ħax din il-proposta tal-Oppożizzjoni li nagħmlu lil Selmun kif ukoll lill-Imġiebaħ park nazzjonali? Dawn il-postijiet huma ġojjelli. Veru li forsi jien xi ftit biased għax ġej minn dawk l-inħawi minħabba li jien mill-Mellieħa, imma żgur naqblu li Selmun … (Interruzzjonijiet) Iva Ministru, jien kburi li mill-Mellieħa, u ma niddejjaq assolutament xejn ngħid li jien mill-Mellieħa, jiġifieri hawnhekk missejtli buttuna! Dan għaliex jien konxju li l-Mellieħa huwa wieħed mill-isbaħ postijiet li għandna f'pajjiżna u nemmen li nistgħu nagħmluh isbaħ. M'għandix problema li tkun il-Ministru Miriam Dalli li taqta' ż-żigarella ta' dan il-proġett, l-aqwa li din il-proposta tal-Partit Nazzjonalista tiġi attwata.

Sur President, jien għamilt mistoqsija parlamentari fejn staqsejt x'se jsir mill-Palazz ta' Selmun wara li dan jiġi rrestawrat. Il-Ministru - u hawnhekk m'iniex qed nirreferi għall-Ministru Miriam Dalli - qalli li r-risposta tingħata f'seduta oħra. Issa hekk jew hekk drajnieha din li kull meta jiġu ftit daharhom mal-ħajt jitfgħu r-risposta fuq l-ixkaffa! Kont ilni għal dawn l-aħħar disa' jew għaxar snin nagħmel mistoqsijiet parlamentari fuq il-Palazz ta' Selmun għax dan il-palazz kien ilu jiddeterjora, imma r-risposta li kont ningħata kienet li m'hemmx bżonn issirlu manutenzjoni. Issa wara disa' jew għaxar snin u l-Palazz ta' Selmun kien qed jaqa' biċċiet skoprejna li dan il-palazz, li ilu mibni minn żmien il-Kavallieri, għandu bżonn ta' manutenzjoni u ta' restawr!

Sfortunatament il-Gvern donnu għandu xi aġendi oħra anke għal din iż-żona ta' pajjiżna għax il-fatt li l-Ministru baqa' ma weġibx din il-mistoqsija u baqa' jitfagħha fuq l-ixkaffa donnu jqajjimlek ċerti suspetti u dubji. Jien nistaqsi jekk hemmx xi ħsieb li dik li qabel kienet lukanda, li b'xi mod il-Gvern irid iħalliha hemmhekk ... Għax ejjew ngħidu li dak il-post qatt ma messu sar lukanda, u din kienet xi ħaġa li tistona immens. Imma jkun tajjeb jekk f'pajjiżna wkoll nibdew inħaddmu l-kunċett tal-agrituriżmu u forsi nikkonsidraw jekk għandniex indaħħlu dan il-kunċett f'dik iż-żona għax dan ikun valur miżjud għal dak li jista' joffri pajjiżna anke fil-qasam turistiku. Għalhekk ejjew naraw li dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu verament fl-interess tal-ġid komuni.

Sur President, jien nittama li issa, b'din l-awtorità li se titwaqqaf, min ikun responsabbli biex jara li l-miri qed jintlaħqu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, għax irridu niftakru li diġà kien hemm prattiċi li fallew, bħal ngħidu aħna ċ-charging points f'toroq pubbliċi għall-vetturi elettriċi (EVs), għax ġara li l-kumpanija li kienet tużahom

telqet u wħud minnhom tħallew abbandunati anke bi skapitu ta' min qed jixtri l-EVs. Matul ix-xhur li l-ħabib tiegħi l-Onor. Adrian Delia kien Shadow Minister tat-trasport, hu kien ta kedda mhux ħażin lill-Ministru li kien responsabbli mit-trasport dak iż-żmien għax, kif nafu, il-Gvern mhuwiex jieħu dawk id-deċiżjonijiet li verament jagħmlu differenza fit-traffiku bil-għan li ntejbu l-ambjent ta' pajjiżna. Hija ħasra li filwaqt li l-Gvern bil-kliem jgħid mod, bil-fatti jagħmel mod ieħor.

Issa dan jiġri għax m'hemmx ir-rieda politika li nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn u li npoġġu l-flus fejn tassew hemm bżonn biex nagħmlu differenza għall-aħjar. Biżżejjed insemmi l-wind farm tal-Montenegro, li minflok ma kkontribwixxa għal investiment nazzjonali fil-qasam tal-enerġija nadifa u rinnovabbli, dan spiċċa monument ta' tixħim u ta' serq sfaċċat min fuq dahar il-poplu. Dawn huma d-deċiżjonijiet li ttieħdu! Mhux ta' b'xejn li 90% taż-żgħażagħ Maltin qed jgħidulna li l-ambjent qatt ma qala' daqqiet daqskemm qala' matul dawn l-aħħar għaxar snin! M'hemmx dubju li l-Gvern irid jaħdem biex ibiddel dan iċ-ċertifikat. Issa jista' jiġi jgħidilna li l-poplu ddeċieda u reġa' ta mandat ieħor lil dan il-Gvern, mela le! Madankollu l-mandat jiġi u jmur, u l-ħsara irreparabbli li ssir anke fil-qasam tal-ambjent se jkunu wliedna li jħallsu għaliha. Għalhekk għandna naraw li l-Gvern ikun responsabbli fid-deċiżjonijiet tiegħu.

Sur President, qabel nikkonkludi d-diskors tiegħi nerġa' nisħaq fuq kemm huwa importanti li din l-awtorità li se titwaqqaf ikollha r-riżorsi meħtieġa. Ma rridx nagħlaq dan id-diskors mingħajr ma nistaqsi jekk illum l-ERA għandhiex ir-riżors uman li teħtieġ u jekk verament għandhiex sapport min-naħa tal-Gvern. Issa hawn m'iniex qed nidħol fid-deċiżjonijiet kontroversjali li ħadet l-ERA. U qed ngħid dan għax f'dawn l-aħħar snin l-ERA ħadet deċiżjonijiet li ssorprendew lil ħafna, fosthom lill-NGOs, li mhux darba jew tnejn ħarġu jagħmlu stqarrijiet b'rabta mad-deċiżjonijiet ħżiena u suspettużi li din l-awtorità ħadet b'mod kontinwu.

Dan biex ma nsemmix ukoll lill-Awtorità tal-Ippjanar. Illum stess kont qed naqra li issa anke l-wied tas-Swieqi jinsab taħt theddida għax jidher li sabu xi kantuniera jew xi toqba xi mkien biex dan il-wied jagħtuh għall-bini wkoll. Minflok ma l-Gvern jagħlaq it-toqob u jekk hemm xi lok fejn wieħed jista' jabbuża b'interpretazzjoni ta' policies żbaljati, li jien ngħid illi saru bl-intenzjoni li jaġevolaw lil dak u lill-ieħor, inkluż dawk li saru fl-2015 ... Għax minn daqshekk lil dan il-Gvern ma tilgħablux; jgħaddi policy bl-intenzjoni aħħarija li jaqdi lil Ċikku u lil Ġanni! Dawn huma l-affarijiet li ma jridx il-poplu Malti, u dawn huma l-affarijiet li l-NGOs qegħdin kontinwament ikellmuhom dwarhom, però dawn donnhom qed jagħlqu widnejhom. L-Oppożizzjoni wkoll se tkompli tkellimhom dwar dawn l-affarijiet.

Illum din in-naħa tal-Kamra għandha anke Shadow Minister fuq dan is-suġġett. Qed nirreferi għall-Onor. Rebekah Borg, li qed taħdem biex meta l-ġimgħa d-dieħla se nkunu qed niddiskutu abbozz ta' liġi ieħor relatat mal-ambjent, aħna bħala Oppożizzjoni nkomplu mmexxu l-aġenda tagħna dwar dan il-qasam 'il quddiem, u dan mhux biex niskorjaw punti politiċi. Infakkar biss li minkejja li din in-naħa tal-Kamra ilha x-xhur titlob konsistentement lill-Gvern biex itella' l-qasam tal-ambjent fuq l-aġenda parlamentari tiegħu bil-għan li l-ambjent ikun dritt fundamentali tal-bniedem fil-Kostituzzjoni tagħna, sal-lum il-Gvern għadu ma tellgħux u qed jistenna l-ġurnata tal-Ħamis biex intellgħuh aħna.

Għalhekk, Sur President, hawn se nieħu l-okkażjoni biex nagħmel stedina lill-Ministru. Matul il-ġimagħtejn li ġejjin se nkunu qed niddiskutu t-tibdil fil-klima u l-ambjent. Tellgħuh dan l-item fuq l-aġenda ħalli niddiskutuh bil-għan li l-ambjent jiġi salvagwardjat, anke bħala dritt fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna! Jien nittama u nistenna li l-Gvern jibda jagħti widen lill-Oppożizzjoni bis-serjetà għax kien hawn min qalilna: Ma tarawx li aħna m'aħniex se nieħdu l-pariri tal-Oppożizzjoni!

Naħseb li dan ikun żball għax l-Oppożizzjoni hija lesta li tikkontribwixxi, però issa l-ballun jinsab f'saqajhom. Jekk f'dan il-pajjiż irridu verament li nħallu ambjent aħjar għal ta' warajna, allura nistennew li l-Gvern jagħti widen lill-Oppożizzjoni fl-interess tal-ġid komuni. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Katya De Giovanni.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, qabelxejn nixtieq nibda l-intervent tiegħi billi nassigura lill-kelliem ta' qabli li aħna nikkollaboraw flimkien biex ngħinu lil xulxin.

L-awtorità li se titwaqqaf se ġġib magħha tibdil importanti li se jiffoka fuq il-bżonn li nedukaw lin-nies jibżgħu għall-ambjent ta' madwarna. Se nibda billi nsemmi x'għamel dan il-Gvern fir-rigward tal-iskejjel tagħna. L-ewwel nett kull żvilupp ta' binjiet kummerċjali, ta' uffiċini, ta' skejjel ġodda u kull rinovazzjoni maġġuri li ssir, anke ta' binjiet kbar, se jġib miegħu l-obbligu li jkunu stallati sistemi ta' enerġija rinnovabbli. Hawnhekk irrid infakkar ukoll fl-iskema tat-trasport b'xejn għall-istudenti kollha tal-iskejjel primarji u sekondarji tal-Gvern, tal-Knisja u indipendenti, skema li l-ispiża tagħha qed tlaħħaq is-€27 miljun fis-sena. Ta' min jgħid li 'l fuq minn 26,000 student qed jagħmlu użu minn din l-iskema li qed tindirizza b'mod sħiħ il-konġestjoni tat-traffiku filwaqt li tnaqqas it-tniġġis tal-arja. Ta' min jgħid li b'din il-miżura l-familji qed jiffrankaw medja ta' €700 għal kull wild fis-sena.

Issa se ndur fuq il-binjiet tal-iskejjel infushom bħal, pereżempju, il-bini tal-iskola primarja tal-Kulleġġ Santa Tereża ġewwa l-Imsida. Din l-iskola primarja se jkollha diversi miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u mistennija tissodisfa l-primary energy demand (PED) li hija mistennija tnaqqas ir-rekwiżit tan-nearly-zero energy buildings (NZEB) mill-inqas b'20% f'termini ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Ta' min isemmi wkoll l-investiment li qed isir biex jiġu rinnovati l-iskejjel primarji tan-Nadur u ta' Ħal Għaxaq fejn qed isir titjib f'dik li hija effiċjenza fl-enerġija, tnaqqis għad-domanda tal-enerġija, tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju u tnaqqis fl-iskart tal-enerġija. Permezz ta' dan l-investiment, dawn l-iskejjel għandhom jiksbu stat kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju b'żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli filwaqt li jtejbu l-ambjent tat-tagħlim permezz tal-ottimizzazzjoni tas-saħħa ta' ġewwa, il-kwalità tal-arja u anke l-kumdità. Ir-rinnovazzjoni ta' dawn l-iskejjel għandha l-għan li tnaqqas id-domanda għall-PED b'mill-inqas 30%.

Sur President, m'hemmx dubju li rridu ninkoraġġixxu aktar ir-riċerka u l-innovazzjoni fis-sistema edukattiva tagħna sabiex inkomplu nixprunaw aktar kompetittività. Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu allokat baġit ta' €3.5 miljun. L-MCST iffirma l-ftehim għal din l-għotja fl-2022 u l-ftehim tal-konsorzju fl-2023. Se jiġu mnedija wkoll diversi programmi oħra ta' riċerka u innovazzjoni taħt il-programm FUSION, fosthom il-Green Algae to Solve Emerging Problems in Food Security, A Smart Micro Combined Heat and Power System, Robust Optimisation Framework for PVs and EVs Integration at Low Voltage Network, Novel Evaporative Cooled Battery Technology (NEVAC), REcycled Stone and Concrete Insulated Unit u fl-aħħar u mhux l-inqas Waste Management Solution.

Imbagħad għandna wkoll l-iskemi ta' riċerka u innovazzjoni maħruġa mill-Energy and Water Agency (EWA), liema skemi jappoġġjaw proġetti taħt l-istrateġija nazzjonali R&I fl-oqsma tal-ilma u tal-enerġija. S'issa, wara l-ewwel żewġ sejħiet, ingħataw €1.25 miljun bl-appoġġ ta' 11-il proġett b'kollox. Kull sena qed titnieda sejħa ġdida, u dan ilu jsir mill-2020. Fl-aħħar mill-aħħar dan kollu qed isir bil-għan li tinħoloq aktar kollaborazzjoni bejn it-tliet setturi involuti, jiġifieri bejn l-intrapriżi akkademiċi, l-intrapriżi privati u l-entitajiet pubbliċi. Dan inaqqas ukoll id-distakk bejn l-akkademja u l-industrija, li hija xi ħaġa verament importanti, għax x'jiswa li inti tagħmel ir-riċerka jekk dik ir-riċerka mhux se tkun qed isservi ta' bżonn għall-komunità? Dawn il-proġetti li qed insemmi jinkludu Second Life of EV batteries, Floating Breakwaters Behavioural Analysis in Deep Seas and Integration of Energy Storage u r-riċerka li qed tiffoka fuq ilma tax-xorb ta' kwalità aħjar.

Issa, wara li spjegajt dawn il-proġetti fid-dettall, se nkun qed nitkellem fuq ir-rwol tat-tagħlim innifsu f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima. L-edukazzjoni għandha rwol kruċjali fil-mod kif wieħed għandu jindirizza u jimmitiga l-isfidi tat-tibdil fil-klima. Dan tagħmlu billi tipprovdi lill-individwi b'għarfien dwar il-kawżi, l-impatti u s-soluzzjonijiet għat-tibdil fil-klima. L-edukazzjoni tagħti wkoll is-setgħa li nieħdu deċiżjonijiet kif ukoll azzjonijiet wara li nkunu ġejna informati x'direzzjoni għandna nieħdu mir-riċerka li tkun saret.

L-edukazzjoni tgħin lin-nies jifhmu l-importanza ta' prattiċi li huma sostenibbli bħal, pereżempju, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konservazzjoni tar-riżorsi u l-adozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Permezz tal-edukazzjoni, l-individwi jistgħu jiżviluppaw ħiliet ta' ħsieb kritiku u jsiru ċittadini aktar konxji

mill-ambjent. Jistgħu jitgħallmu dwar l-interkonnettività ta' diversi kwestjonijiet ambjentali kif ukoll il-fatturi soċjali, ekonomiċi u politiċi li jinfluwenzaw it-tibdil fil-klima. L-edukazzjoni trawwem saħansitra sens ta' responsabbiltà filwaqt li tinkoraġġixxi lill-individwi jippromwovu bidliet fil-politika u jimpenjaw irwieħhom f'imġiba sostenibbli anke fil-ħajja personali u professjonali tagħhom.

Barra minn hekk, l-edukazzjoni għandha rwol vitali meta nkunu qegħdin insawru l-karattru tal-ġenerazzjonijiet futuri. Billi nintegraw l-edukazzjoni dwar it-tibdil fil-klima fil-kurrikulu tal-iskejjel nistgħu nagħtu lill-istudenti żgħażagħ l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi ambjentali li se jiffaċċjaw matul ħajjithom. Dawn jinkludu l-promozzjoni tal-litteriżmu xjentifiku, l-inkoraġġiment tal-innovazzjoni, is-soluzzjonijiet tal-problemi kif ukoll it-trawwim għal sens ta' amministrazzjoni ambjentali. Il-kurrikulu għandu jsir b'mod li kemm jista' jkun l-istudenti tagħna jkunu mħeġġa jsolvu l-problemi f'ambitu ta' klassi fejn mhux kollox jingħatalhom b'soluzzjoni lesta.

Għalhekk l-edukazzjoni hija għodda verament qawwija fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Dan jagħti s-setgħa lill-individwi li jifhmu, jadattaw u jtaffu l-impatti tat-tibdil fil-klima, filwaqt li fin-nies jitrawwem ukoll sens ta' responsabbiltà tant li jittieħdu saħansitra azzjonijiet kollettivi. L-edukazzjoni tipprovdi lill-individwi bl-għarfien meħtieġ dwar it-tibdil fil-klima, inkluż dwar il-kawżi, il-konsegwenzi u s-soluzzjonijiet għal tali tibdil. Tgħin anke lin-nies jifhmu l-prinċipji xjentifiċi wara t-tibdil fil-klima, bħall-effett serra, li diġà semmejtu aktar kmieni, u l-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem, li wkoll jistgħu jwasslu għal ċertu tibdil. Dan l-għarfien jippermetti lill-individwi biex jieħdu deċiżjonijiet informati u sussegwentement jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-carbon-labelling li jkun qed iseħħ, jiġifieri jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju.

L-edukazzjoni ġġib bidla anke fl-imġiba. L-edukazzjoni tinfluwenza l-imġiba individwali u tippromwovi prattiċi sostenibbli. Dan tagħmlu billi tqajjem kuxjenza dwar l-impatt ambjentali ta' ċerti azzjonijiet bħal, pereżempju, il-konsum eċċessiv tal-enerġija u d-drawwiet ta' ħela ta' enerġija filwaqt li tħeġġeġ lill-individwi jadottaw imġiba aktar sostenibbli. Dan jinkludi diversi azzjonijiet, bħall-konservazzjoni tal-enerġija, it-tnaqqis tal-iskart, l-użu tat-trasport pubbliku u anke l-adozzjoni ta' teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

L-edukazzjoni tagħti s-setgħa lill-individwi biex jappoġġjaw dawk il-bidliet fil-politika li jindirizzaw it-tibdil fil-klima fuq livell sistemiku għax billi jien bħala politiku nkun qed insemmi l-importanza ta' ċerti miżuri, jekk in-nies ma japprezzawx il-ħsieb li hemm wara dawk il-miżuri, probabbilment mhumiex se jadottawhom. Għaldaqstant l-edukazzjoni hija importanti ħafna għax in-nies iridu jifhmu d-dimensjonijiet politiċi u ekonomiċi tat-tibdil fil-klima billi jappoġġjaw politika favur il-klima u jipparteċipaw f'diskussjonijiet informati li minnhom joħorġu ideat siewja biex inkomplu l-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima.

L-edukazzjoni tgħin ukoll sabiex ikollna ċittadini attivi li jistgħu jinfluwenzaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jimbottaw 'il quddiem il-politika ta' enerġija sostenibbli fil-prattika. L-edukazzjoni għandha rwol kruċjali fil-promozzjoni ta' prattiċi ta' żvilupp sostenibbli u tgħin lill-individwi bil-ħiliet u l-għarfien meħtieġ sabiex jintegraw anke konsiderazzjonijiet ambjentali f'diversi setturi, fosthom fil-qasam tal-enerġija, fil-qasam tal-agrikoltura, fil-qasam tat-trasport u fil-qasam tal-ippjanar, bir-riżultat li tinħoloq soċjetà aktar reżiljenti u konxja mill-ambjent.

Sur President, l-integrazzjoni tal-edukazzjoni dwar it-tibdil fil-klima fil-kurrikulu tal-iskejjel tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu ppreparati sew biex anke jindirizzaw dawn l-isfidi ambjentali. Dan isir billi l-istudenti żgħażagħ jiġu mgħallma dwar it-tibdil fil-klima, is-sostenibbiltà kif ukoll l-amministrazzjoni ambjentali. L-edukazzjoni trawwem fihom sens ta' responsabbiltà u tagħtihom anke s-setgħa li jsiru aġenti tal-bidla. Issa għalkemm hawnhekk jien semmejt liż-żgħażagħ, fil-verità rrid inkun aktar inklużiva fid-diskors tiegħi għax mhux iż-żgħażagħ biss jistgħu jitgħallmu, imma kulħadd jista' jitgħallem.

Kulħadd għandu d-dmir li jeduka ruħu biex ikollna ambjent sostenibbli li nkunu nistgħu nippriżervawh. L-edukazzjoni tgħin biex tqajjem kuxjenza dwar l-urġenza u s-severità tat-tibdil fil-klima kif ukoll tinforma lill-individwi dwar il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom filwaqt li tħeġġiġhom jadottaw imġiba sostenibbli, fosthom bit-tnaqqis tal-iskart, bil-konservazzjoni

tal-enerġija u bil-promozzjoni ta' prattiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent tagħna. L-edukazzjoni tgħin ukoll lill-komunitajiet anke fl-għarfien u l-ħiliet tagħhom biex jadattaw għall-impatti tat-tibdil fil-klima u tgħinhom jifhmu r-riskji u l-vulnerabilitajiet assoċjati ma' dawn ix-xejriet klimatiċi għax kulma jmur qed jinbidlu u jiġu żviluppati strateġiji sħaħ bil-għan li nibnu reżiljenza f'dan l-ambitu.

L-edukazzjoni tippromwovi l-konċett ta' żvilupp sostenibbli li jfittex li jissodisfa l-ħtiġijiet preżenti mingħajr ma jikkomprometti l-abbiltà li ġenerazzjonijiet futuri jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom stess. Billi nintegraw il-prinċipji tas-sostenibbiltà fis-sistemi edukattivi, nistgħu nrawmu mentalità li tagħti valur lill-benesseri ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Jiġifieri dawn il-prinċipji fihom infushom iwasslu għal prattika u politika li huma aktar sostenibbli. Kif għedt diġà, l-edukazzjoni tagħti s-setgħa lill-individwi biex jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet informati favur bidliet politiċi li jindirizzaw it-tibdil fil-klima, tgħinhom jifhmu d-dimensjonijiet politiċi u ekonomiċi ta' dawn l-azzjonijiet klimatiċi u saħansitra jieħdu deċiżjonijiet għall-ġid tal-poplu tagħna.

Fl-aħħar nett nixtieq nirrimarka li l-edukazzjoni trawwem l-innovazzjoni u r-riċerka u anke tista' tgħin biex timmitiga u tadatta għat-tibdil fil-klima billi tipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim filwaqt li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' teknoloġiji, strateġiji u soluzzjonijiet ġodda għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima bil-għan li jinħoloq futur aktar sostenibbli. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix lill-Istitut għat-Tibdil fil-Klima u l-Iżvilupp Sostenibbli fi ħdan l-Università ta' Malta fejn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex insellem lill-Prof. Maria Attard, li hija d-direttriċi ta' dan l-istitut, kif ukoll lill-akkademiċi u lill-amministraturi kollha li jagħtu kontribut f'dan il-qasam.

Sur President, nixtieq nikkonkludi dan id-diskors billi ngħid li l-edukazzjoni għandha rwol vitali fil-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima, u dan billi tipprovdi għarfien, tippromwovi tibdil fl-imġiba, tappoġġja bidliet fil-politika, trawwem żvilupp sostenibbli u tipprepara lill-ġenerazzjonijiet futuri sabiex jindirizzaw l-isfidi ambjentali li se jkunu qegħdin jiffaċċjaw. Hija għodda b'saħħitha fil-ħolqien ta' soċjetà aktar sostenibbli u reżiljenti. Għaldaqstant, biex nindirizzaw l-isfidi li qed niffaċċjaw fis-seklu 21 huwa imperattiv li nipprijoritizzaw ir-rivitalizzazzjoni tas-sistema edukattiva tagħna. Wieħed mill-komponenti ta' din ir-rivitalizzazzjoni huwa l-importanza intenzjonata fuq l-integrazzjoni tal-edukazzjoni dwar it-tibdil tal-klima fil-kurrikulu tagħna. L-istudenti tal-lum huma l-għalliema, l-inġiniera u l-periti ta' għada li huma ddestinati li jsiru mexxejja tan-nazzjon tagħna. Billi niffokaw l-attenzjoni tagħna fuq it-titjib tal-esperjenza edukattiva tagħhom inkunu qed inpoġġu s-sisien għal soċjetà sostenibbli u reżiljenti. Investiment fis-sistema edukattiva llum huwa investiment fil-kollettiv tagħna ta' għada. Filwaqt li nirrikonoxxu l-impatt profond tat-tibdil fil-klima, irridu nagħtu lill-istudenti tagħna l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi ambjentali. Dan l-approċċ proattiv mhux biss irawwem ġenerazzjoni ta' ċittadini informati, iżda wkoll jikkultiva forza tax-xogħol li hija profiċjenti fil-ħiliet ekoloġiċi li tmexxi t-tranżizzjoni bejn ekonomija aktar ekoloġika u ekonomija aktar sostenibbli.

Għalhekk, Sur President, ejjew nimpenjaw ruħna għal viżjoni fejn l-istituzzjonijiet edukattivi tagħna jservu bħala inkubaturi għall-amministrazzjoni u l-innovazzjoni ambjentali billi ndaħħlu sens ta' responsabbiltà lejn il-pjaneta tagħna u nagħtu s-setgħa liż-żgħażagħ tagħna biex ikunu l-katalisti għal bidla pożittiva biex imbagħad dawn ikunu jistgħu anke jimmanifestaw futur fejn it-teknoloġiji ħodor jiffjorixxu, il-kuxjenza ambjentali tipprevali u n-nazzjon tagħna jibqa' reżiljenti quddiem l-isfidi globali. Ejjew nippromwovu flimkien sistema edukattiva robusta li mhux biss tagħti għarfien, iżda wkoll tnissel impenn għal futur aktar ekoloġiku u sostenibbli. Iż-żmien li naġixxu huwa issa għax l-istudenti tal-lum huma l-mexxejja ta' għada, u l-futur tal-pjaneta tagħna jiddependi fuq l-għażliet li nagħmlu llum. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Malcolm Paul Agius Galea.

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA (Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva):** Sur President, illum għandna dibattitu interessanti ħafna li fih verament qed nuru impenn qawwi favur it-tibdil fil-klima. Nibda biex insellem u nirringrazzja lill-kollega tiegħi l-Ministru Miriam Dalli tax-xogħol siewi li tagħmel kif ukoll lit-tim b'saħħtu li għandha

magħha li huma ddedikati immens fix-xogħol tagħhom.

Jien kont ilni nistenna din l-awtorità titwaqqaf, u għalhekk nista' ngħid bla tlaqliq li qed nilqagħha b'idejja miftuħa. Ir-raġuni hi li aħna m'għandniex widnejn torox għal dan il-fenomenu li qed iseħħ quddiem għajnejna u li qegħdin immissuh b'idejna. Fil-fatt m'hemmx għalfejn immur 'il bogħod ħafna biex nuri li llum qegħdin saħansitra mmissu dan il-fenomenu b'idejna. Naħseb li huma ħafna dawk in-nies li qed jirrealizzaw l-effetti li qed iħalli t-tibdil fil-klima, u filwaqt li qabel kellna ħafna nies li kienu xettiċi għal dan il-fenomenu, illum in-numru ta' nies xettiċi qiegħed dejjem jonqos għax fl-aħħar qed iħossu l-effetti tiegħu u qegħdin imissuhom b'idejhom huma wkoll.

Biżżejjed insemmi t-tnaqqis fl-ammont ta' xita, it-tibdil drastiku li qed ikollna fit-temp fejn filli qed ikollna bard estrem u filli sħana estrema, - fil-fatt spiss ngħidu li t-temp miġnun - it-tempesti li qed iseħħu mingħajr ma nkunu nafu eżattament fejn dawn se jibqgħu jestendu u l-kurrenti fl-ibħra fejn ix-xjenzati fid-dinja qed joħorġu twissija fuq oħra.

Jien naħseb li anke aħna, fiċ-ċokon tagħna, għandna nibdew nagħmlu dan il-pass. Sfortunatament dan il-pass mhux qed jittieħed minn kull pajjiż, però għal dan in-nitfa ta' pajjiż aħna qed nieħdu pass kbir ħafna li għandu effett doppju fuq is-saħħa, u se nispjega għaliex. L-effett primarju kulħadd jarah. Il-mard dejjem qed jiżdied, u l-gravità tal-mard qed tiżdied ukoll. Illum qed naraw aktar mard respiratorju, mard tal-kanċer u anke mard mentali. Tgħidli: "X'għandu x'jaqsam il-mard mentali mat-tibdil fil-klima?" Iva, għandu x'jaqsam ukoll. Biżżejjed ngħidilkom li fi żmien it-taqlib tal-arja l-mard mentali jispara 'l fuq.

Fil-fatt kull min jesperjenza xi tip ta' mard mentali, dan jesperjenzah b'mod partikolari fi żmien it-taqlib tal-arja. Bejn Marzu u Mejju jkun hemm żieda ta' każijiet tal-mard mentali minħabba t-taqlib tal-arja, aħseb u ara bit-tibdil fil-klima. It-tibdil fil-klima qed iħalli effett f'kollox, anke fis-saħħa fiżika tal-persuna, għax fl-aħħar mill-aħħar dan jaffettwalek l-ikel li tiekol, l-arja li tieħu u kollox. Saħansitra t-temperatura minnha nnifisha tagħmel differenza kbira għax meta jkollok żieda fit-temperatura, il-ġisem tal-bniedem ma jkunx qed jiffunzjona kif suppost, u allura dak huwa effett dirett.

Għalhekk jien nawgura li din l-awtorità li se titwaqqaf ikollha snien biżżejjed biex tkun verament awtorità li qiegħda hemmhekk għall-protezzjoni ta' kulħadd. Forsi min jara biss sal-ponta ta' imnieħru jgħidlek: Din mhijiex burokrazija żejda? Le, mhijiex burokrazija żejda. F'din l-awtorità se jkollna nies kompetenti minn kull professjoni u qasam tal-ħajja, u l-għan ta' din l-awtorità hu li tipproteġi lilek, lil uliedek kif ukoll lill-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu warajna u li llum għadhom ma tweldux. Permezz ta' awtoritajiet bħal dawn aħna m'aħniex qed naraw biss sal-ponta ta' mneħirna, anzi qed naraw 'il bogħod, u dan iwassalna għas-sostenibbiltà, għax il-kelma "sostenibbiltà" hekk tfisser; x'se nħalli jien lil ta' warajja. Meta jien nieħu azzjoni llum u nirregola l-azzjonijiet tiegħi llum inkun qiegħed nipproteġi lill-ġenerazzjonijiet li għadhom ġejjin.

Imbagħad hemm ukoll l-effett indirett tat-tibdil fil-klima. Ikun hawn min jgħidli: Dan x'għandu x'jaqsam? Ħafna drabi l-qasam mediku jinkorpora fih binjiet kbar, fosthom sptarijiet enormi fejn ikollok ċerti proġetti għaddejjin fihom. Eżempju ta' dan bħalissa huwa ċ-Ċensu Moran Regional Healthcare Hub, blokka daqsiex li trid tinkorpora fiha wkoll ċertu element ta' miżuri li għandhom jimxu paripassu mal-impenn tagħna biex nieħdu ħsieb it-tibdil fil-klima. Fost oħrajn, hawn qed nitkellmu dwar il-Leadership in Energy and Environmental Design (LEED). Din bażikament hija sistema ta' punti b'massimu ta' 59 punt fejn wieħed irid jara li d-disinn ta' dik il-binja partikolari jkun jilħaq ċerti standards bil-għan li l-binja tkun sostenibbli. Aħna rridu naraw li din il-binja tkun sostenibbli mhux għax din se tibqa' hemmhekk għal 100 sena imma għax irridu naraw li tkun environmentally friendly.

Fil-fatt bi pjaċir ngħid li bħalissa, pereżempju, iċ-Ċensu Moran Regional Healthcare Hub laħaq 50 punt minn 59. Hija xi ħaġa sabiħa li diġà qed nużaw il-LEED u li lħaqna livell tajjeb. Dan diġà juri ċertu impenn f'din il-binja nnifisha li se tintuża għal skopijiet mediċi, u lili din tinteressani ħafna għax huwa inutli li jkolli binja enormi jekk imbagħad din ma tkunx sostenibbli. Meta nibnu dawn il-binjiet kbar li qed nibnuhom għall-bżonnijiet ta' kulħadd, almenu għandna nkunu l-leaders biex nassiguraw li dawn il-binjiet, kbar kemm huma kbar, ikunu sostenibbli

u mexjin paripassu mal-impenn tagħna għat-tibdil fil-klima.

Aħna qed nimmiraw li l-binja tal-Outpatients ikollha silver LEED bħala livell, għax hemm ukoll il-livelli partikolari. B'hekk b'sempliċement binja diġà qed nagħmlu punt importanti ħafna dwar it-tibdil fil-klima, u l-għan tagħna hu li kwalunkwe binja jkollha dawn it-tip ta' standards. Dak huwa l-impenn tagħna min-naħa tal-qasam tas-saħħa. Almenu wara li nħambqu tant dwar it-tibdil fil-klima, aħna qed inkunu l-ewwel nies li qed nibdew nagħmlu xi ħaġa f'dan ir-rigward.

Imbagħad ovvjament hemm affarijiet oħrajn li jistgħu jsiru fil-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima, fosthom li ma jkunx hemm konsum żejjed u li nnaqqsu l-ammont ta' skart. Mhuwiex biżżejjed li l-binjiet tagħna jkunu sostenibbli imma anke l-operat tagħhom irid ikun sostenibbli, u dan jista' jsir billi nassiguraw li ma jkunx hemm ħela żejda, li ma jkunx hemm konsum żejjed, li jiġi mnaqqas l-ammont ta' skart u li dak li jista' jiġi riċiklat ma jiġix mormi. Pereżempju, bħala tabib nista' ngħid li sfortunatament aħna bħala persuni li naħdmu fil-kamp mediku nużaw ħafna karti, plastik u boroż, għax sintendi rridu li l-affarijiet ikunu sterilizzati u l-ammont ta' dawn il-prodotti li jiġu mormija huwa enormi.

Dan iwassalni biex nagħmel punt ieħor dwar iċ-ċertifikazzjoni tat-tagħmir mediku li jkollna. It-tagħmir mediku wkoll għandu l-istandards tiegħu. Pereżempju, hemm il-BM153 u diversi ċertifikazzjonijiet oħrajn. Jien qed nieħu pjaċir li l-awtorità li se titwaqqaf trid tidħol kważi f'kull awtorità oħra b'mod konsultattiv. Pereżempju, il-Medicines Authority qed tagħmel xogħol enormi fuq it-tagħmir mediku għax l-Unjoni Ewropea tagħti ċertifikazzjoni lil dan il-makkinarju u mhux kull tagħmir jista' jaqbad u jiddaħħal f'Malta. Fil-fatt ġieli jkun hemm nies li jistaqsuni: Imma għaliex din tintuża, pereżempju, fiċ-Ċina u fl-Indja, u hawn Malta ma ddaħħlitx? Jekk ma jkollhiex ċertifikazzjoni Ewropea la tista' tiddaħħal u lanqas tintuża f'pajjiżna.

Però apparti minn hekk, aħna qed naraw li jkollna anke ċertifikazzjoni ta' ċertu tagħmir. Pereżempju, riċentement għadha kif inbidlet l-X-ray machine taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi għax dik li kien hemm qabel kellha ammont ta' żmien, u l-X-ray machine il-ġdida li għadna se nibdew ingawdu l-frott tagħha għax il-binja ta' dan iċ-ċentru għadha mhix lesta, għandha standards ogħla. Fost oħrajn, ir-raġġi li tipproduċi l-X-ray machine il-ġdida huma aktar siguri u anke l-imaging huwa aħjar. L-istess nistgħu ngħidu għas-CT scan machine. Aħna bħala tobba qabel konna nagħtu parir lill-pazjenti tagħna biex kemm jista' jkun ma jagħmlux CT scan għax jispiċċaw jibilgħu raġġi daqs 100 X-ray f'daqqa, jekk mhux aktar, però l-magni li qed jiġu manifatturati llum qed jipproduċu dejjem inqas raġġi għax id-dinja medika tgħidlek li xi kultant ċertu imaging bla bżonn qed jagħmel il-ħsara lill-bniedem.

Fil-fatt qabel għalhekk konna noqogħdu attenti qabel ma nibagħtu lill-pazjenti tagħna jagħmlu CT scan, però llum dak l-ammont ta' raġġi dejjem qegħdin innaqqsuh, u għalhekk huwa importanti li wieħed jixtri makkinarju dejjem aktar modern. Apparti li l-makkinarju tal-lum joħroġlok l-images aħjar, jiġifieri l-viżwalizzazzjoni li jkollok quddiemek tkun aktar preċiża, dan huwa ta' benefiċċju anke għas-sigurtà tal-pazjent. Għalhekk aħna qed naraw li ninvestu f'tagħmir ġdid u li nimxu paripassu maċ-ċertifikazzjonijiet li jinħarġu.

Sur President, jien nappella biex din l-awtorità tidħol fi kwalunkwe aspett, anke fil-qasam tas-saħħa. Il-qasam tas-saħħa qed jevolvi kontinwament u dejjem miexi 'l quddiem, u għalhekk huwa importanti li paripassu mal-avvanz li qed isir fil-qasam tas-saħħa mil-lat teknoloġiku, inżommu dejjem f'moħħna t-tibdil fil-klima minn kull aspett. Fl-aħħar nett nawgura minn qalbi lin-nies kompetenti li qed jaraw it-twaqqif ta' din l-awtorità bħala għodda għalihom sabiex iwasslu leħinhom u jwasslu l-għarfien kollu li għandhom għall-ġid ta' kulħadd, filwaqt li nappella biex ikun hemm kollaborazzjoni sħiħa. It-twaqqif ta' din l-awtorità m'għandniex inħarsu lejh bħala burokrazija żejda imma bħala entità b'imħuħ ta' nies kompetenti li qegħdin hemmhekk sabiex jgħinuna bl-għan aħħari li nipproteġu s-saħħa tagħna, ta' wliedna u ta' wlied uliedna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Prim Ministru.

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Sur President, li kieku kellek tistaqsini biex nagħżel sfida waħda li nemmen li rridu

nindirizzawha definittivament bħala poplu magħqud, jien inwieġbek b'mod daqstant definittiv li din hija l-bidla fil-klima. Għalhekk illejla f'din il-Kamra nixtieq nitkellem fuq pass ieħor importanti li qed jagħmel pajjiżna f'dan il-qasam tant importanti. Is-sinjal li qed nibagħtu llejla bit-twaqqif ta' din l-awtorità tant importanti għal azzjoni dwar il-klima huwa wieħed b'saħħtu ħafna. Huwa sinjal ta' Gvern sħiħ u magħqud li bl-entitajiet diversi tiegħu qed ikun fuq quddiem nett fl-implimentazzjoni ta' politika ambjentali aktar b'saħħitha u b'mod naturali wkoll aktar ġusta, politika li tħares il-futur, imma li se tibdel għall-aħjar anke l-ħajja tagħna tal-lum il-ġurnata. Madankollu, bħal f'kull bidla oħra, l-azzjoni tal-Gvern waħdu mhijiex biżżejjed, u għalhekk hemm bżonn li l-azzjoni tal-Gvern twassal biex issostni sforz ta' poplu sħiħ. Ilkoll kemm aħna rridu nemmnu fil-bidliet li hemm bżonn, u mbagħad wara li nemmnu f'dawk il-bidliet immiddu għonqna għax-xogħol biex inwettquhom. Però jekk nintilfu fil-partiġjaniżmu nkunu qegħdin nonqsu lill-ġenerazzjonijiet futuri għax ma nilħqux nieħdu d-deċiżjonijiet li huma kuraġġużi u meħtieġa fil-ħin. Jien wieħed minn dawk li l-esperjenza ta' dawn l-aħħar erba' snin għallmitni dwar l-importanza li fuq kull suġġett irid ikollna diskussjoni libera, franka u sinċiera mal-poplu tagħna kollu, imma mbagħad bl-istess mod konsistentement irrid nenfasizza fuq kemm hu ta' theddida l-popoliżmu.

Il-poplu xi jrid? Il-poplu jrid soluzzjonijiet effettivi u mhux lil min inissillu l-biża'. Meta nitkellmu dwar suġġett daqstant sensittiv bħalma hu l-bidla fil-klima, hawn min anke jittrattah bħala conspiracy theories, bħallikieku dan is-suġġett qed jiġi diskuss biex jaġevola lil xi negozju jew negozji, tant li mbagħad ikompli jgħidlek li l-gvernijiet ta' diversi pajjiżi qed jitħaddtu dwar dan is-suġġett biex ikunu jistgħu joħolqu piżijiet ġodda fuq il-popli tagħhom. Jien nitkellem dwar dak li tgħid ix-xjenza, u x-xjenza hija ċara daqs il-kristall f'dan ir-rigward. Ix-xjenza tgħid li jekk m'aħna se nbiddlu xejn u jekk se nirreżistu l-bidla, ħaġa waħda hija ċerta; li se jkun qed ibati kulħadd. Mela allura jkun aktar għaqli li nillimitaw din id-diskussjoni dwar il-bidliet li se nagħmlu kif ukoll dwar kif dawn se nkunu nistgħu nagħmluhom bl-aktar mod ġust possibbli u mhux dwar jekk għandniex nagħmlu l-bidliet. Id-deċiżjoni hija ċara, li l-bidliet iridu jsiru. Ejjew nifhmu fejn qegħdin illum il-ġurnata. Se mmur lura għat-Trattat ta' Pariġi li sar fl-2015 meta dakinhar kien ġie ffirmat qbil li ż-żieda fit-temperaturi għall-futur ma kellhiex tkun waħda li tiżboq il-1.5°C. Dakinhar ix-xjentisti kienu wissew li jekk kien se jkun qed jinqabeż dan il-limitu, il-kwalità tal-ħajja li aħna mdorrijin biha llum mhux biss kienet se tmur lura imma kienet se tkun f'riskju kbir.

Iżda minflok x'rajna mill-2015 'il quddiem? Fil-fatt sal-ġimgħa l-oħra stess il-moniteraġġ tal-klima Ewropew ħabbar li għall-ewwel darba d-dinja kellha 12-il xahar ta' temperaturi li żdiedu b'aktar minn 1.5°C. Dak huwa l-istate of play li qegħdin nesperjenzaw illum il-ġurnata, u huwa għalhekk ukoll li bħala Prim Ministru ta' dan il-pajjiż illum qed niġi f'dan il-Parlament, bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, u nitkellem b'sens ta' dover u responsabbiltà.

Sur President, ejjew nitilqu mill-punt li l-bidla fil-klima hija realtà. Hija periklu ċar u preżenti li tpoġġi s-saħħa taċ-ċittadini u tal-komunitajiet tagħna f'riskju. Din hija realtà li ma taħfirha lil ħadd, anzi l-Mediterran, li ngħixu fih aħna, huwa meqjus bħala hot spot għall-bidla klimatika. Ilkoll nafu li s-sajf li għadda kien l-aktar wieħed sħun li qatt ġie reġistrat fl-istorja tal-bniedem, u hawn jien nistaqsi x'kien ifisser dan il-fatt għall-popli tal-Mediterran. Ilkoll rajna fl-aħbarijiet internazzjonali nirien li qerdu żoni sħaħ f'pajjiżi li mhumiex daqstant 'il bogħod minna. Rajna u esperjenzajna għargħar li qatel eluf ta' persuni u f'diversi pajjiżi, fosthom f'pajjiżna, kien hemm pressjoni fuq l-infrastruttura li qatt ma rajna bħalha qabel.

Għalhekk jien nemmen li quddiem din l-isfida daqstant kbira rridu nkunu proattivi. Sfortunatament għal wisq żmien il-politika ambjentali kienet waħda ta' natura relattiva, jiġifieri kienet twieġeb għall-isfidi ambjentali wara li dawn ikunu diġà seħħew u kien qed ikun hemm rispons għall-kriżijiet ambjentali wara li l-ħsara tkun laħqet seħħet b'reazzjoni għall-kriżi u mhux bil-prinċipju tal-prevenzjoni. Illum qegħdin naħdmu b'mod differenti, u fil-fatt meta nitħaddet dwar it-tranżizzjoni ekonomika l-aspett ambjentali qed jiġi meqjus bħala prijorità.

Għalhekk imbagħad meta ġejna biex infasslu l-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza ta' Malta wara l-pandemija, poġġejna l-ambjent fiċ-ċentru ta' dan il-pjan u allura anke fiċ-ċentru tal-prijoritajiet tagħna. Irrid nirrimarka wkoll li meta nitkellem dwar l-ambjent, jien nitkellem dwar dan il-qasam fis-sens wiesa' tiegħu, jiġifieri dwar id-diversi

forom li jaqgħu taħt il-kappa tal-ambjent għax nemmen li hemm bżonn li f'pajjiżna d-diskussjoni dwar l-ambjent ma tibqax tillimita ruħha biss għall-użu tal-art. L-użu tal-art huwa aspett importanti tal-ambjent, però definittivament mhuwiex l-aspett esklużiv. Irridu nifhmu li t-tranżizzjoni ambjentali tfisser ukoll bidla f'kull aspett tal-ħajja ekonomika u soċjali tagħna.

Jekk irridu nindirizzaw l-isfida tal-bidla fil-klima verament, irridu nħarsu lejn riformi li jkunu jestendu across the board, u għalhekk li qed tinħass il-ħtieġa ta' din l-awtorità li se nkunu qegħdin inwaqqfu wara li nispiċċaw dan id-dibattitu u nieħdu l-vot. Il-perspettiva ta' din l-awtorità mhix se tkun waħda magħluqa li tħares biss lejn aspett wieħed, imma se tkun qed tħares lejn dan il-qasam tant importanti permezz ta' viżjoni wiesgħa u ħolistika. Għalhekk jien ngħid li t-twaqqif ta' din l-awtorità huwa pass kbir 'il quddiem. Permezz tal-Abbozz ta' Liġi li qed inpoġġu għad-dibattitu quddiem dan il-Parlament, Malta mhux biss qed tirrikonoxxi din l-isfida iżda qed tibgħat l-akbar messaġġ li lesta tagħti sehemha biex jirnexxilna negħlbu din l-isfida flimkien.

Hawnhekk, Sur President, jekk tippermettili nixtieq nagħmel żewġ punti li nħoss li huma importanti. L-ewwel wieħed hu li nindirizza lil dawk li jgħidulek: "Imma Malta, fiċ-ċokon tagħha, x'tista' tagħmel?" Jew: "X'impatt jista' jkun hemm fit-teħid tal-azzjonijiet li dan il-pajjiż ċkejken f'nofs il-Mediterran jista' jieħu?" Jew addirittura: "Pajjiżna x'differenza jista' jagħmel meta madwar id-dinja għandek ekonomiji ġganti li jistgħu saħansitra jinnewtralizzaw dak li jirnexxilna nagħmlu aħna?" It-tweġiba tiegħi għal min jagħmel dawn it-tip ta' domandi hi li minn mindu sirna indipendenti tant għexieren ta' snin ilu, Malta kienet kapaċi timbotta 'l quddiem bidliet kbar fil-qasam ambjentali.

Biżżejjed insemmi l-episodju li aħna magħrufin għalih, dak tal-1967 - u dawk kollha f'din il-Kamra li studjaw id-dritt internazzjonali jafu għal xiex qed nirreferi - meta Malta kienet bdiet il-proċess biex ir-riżorsi tal-baħar jitqiesu bħala 'the common heritage of mankind', jiġifieri l-wirt komuni tal-bniedem. Meta pajjiż ikun qed jimbotta 'l quddiem is-sewwa, is-sewwa ma jimpurtax min jgħidu jew ta' liema daqs hu dak il-pajjiż. L-importanti hu li min jimbotta inizjattivi bħal dawn ikollu l-kredibilità li jimbottahom 'il quddiem, u dik il-kredibilità takkwistaha għaliex tkun twettaq dak li tgħid. Inizjattiva oħra li stajna noħolquha, għaliex għandna l-kredibbiltà, kienet dik li seħħet proprju ftit tax-xhur ilu meta kelli l-privileġġ li nniedi f'forum esteru l-inizjattiva li ħadna bit-tema "Island for Islands".

It-tieni punt li nixtieq nitkellem dwaru hu li jkollok min jgħidlek ukoll li aħna fost l-inqas li nħammġu u li nniġġsu ras għal ras, u dan huwa veru. Fil-fatt anke l-istatistika turi li pajjiżna huwa wieħed mill-inqas pajjiżi li jniġġes, bil-konsegwenza li meta niġu għall-miri, jiġifieri meta niġu biex nilħqu r-rati stabbiliti ta' kemm għandna nnaqqsu t-tniġġis, dawn jistgħu jidhru aktar diffiċli għalina biex nilħquhom għax diġà nniġġsu mill-inqas.

Madanakollu dawn iż-żewġ punti, li t-tnejn huma reali, ma jżommuniex milli nagħmlu kull sforz meħtieġ biex nibqgħu nġibu bidla pożittiva. Fil-fatt l-awtorità li qed inwaqqfu hija pass importanti 'l quddiem, però tibni wkoll fuq bidliet kbar li diġà rnexxielna nwettqu flimkien, bidliet li mhux biss tejbu l-ambjent ta' madwarna imma tejbu wkoll l-ekonomija tagħna u saħansitra rnexxielhom itejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies.

Illum se nirreferi għal ħames inizjattivi biss mid-diversi li wettaqna. L-ewwel waħda hija t-trasformazzjoni li għamilna u li se nibqgħu nagħmlu għal ġenerazzjoni ta' enerġija aktar nadifa, trasformazzjoni li mhux biss tatna enerġija aktar nadifa iżda anke enerġija bi prezz orħos u bi prezz konsistentement stabbli. Ta' min jgħid ukoll li din l-istabilità fil-prezzijiet tal-enerġija se toħolqilna opportunitajiet ekonomiċi kbar għax aħna nemmnu f'Mediterran li huwa hub ta' enerġija nadifa b'Malta li tkun fuq quddiem nett ta' dik l-inizjattiva. (Onor. Membri: Hear, hear)

It-tieni inizjattiva hija dik li nnaqqsu l-impatt negattiv li jħallu dawk l-industriji li huma meħtieġa għall-pajjiż, bħalma huma t-turiżmu u l-ġarr tal-merkanzija. Insemmi, fost oħrajn, il-proġetti tax-shore-to-ship fid-diversi portijiet tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear)

It-tielet inizjattiva hija d-direzzjoni biex ikollna aktar investiment ta' natura ħadra. Insemmi, fost oħrajn, il-bonds li ħarġu mis-sussidjarja tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC)

bħala waħda mid-diversi inizjattivi li ħadna f'dan il-qasam. (Onor. Membri: Hear, hear)

Ir-raba' inizjattiva hija n-numru ta' proġetti kbar li saru fis-settur tal-iskart biex nipproduċu inqas skart, biex nirriċiklaw aktar skart u biex mill-iskart jirnexxilna noħolqu riżorsa u sors ġdid ta' enerġija. (Onor. Membri: Hear, hear)

Il-ħames inizjattiva hija l-implimentazzjoni tal-akbar proġetti ta' spazji miftuħa b'enfasi - u hawnhekk aħna tajna direzzjoni mill-aktar ċara - fuq it-tħawwil ta' eluf ta' siġar ġodda. (Onor. Membri: Hear, hear)

Hawnhekk, Sur President, qegħdin naraw l-isforz ta' entitajiet differenti li jingħaqdu f'għan wieħed, li huwa dak ta' kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti kollha tagħna. Però jien nemmen li issa rridu naspiraw li dak ix-xogħol il-kbir li jkun qed isir ma jinħattx b'nuqqas ta' azzjoni jew b'azzjoni inversa f'oqsma oħra, u għalhekk ħassejna l-ħtieġa li titwaqqaf l-awtorità għall-azzjoni dwar il-klima. Din l-awtorità se jkollha rwol importanti ferm fit-trasformazzjoni soċjali, ekonomika u ambjentali, u permezz tagħha rridu nibdlu l-ħsieb żbaljat li forsi konna nħaddnu fil-passat, u ċjoè li l-iżvilupp u l-protezzjoni ambjentali għandhom jikkuntrastaw jew jikkompetu ma' xulxin.

Fil-fatt dan mhuwiex il-każ, anzi jien nemmen li dawn għandhom jaħdmu f'sinerġija ma' xulxin. It-tranżizzjoni ambjentali mhijiex sfida negattiva imma hija l-akbar opportunità ekonomika tal-ġenerazzjoni tagħna jekk nagħrfu nittrattawha sewwa. (Onor. Membri: Hear, hear) Hija rivoluzzjoni industrijali ġdida li se twassal ukoll għal prosperità ġdida. L-għażla mhijiex jekk huwiex se nibqgħu nipprogressaw jew le. Allaħares aħna kellna qatt niddeċiedu li ma rridux nibqgħu nipprogressaw. L-għażla hija dwar kif irridu nibqgħu nipprogressaw.

Ċertament, Sur President, irridu nibqgħu nipprogressaw flimkien għax tranżizzjoni ġusta u effettiva definittivament teħtieġ parteċipazzjoni wiesgħa. Għalhekk din l-awtorità se tkun qiegħda ssegwi approċċ komprensiv li jinvolvi lill-Gvern kollu u lill-entitajiet tal-Gvern kollha filwaqt li se tassigura li jkun hemm djalogu soċjali li jappoġġja din it-trasformazzjoni, liema djalogu jġib madwar il-mejda l-esperti tekniċi, l-għaqdiet nongovernattivi, in-negozji, iżda fuq kollox iżomm fuq quddiem nett u fiċ-ċentru tiegħu lill-familji Għawdxin u Maltin kollha kemm huma. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, mill-banda l-oħra, però, huwa daqstant ieħor minnu li jekk niddeċiedu li ma nkunux proattivi u nibqgħu ċassi mingħajr ma nagħmlu xejn, il-bidla fil-klima se tkun l-akbar theddida għall-ħajja kif aħna mdorrijin biha llum il-ġurnata. Għalhekk għax aħna m'aħniex popolisti u nirreżistu li nkunu popolisti, m'aħniex se nieqfu hawnhekk. Theddida, kbira kemm tkun kbira - u din hija theddida kbira - ma tistax tħalliha tbeżżgħek, anzi jien insostni, kif dejjem sostnejt quddiem kull sfida li kellna matul dawn l-aħħar snin, li xogħolna hu li minn kull sfida jirnexxilna noħolqu opportunità għall-poplu kollu tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear) Huwa b'dan il-mod li se nkunu qegħdin naffrontaw din l-isfida li għandna quddiemna.

Dik li sfortunatament ħafna jibżgħu li tista' tkun daqqa ekonomika għal pajjiżna, jien ngħid li dan il-Gvern se jkun qiegħed idawwarha fl-akbar opportunità li qatt kellu pajjiżna. (Onor. Membri: Hear, hear) Jekk nagħrfu nieħdu d-deċiżjonijiet it-tajbin, il-bidla għandha ġġib magħha ħolqien ta' xogħol ġdid, aktar effiċjenza fir-riżorsi, żvilupp ta' prodotti u servizzi, aċċess għal swieq ġodda u bini ta' reżiljenza tul is-supply chain kollha. (Onor. Membri: Hear, hear) Dawn huma kollha opportunitajiet li aħna rridu naħtfuhom sabiex inkomplu nassiguraw tkabbir ekonomiku u benefiċċji soċjali quddiem l-isfidi klimatiċi. Iva, nerġa' nenfasizza li din hija sfida li teħtieġ l-isforz komprensiv ta' kulħadd.

Fost oħrajn, teħtieġ bidliet fil-mentalità, u jien nemmen li fuq quddiem nett ta' din it-trasformazzjoni għandu jkun hemm it-tfal u ż-żgħażagħ kollha tagħna. Huwa magħhom li rrid niddiskuti l-aktar jien biex flimkien infasslu l-akbar proġetti għaż-żmien li ġej. Għalhekk ma nitlifx imqar opportunità waħda biex niltaqa' mat-tfal u maż-żgħażagħ tagħna. Hawn nista' nsemmi l-Youth Advisory Forum. Insemmi wkoll il-laqgħat li jkolli ma' gruppi bħal EkoSkola. Nista' nsemmi anke t-taħditiet li jkolli mat-tfal u maż-żgħażagħ fit-tfassil ta' proġetti tant sbieħ bħal dawk li qed timplimenta Project Green. Lit-tfal u liż-żgħażagħ aħna rridu nagħtuhom sehem ċentrali u sinifikanti fit-teħid tad-deċiżjonijiet kollha ta' dan il-pajjiż. (Onor. Membri: Hear, hear)

Fl-istess waqt li qed ngħid dan kollu, Sur President, jekk hemm punt li rrid inkun ultra ċar

dwaru hu li dan il-Gvern mhuwiex se jixħet il-piż ta' din il-bidla fuq in-nies, u din id-direzzjoni li se jkollha l-awtorità li se titwaqqaf hija ċara kristall. (Onor. Membri: Hear, hear) M'iniex qed ngħid li m'aħniex se nieħdu deċiżjonijiet ebsin għax id-deċiżjonijiet ebsin neħduhom kemm hemm bżonn, iżda jien nemmen li d-deċiżjonijiet ma jsirux eħfef jekk inti tixħet il-piż fuq in-nies jew fuq in-negozji. Dan il-messaġġ li qed nibgħat hawnhekk nibagħtu b'mod konsistenti fil-fora Ewropej.

Għalhekk, bħalma nirreżisti l-professuri tal-awsterità fit-tmexxija tal-finanzi pubbliċi, daqstant ieħor se niġġieled lil dawk li jargumentaw li nistgħu nassiguraw il-futur biss billi nħallsu prezz ekonomiku. Jiddispjaċini, imma dan huwa ħsieb li jien ma nemminx fih. Huwa ħsieb li ma jagħmel l-ebda sens u huwa ħsieb ta' min għandu mentalità telliefa. (Onor. Membri: Hear, hear) Jien nistaqsi biss x'tip ta' sigurtà ambjentali tista' toħloq jekk iċ-ċittadini tagħna fil-ħajja ta' kuljum ma jħossux sigurtà ekonomika. Għax, ngħid jien, kif tista' ddawwar ħarstek lejn is-sigurtà tal-ambjent ta' madwarek jekk qabelxejn ma jkollokx is-serħan tal-moħħ dwar l-għajxien tal-familja tiegħek?

Jien norbot dan il-punt ma' dak li għamilt biex nintroduċi d-diskors tiegħi. Il-populiżmu ma jwassal għal imkien u ma joffri l-ebda soluzzjoni. (Onor. Membri: Hear, hear) Madankollu jiddispjaċini ngħid li minn sħabi tal-faċċata sal-lum populiżmu rajt ħafna. Se nagħti biss tliet eżempji. L-ewwel eżempju huwa dak ta' meta daħħalna riformi biex narmu inqas plastik fil-miżbliet tagħna. L-Oppożizzjoni kienet minn tal-ewwel li fittxet il-gwadann politiku immedjat.

It-tieni eżempju huwa dak ta' meta daħħalna riformi biex nipproduċu inqas skart li jmur fil-miżbliet tagħna għax dakinhar ukoll l-Oppożizzjoni fittxet il-gwadann politiku immedjat.

It-tielet eżempju huwa dak ta' meta matul is-sajf li għadda ffaċċjajna l-impatt ta' temperaturi estremi għax anke dakinhar l-Oppożizzjoni fittxet il-gwadann politiku immedjat.

Għaliex qed insemmi dawn l-eżempji, Sur President? Qed insemmi dawn l-eżempji għax jekk m'aħniex se nifhmu li din hija sfida nazzjonali u m'aħniex se naħdmu lkoll flimkien, se nkunu qed nonqsu mhux biss lil xulxin, imma anke lil uliedna u lill-poplu tagħna kollu kemm hu. (Onor. Membri: Hear, hear) Għalhekk din l-awtorità se sservi l-iskop li bħala pajjiż ikollna front nazzjonali wieħed quddiem din l-isfida, li mhijiex ta' proporzjon żgħir.

Fil-fatt l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum huwa turija tar-rieda kontinwa ta' dan il-Gvern li jagħti prijorità lill-kwalità tal-ħajja tal-poplu kollu tagħna. Il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima se tfisser bidliet ekonomiċi u soċjali kbar, imma dan il-Gvern, bħalma għamel dejjem quddiem sfidi kbar oħra, se jimxi dejjem b'politika ta' inċentiv u jwarrab għalkollox il-politika tal-kastig. Din l-awtorità se tkun qed tara li ssir ġustizzja ambjentali filwaqt li tenfasizza wkoll ir-responsabbiltà kollettiva.

Għalhekk, Sur President, dan l-Abbozz ta' Liġi mhuwiex sempliċement kitba jew kliem fuq karta, iżda huwa manifest tal-impenn tagħna għal trasformazzjoni soċjali u ekonomika li se twassal għal prosperità ġdida għax dan huwa pajjiż li ma jibżax mill-bidla, anzi aħna rridu nkunu dejjem katalisti tal-bidla. Aħna kapaċi ndawru l-bidla f'opportunità ta' suċċess ġdid, u fil-fatt dejjem hekk għamilna. Qatt ma bżajna mill-i*status quo* u hekk se nkomplu nagħmlu sakemm nibqgħu naħdmu flimkien għall-ġid komuni. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ryan Callus.

**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, nibda billi ngħid li segwejt b'attenzjoni d-diskors tal-Prim Ministru u tal-kollegi sħabi miż-żewġ naħat tal-Kamra fuq dan is-suġġett. M'hemmx dubju li s-suġġett ta' 'Malta's climate neutrality' huwa importanti ħafna. Id-dibattitu li għandna bħalissa f'din il-Kamra huwa dwar it-twaqqif ta' awtorità ġdida. Nistħajjel li n-nies li qed isegwuna qed jgħidu: Awtorità oħra jonqos f'dan il-pajjiż! Madanakollu llum qed jitpoġġa quddiem il-konsiderazzjoni ta' dan il-Parlament it-twaqqif ta' awtorità ġdida oħra, din id-darba għall-azzjoni dwar il-klima.

Kif diġà semmejt, f'dan il-pajjiż mhux awtorità waħda għandna imma tnejn, tlieta, erbgħa, u għalhekk hawn jien se nqajjem domanda, anke jekk għadni f'dan l-istadju bikri tad-diskors tiegħi. Wieħed jista' jagħti analiżi tal-operat ta' awtorità jew tal-impatt li jkollha awtorità fuq is-soċjetà skont jekk dak li huwa obbligat minnha

fil-liġi jkunx twettaq jew le. Ġaladarba l-Gvern għażel li jwaqqaf awtorità ġdida oħra, din id-darba għall-azzjoni dwar il-klima, wasal il-mument li nitkellmu fuq ir-raġunijiet li għalihom, skont kif jien informat, awtorità bħalma hi l-Energy and Water Agency (EWA) mhux dejjem qed tkun effettiva.

Issa hawn irrid nagħmilha ċara li din il-kritika tiegħi mhijiex indirizzata lejn il-ħaddiema li joperaw din l-awtorità, anzi jien naf uħud minnhom li huma impenjati bis-sħiħ biex jipprovaw inaqqsu l-impatt tal-industrija fil-konsum tal-enerġija, imma huwa evidenti li awtorità bħall-EWA hija nieqsa mir-riżorsi, mhux biss mir-riżorsi finanzjarji imma anke mill-imbuttatura politika biex twettaq xogħolha u l-aspettattivi tagħha skont kif imwaqqfa fil-liġi.

L-awtorità li qed niddiskutu llum se tkun qed iġġib l-isem ta' "Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima". Naturalment għadu kmieni biex ngħidu jekk din l-awtorità hijiex se tkun qed titwaqqaf sempliċement biex inkunu nistgħu ngħidu li issa għandna awtorità fuq il-klima. Nispera li din l-awtorità mhijiex se sservi biss bħala opportunità biex il-Ministru tiegħu ftit ritratti mal-bord il-ġdid tal-awtorità jew iżżur l-uffiċini ħalli b'hekk lin-nies inkunu nistgħu nibagħtulhom il-messaġġ li għandna Gvern li qed jaħdem fuq it-tibdil fil-klima. Issa r-riżultati ta' din l-awtorità se nkunu nistgħu narawhom fis-snin li ġejjin.

Madankollu jien xettiku, u qed ngħid li jien xettiku mhux biss għax qed nitkellem f'dan il-Parlament Malti imma xettiku wkoll b'mod ġenerali fuq l-isforzi globali dinjin f'dan is-settur, għax jekk se nimxu fuq dak li smajna s'issa ... U xi smajna s'issa f'din il-Kamra? Smajna ħafna diskors sabiħ, bħal "climate neutral", bħall-"futur ta' wliedna u ta' wlied uliedna". Smajna wkoll li qegħdin fi kriżi klimatika, li t-temperatura qed tiżdied b'1.5°C, kif għadu kemm qal il-Prim Ministru! Imma jien xettiku għax wisq nibża' li minkejja l-intenzjoniji
et tajbin - u nispera li l-intenzjonijiet huma tajbin, mhux biss biex, kif għedt diġà, nippożaw għar-ritratti - din l-awtorità ma jkollhiex snien.

M'għandix għalfejn insemmi ħafna affarijiet u ġrajjiet, Sur President, iżda nista' ngħid biss li s-sena li għaddiet kienet is-sena tal-inċidenti fatali, is-sena fejn kulħadd tefa' ħarstu lejn l-awtoritajiet responsabbli rigward dawn l-inċidenti fatali u fejn kulħadd beda jistaqsi kif jista' jkun li ġraw ċerti inċidenti f'pajjiżna. Għal awtorità waħda, għamilna tnejn, minn tnejn għamilna tlieta! Dan l-aħħar kont qed nisma' l-każ ta' Jean Paul Sofia għaddej fil-Qorti fejn ħareġ ċar li minkejja li kien hemm xi erba' awtoritajiet involuti f'dan il-każ, xorta waħda jidher u jinħass li lil dawn l-awtoritajiet m'aħniex nagħtuhom is-snien biżżejjed biex jaġixxu. Illum jien qed nagħmel dan il-punt għax wisq nibża' li din l-awtorità se tispiċċa għal darb'oħra awtorità bla snien u li se nwaqqfu din l-awtorità biex ngħidu sempliċement li waqqafna awtorità għall-azzjoni dwar il-klima.

Nista' nsemmi numru ta' azzjonijiet oħrajn li qed jittieħdu speċifikament fuq it-tibdil fil-klima. Bħalissa kull min jibni, ibigħ jew jikri proprjetà jrid iqabbad inġinier jew perit biex jagħmillu Energy Performance Certificate (EPC). Però lilna n-nies ħafna drabi jgħidulna: Issa billi għamiltli rapport fuq kemm il-proprjetà tiegħi tikkonsma dawl u fuq kemm il-proprjetà tiegħi hi kapaċi ma tħallix is-sħana fis-sajf jew il-kesħa fix-xitwa tippenetra fiha, b'daqshekk x'ġara?! Għax s'issa we are simply ticking the box, u għalhekk jien ma nagħtix tort lin-nies li sal-lum din qed jarawha bħala spiża miżjuda oħra. Ma rridx ninftiehem ħażin.

Jien m'iniex qed ngħid li l-EPC m'għandux isir, imma l-argument li qed nagħmel hawnhekk hu li billi nagħmlu l-EPC biss u nieqfu hemm, sal-lum m'aħna nirbħu xejn u issa rridu nagħmlu l-pass li jmiss. U l-pass li jmiss x'inhu? Il-pass li jmiss hu li naraw kif se ninċentivaw lin-nies biex iwettqu r-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fl-EPC, għax sal-lum l-aqwa għal sid id-dar, għall-investitur jew għall-iżviluppatur hu li nagħtih l-EPC ħalli jkun jista' jmur jagħmel il-kuntratt u jdaħħal il-parti tiegħu filwaqt li min ikun se jixtri, jakkwista dik il-proprjetà. Imma x'avvanz ambjentali għamilna billi għamilna l-EPC? Qed inqajjem dan il-punt għax m'għandix dubju li l-Ministru hija konxja wkoll ta' dak li qed ngħid jien.

Issa jien nifhem ukoll li l-Ministru tista' tgħidli li dan il-qasam ma jaqax strettament taħtha għax hawn qed nitkellmu fuq kostruzzjoni, imma ma ninsewx li dan huwa Gvern wieħed, bħalma aħna qegħdin ngħixu f'dinja waħda. L-emissjonijiet li tiġġenera ċ-Ċina jaffetwaw lid-dinja tagħna, saħansitra lil Malta ċkejkna tagħna, filwaqt li dak li tiġġenera l-Amerka fl-iżvilupp ekonomiku tagħha, jekk ma taħdimx dejjem aktar biex ikollna miri dejjem ogħla għal tnaqqis fl-

emissjonijiet, dawn l-emissjonijiet ukoll jaffettwaw lil Malta ċkejkna tagħna. Issa għall-EPC jien qed nuża dan l-istess argument jew prinċipju, u għalhekk inħoss li s'issa kulma għamel dan il-Gvern huwa biss klixè!

L-affarijiet tajbin li saru jien se nsemmihom ukoll, għax dak li hu tajjeb irrid ngħid li hu tajjeb. Imma biex inkompli fuq dan il-punt tal-EPCs irrid ngħid li fil-fehma tiegħi għadna m'aħniex nilħqu l-iskop ta' dan iċ-ċertifikat, għax billi jien inniżżel fuq l-EPC li qed nirrakkomanda li minflok geyser, il-klijent tiegħi jagħmel heat pump, li minflok single glazing jagħmel double glazing u li minflok ma l-ilma tax-xita li għandu fil-bir jużah biex sempliċement iqabbad pompa, jużah bħala second-class water għall-flushing, jekk kemm-il darba dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma jitwettqux allura, ħbieb tiegħi, qegħdin induru mal-problema. Allura qed niġu hawn nitkellmu fuq futur sabiħ, fuq li rridu nipproteġu lit-tfal tagħna biex ma jibqgħux jesperjenzaw dawn il-ħafna sħanat u temperaturi differenti li jkollna, iżda fil-verità qed nibqgħu nitkellmu fl-arja.

Dan iwassalni għal punt ieħor, Sur President, rigward it-tibdil fil-klima. Ma taħsbux li llum il-ġurnata l-Gvern għandu jiġi hawn u jgħid li l-flotta tiegħu hija kollha elettrika? (Onor. Membri: Hear, hear) U mela jgħaddi baġit wara baġit wara baġit biex ngħidu li se nagħmlu studju dwar liema karozzi se jsiru elettriċi, imbagħad jerġgħu jgħaddu sena, sentejn, tlieta u erbgħa oħra u nibqgħu dejjem għaddejjin bl-istudji?! Biex imbagħad xi darba naraw konferenza stampa fl-aħbarijiet tat-8.00 p.m. ta' TVM! Għax l-aħbarijiet tal-Gvern isiru fl-ewwel parti filwaqt li tal-Oppożizzjoni lejn l-aħħar, dejjem jekk jagħtuna spazju! L-Onor. Claudette Buttigieg, li hija l-kelliema tal-Oppożizzjoni għax-xandir pubbliku u li tinsab bilqiegħda ħdejja, hija xhieda ta' dan. Ara l-Gvern, għax ikun inawgura xi erba' karozzi elettriċi ... Taf meta nċapċpilhom jien? Meta jiġu hawn u jgħiduli li sat-tali data l-flotot tal-karozzi tal-Gvern se jkunu kollha elettriċi. (Onor. Membri: Hear, hear) U mela l-ewwel nipprietkaw lin-nies biex jixtru karozza elettrika bi €11,000 rifużjoni ... Issa, kif għedt l-ewwel, li hu tajjeb jien ngħid li hu tajjeb. Ir-rifużjoni hija tajba, prosit, anzi għandna nsaħħuha billi nżiduha. Imma mhux l-ewwel nipprietkaw lin-nies u mbagħad huma, li suppost jagħtu eżempju lis-soċjetà tagħna, jagħmlu agħar! Huwa tajjeb li se nwaqqfu awtorità għall-azzjoni dwar il-klima, iżda jista' l-Ministru jispjegali kif jien mort il-belvedere tar-Rabat madwar xahar u nofs ilu, ħadt ritratt ta' charging station ma taħdimx, tellajtha bħala post, u mbagħad erġajt mort xahar wara, u mid-dehra ħadd ma nduna b'din il-post għax iċ-charging station kienet għadha ma taħdimx?!

Forsi għax dakinhar jien kont għadni ma kontx ix-shadow minister tal-enerġija?! Allura x'messaġġ qed ngħaddulhom lin-nies? Li jekk m'għandhomx garaxx, ma jixtrux karozza elettrika għax l-infrastruttura taċ-charging stations ta' pajjiżna mhijiex ta' min jorbot fuqha! Mela ħalli nwaqqfuhom l-awtoritajiet, imma rridu azzjoni! Jien xbajt nisma' frażijiet sbieħ dwar il-ġenerazzjonijiet futuri u t-tfal tagħna, imma lili dan il-kliem sabiħ hawn ġew ma jimpressjonanix għax li rrid hija azzjoni. Fil-fatt huwa proprju għalhekk li qed insemmi dawn il-punti, għax kif għedt diġà, jien nittama li din l-awtorità li se titwaqqaf ikollha s-snien, u jekk it-tibdil fil-klima huwa verament importanti, meta awtoritajiet oħra jonqsu, din l-awtorità għandu jkollha l-poteri neċessarji biex tkun tista' tassumi r-responsabbiltà hi.

Sur President, smajt lill-kollega tiegħi s-Segretarju Parlamentari Malcolm Paul Agius Galea jitkellem fuq iċ-ċertifikazzjoni LEED. Tajjeb ħafna! Jien ħsibtu se jiġi jgħidilna kemm-il binja tal-Gvern għandna biċ-ċertifikazzjoni tal-LEED. Imma mhux hekk?! (Onor. Membri: Hear, hear) U mela jiġi jitkellem hawn u joqgħod jgħidilna fuq kemm iċ-ċertifikazzjoni LEED huwa sabiħ?! Lis-soċjetà tagħna, lill-intraprendituri tagħna u lill-industrija tagħna jridu jagħtuhom eżempju!

Issa smajna li se jżidu żewġ turbini biex nissupplimentaw il-ġenerazzjoni tal-enerġija. Tajba wkoll din! Is-sajf li għadda qalulna: "Tinkwetawx għax il-ġenerazzjoni ħsibna għaliha u għandna biżżejjed. Il-problema qiegħda fid-distribuzzjoni, jiġifieri fil-cables tal-high voltage u tal-low voltage. Kellna lill-eks ministru Konrad Mizzi li ħasbilna għal power station bomba li kapaċi tforni d-domanda li għandu bżonn pajjiżna għas-snin li ġejjin". Jien dakinhar m'għedt xejn. M'għedt xejn mhux fuq l-affarijiet li bdew jivvintaw, jiġifieri li bdew jinħallu l-cables ta' taħt l-art u ma nafx x'aktar, għax fuq dawk għedt, però fuq il-ġenerazzjoni m'għedt xejn. Issa smajna li l-ġenerazzjoni mhix tlaħħaq. Alla jbierek kemm inbidlu l-affarijiet f'Malta mis-sajf s'issa! Prosit!

Għalfejn wasalna s'hawn, Sur President? Wasalna s'hawn għax dan il-Gvern m'għandux pjan. M'għandkomx pjan! (Onor. Membri: Hear, hear) U bir-rispett kollu, issa mhux billi l-Prim Ministru jiġi jgħid li meta aħna nitkellmu fuq iż-żieda fil-popolazzjoni nkunu popolisti! Aħna ma nitkellmux fuq iż-żieda fil-popolazzjoni biex inkunu popolisti. Mela hekk sewwa! Jiġifieri issa, minkejja li dan il-pajjiż mhux kapaċi jiflaħ aktar nies u huwa wieħed mill-aktar pajjiżi densely populated, aħna donnu m'għandniex dritt nitkellmu fuq l-isplużjoni tal-popolazzjoni għax skont il-Prim Ministru, jekk nagħmlu hekk, inkunu popolisti! Kemm ġejna tajjeb ukoll! Aħna nitkellmu fuq din il-kwestjoni mhux għax ma nħaddnux lil min hu barrani f'pajjiżna.

Aħna ma nħaddnux lil min hu barrani f'pajjiżna meta tħabatna tant biex nidħlu fl-Unjoni Ewropea, biex inkunu parti minn dan il-klabb ta' numru ta' stati Ewropej ħalli nkunu nistgħu mmorru ngħixu u naħdmu f'pajjiżhom bla problemi, u l-istess jagħmlu huma?! Imma l-verità hi li dan il-pajjiż ma jiflaħx aktar, u l-agħar ħaġa hi li dawn ma ppjanawx qabel ma ħarġu bil-mudell ekonomiku tagħhom! Il-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas rajniehom f'kull qasam, inkluż fl-Isptar Mater Dei. Issa kellna l-musical chairs fir-responsabbiltajiet ta' diversi ministeri tal-Kabinett, u xi ħaġa li qatt ma kien jgħidha l-Eks Ministru tas-Saħħa Chris Fearne, issa f'daqqa waħda ammettieha l-Ministru l-ġdid tas-saħħa għax qalilna li għandna bżonn sptar ġdid, bħallikieku ġie żvelat is-sigriet ta' Fatima fil-pubbliku!

Kif għedt diġà, il-konsegwenza taż-żieda fil-popolazzjoni bla ppjanar qed naraha f'numru ta' oqsma oħra, inkluż fil-ġenerazzjoni u fid-distribuzzjoni tal-enerġija. Ikun hawn min jgħidli: "X'qed tgħid? X'għandu x'jaqsam?" Qed ngħid hekk għax filli ngħidu kemm il-gass huwa nadif u filli skont rapport tal-*MaltaToday*, aqtgħu biex se jkunu mħaddma dawn iż-żewġ turbini! Issa jien għamilt mistoqsija parlamentari dwar dan ukoll ħalli nara x'se tkun ir-risposta. Skont dan ir-rapport tal-*MaltaToday*, issa l-gass insewh, għax dawn iż-żewġ turbini se jaħdmu bid-diesel! Nitlob lill-Ministru biex tgħidli jekk jien żbaljat, però hekk ġie ppubblikat fis-subheadline tal-*MaltaToday*, u jien ma rajt l-ebda ċaħda min-naħa tal-Ministru dwar biex se jitħaddmu dawn it-turbini. F'daqqa waħda l-environment impact assessment ingħata l-ġenb u m'għandniex bżonnu! F'daqqa waħda kollox sewwa, l-aqwa li naslu fejn għandna naslu!

Sur President, tajt dawn il-ftit eżempji biex noħroġ l-ironija li filwaqt li rridu nwaqqfu awtorità għall-azzjoni dwar il-klima għax minnha nnifisha hija xi ħaġa tajba, min-naħa l-oħra l-azzjoni tal-Gvern qed tistona wisq mal-kliem sabiħ li uża l-Prim Ministru, li għadu kif tkellem qabli. Skont l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum jidher li din l-awtorità se tistabbilixxi n-National Energy and Climate Plan (NECP). Nixtieq infakkar lill-Ministru li fl-2014 twaqqfet l-EWA, li wkoll kellha r-remit tal-politika tal-enerġija. Allura jien nistaqsi: Issa min se jkollu dan ir-remit, l-EWA jew l-awtorità l-ġdida li se nwaqqfu permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi?

Punt ieħor li rrid nagħmel huwa dwar id-definizzjoni tal-kelma "klima" li nsibu fi klawsola 2 ta' dan l-istess Abbozz ta' Liġi, li tgħid hekk:

> “"klima" tinkludi l-iskarsezza tal-ilma, in-nixfa u l-enerġija;”.

Biex inkun onest din id-definizzjoni jien ma tantx fhimtha u lanqas wisq tinftiehem. Fil-fatt, jekk tfittex id-definizzjoni ta' "klima" fuq id-dizzjunarju ssib - kif anke jgħidulek l-esperti - li l-kelma "klima" tirreferi għal "mudell tat-temp fit-tul f'reġjun, tipikament fuq medja ta' 30 sena". Fl-opinjoni umli tiegħi, dan l-Abbozz ta' Liġi huwa nieqes ukoll mill-addattament soċjali, li huwa xi ħaġa fundamentali għax, ngħid jien, jekk mhux se jkollna l-aspett tal-addattament soċjali, kif se nimplimentaw il-politika tagħna b'mod li din tiġi aċċettata mis-soċjetà tagħna?

X'qed ngħid hawnhekk, Sur President? Hawnhekk qed ngħid li rridu naraw kif se ninvolvu normi eżistenti, jew biex ninftiehem aħjar, użanzi soċjali preżenti, u dan għal żewġ raġunijiet partikolari; l-ewwel nett sabiex din il-politika li aħna qed nimbottaw tkun suċċess għax huwa inutli li inti jkollok il-liġijiet. Forsi wieħed jgħidli: Il-liġijiet mhux jinkisru?! Kollox sew, imma l-liġijiet huma sbieħ meta ma jinkisrux minħabba li kulħadd ikun qed josservahom kif suppost. Għalhekk nerġa' ngħid li dan l-Abbozz ta' Liġi għandu nuqqas kbir f'dak li huwa addattament soċjali, li nerġa' ngħid huwa xi ħaġa mill-aktar kardinali. It-tieni raġuni għaliex

għandna nużaw l-użanzi soċjali preżenti hija sabiex ħadd ma jibqa' lura.

Ngħaddi issa għall-kompożizzjoni tal-bord ta' din l-awtorità. Fil-passat jien, bħala shadow minister, kont involut fit-twaqqif tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u tal-Environment and Resources Authority (ERA) fejn kont wieħed minn dawk li mexxejt l-emendi tagħna. Niftakar ċar li f'dawk l-emendi aħna bħala Oppożizzjoni konna kkritikajna l-fatt li donnu l-Gvern għandu fissazzjoni li jkollu l-libertà li jagħżel il-maġġoranza assoluta tal-membri fuq il-bordijiet ta' dawn l-awtoritajiet. Sa ċertu punt din nifhimha, għax huwa qiegħed fil-Gvern, għandu l-maġġoranza, u għalhekk jista' jmexxi. Però hawnhekk qed nitkellmu fuq it-tibdil fil-klima, jiġifieri fuq konċett li jitlob l-approvazzjoni taż-żewġ naħat tal-Kamra. Din l-istess ħaġa bħal tal-metro, fejn huwa inutli li aħna rriduha jekk il-Gvern ma jridhiex. Huwa inutli li jkollok one-party stand on it!

Il-proġett tal-metro tant huwa proġett infrastrutturali fit-tul li jekk mhux se jkun hawn a bipartisan agreement approach and understanding, m'aħniex se naslu bil-konsegwenza li fit-traffiku konna u fit-traffiku se nibqgħu! U l-istess nistgħu ngħidu għat-tibdil fil-klima! Hawnhekk għandna Abbozz ta' Liġi fejn il-Gvern qiegħed jgħid permezz tal-Ministru li minn sitt membri, tnejn biss għandu jkollhom konoxxenza u għarfien f'dak li hu tibdil fil-klima. Jiġifieri l-erbgħa l-oħra x'se jkunu, Sur President? Bażużli?! X'se jkunu l-erbgħa l-oħra, nies li lanqas biss għandhom idea fuq dan is-suġġett?! Qed inqajjem dan il-punt għax jista' jkun li llum hawn il-Ministru Miriam Dalli, li m'għandix dubju fuq l-intenzjonijiet tajbin tagħha, però għada pitgħada jista' jitfaċċa xi ministru tal-enerġija ieħor, bħalma diġà kellna!

M'hemmx għalfejn insemmi, naturalment, li kien top of the tops! Ara issa, Alla jbierek, staħba u ma ssibu mkien! Anke l-Gvern lanqas biss isemmih, daqslikieku qatt ma kien jifforma parti minnu! Ħarab, lanqas biss nafu fejn hu, u dan mhux hu biss imma hemm oħrajn, biex inkun korrett. Imma intom verament tridu li żewġ membri biss mill-membri tal-bord ta' din l-awtorità jkollhom konoxxenza u għarfien fl-aspetti settorjali klimatiċi?! U ejja! Hawnhekk joħroġ in-nuqqas ta' rieda politika. Jien wisq nibża', u għalija huwa evidenti, li se nispiċċaw b'awtorità oħra bla snien li se tkun il-paraventu tal-Gvern.

Sur President, fl-aħħar nett qabel ma nikkonkludi dan l-intervent jien għandi proposta għall-Iskrivan tal-Kamra. Qabel ma bdejt dan id-diskors jien bdejt nikteb fuq wara tal-karti tal-mistoqsijiet parlamentari tiegħi u meta spiċċawli, tlabt lill-messaġġier iġibli erba' karti oħra, imma l-Onor. Claudette Buttigieg waqqfitni u tatni l-karti tal-mistoqsijiet parlamentari tagħha biex nikteb fuq wara tagħhom. Naf li l-Iskrivan tal-Kamra m'ilhiex wisq f'din il-kariga, iżda naf ukoll li għandha l-ambjent għal qalbha, u allura jien nistaqsi: "Hemm għalfejn nibqgħu nipprintjaw il-mistoqsijiet parlamentari tagħna fuq karta?" Nerġa' ngħid li dawn huma l-azzjonijiet żgħar li rridu nieħdu, u hawn nixtieq nirringrazzja lill-Onor. Claudette Buttigieg talli tatni din l-idea.

Kif għedt aktar kmieni, Sur President, xbajt nisma' kliem sabiħ fuq l-ambjent, mhux f'dan il-Parlament biss imma fid-dinja kollha. Però jekk l-abbozzi ta' liġi li nippreżentaw ma jkunux b'saħħithom biżżejjed u ma jkunux jirriflettu rieda politika ta' veru, wisq nibża' li m'aħniex se naslu fejn għandna naslu biex verament nipproteġu l-futur tat-tfal tagħna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Hawn qbil li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun issa u li jitressaq l-Aġġornament? (Onor. Membri: Iva)

*Fis-6.58 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.*

## AĠĠORNAMENT

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir):** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivil- Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkmandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali - Tieni Qari;

Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 (Kontinwazzjoni);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3)- Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Tielet Qari;

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi kkomunikata aktar tard.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati - Kumitat Permanenti.

**L-ISPEAKER:** Rimarki? L-Onor. Justin Schembri.

**ONOR. JUSTIN SCHEMBRI:** Sur President, li kieku verament nemmnu li fis-sistema edukattiva ta' pajjiżna għandna l-inklużjoni, kieku l-kelma "inklużjoni" ma tissemmiex, la mill-Oppożizzjoni, la mill-Gvern u lanqas mill-midja. Imma l-kelma "inklużjoni" tissemma kontinwament, anzi meta nitkellmu dwar il-ħtieġa li l-inklużjoni tkun ittrasformata b'mod li tħalli aktar impatt, il-Ministri min-naħa tal-Gvern dejjem jgħidulna li ma nafux x'qegħdin ngħidu.

Jien ma jinteressanix aktar li nara l-kelma "inklużjoni" miktuba fl-istrateġiji. Ma jinteressanix aktar li nara l-kelma "inklużjoni" miktuba fuq il-karta u ma jinteressanix aktar li nisma' lil xi Ministru min-naħa tal-Gvern jgħid li f'pajjiżna l-inklużjoni qiegħda taħdem għax le, fir-realtà l-inklużjoni f'dan il-pajjiż mhijiex

qiegħda taħdem, u dan m'iniex ngħidu jien. Mhux jien qiegħed nitkellem dwar in-nuqqas ta' inklużjoni f'dan il-pajjiż, imma qegħdin jitkellmu l-ġenituri, l-għalliema, l-edukaturi u issa anke l-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman. Li jweġġagħni lili, Sur President, mhuwiex li jiddieħku bl-Oppożizzjoni għax dik hija normali, u lanqas li jiddieħku bija personali bħala shadow minister tal-edukazzjoni, għax dik hija normali. Forsi nkun qed ngħid wisq veritajiet li jdejquhom, u allura jkunu jridu jniggżu! Imma lili mhux dawn l-affarijiet iweġġgħuni, u allura ejjew inħalluhom fil-ġenb. Lili li jweġġagħni hu li jkollna żewġ Ministri li huma direttament responsabbli mill-inklużjoni u li jipprovaw imeru l-verità għax, kif ngħidu bl-Ingliż, they are living in denial!

Waqt dibattitu televiżiv li sar ftit tal-ġranet ilu, il-Ministru Clifton Grima qal li f'pajjiżna m'hawnx problema ta' inklużjoni, imma fl-istess waqt ammetta li għandna 180 tifel u tifla jistennew l-għajnuna ta' learning support educator (LSE), u dan apparti l-mijiet l-oħra li qed jistennew sabiex jiġu assessjati. Issa kellna wkoll lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva Jo Etienne Abela jgħid li hu mhuwiex informat - għax jinsab in denial - li hemm xi lista twila ta' stennija fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU). Għax huwa veru li l-Ministru Jo Etienne Abela għadu ġdid fil-portafoll tiegħu, però l-midja tibqa' rrekordjata.

Għaldaqstant nistiednu jirreferi għall-artiklu li deher fil-*MaltaToday* f'Awwissu, eżattament għall-ħabta tal-festa ta' Santa Marija, li jgħid li minn investigazzjoni li għamlet din il-gazzetta b'mod indipendenti - jiġifieri mhux jien għamiltha din l-investigazzjoni, imma l-midja - ħareġ b'mod ċar li minn meta ssir l-applikazzjoni sakemm dawn it-tfal jiġu evalwati jgħaddu 300 ġurnata! Jgħaddu 300 ġurnata, Sur President! Mela llum għandna Gvern li qiegħed jitkellem dwar il-pilastru tal-benesseri, pilastru li jinkludi fih l-inklużjoni u l-ekwità, u mbagħad inħallu 300 ġurnata biex dawn it-tfal jiġu evalwati.

F'dawn il-jiem, f'artiklu li deher fuq il-portal *Newsbook*, tkellmu l-ġenituri, u l-ġenituri jitkellmu bil-qalb u bil-passjoni għax ikunu għaddejjin minn dik l-esperjenza huma stess, mhux bħal meta tkun fl-Oppożizzjoni, fejn forsi jkollok aġenda politika, għalkemm hawnhekk ħadd minna m'għandu aġenda politika. Dawn il-ġenituri qegħdin jgħidu lill-Gvern li f'pajjiżna teżisti din il-problema. Imma sadanittant x'jiġri? Nibqgħu naraw lill-Gvern ma jammettix li f'pajjiżna teżisti din il-problema billi jinħeba fid-dokumenti, fl-istrateġiji u fil-viżjonijiet. Fil-verità huwa qed jirrikonoxxi li f'pajjiżna teżisti din il-problema għax kieku ma ħoloqx il-pilastru tal-benesseri li, kif għedt diġà, jinkludi fih l-inklużjoni u l-ekwità, imma fl-istess waqt qed jgħidilna li f'pajjiżna din il-problema ma teżistix!

Sur President, jien nistieden lill-Membri tan-naħa tal-Gvern sabiex jitkellmu mal-ġenituri u man-nanniet ta' dawn il-180 tifel u tifla li għadhom qed jistennew biex jieħdu dak li hu tagħhom bi dritt, l-għajnuna fl-edukazzjoni, għax jekk f'dan il-pajjiż se nibqgħu ninnegaw li għandna problema, m'aħna se naslu mkien. (Onor. Membri: Hear, hear) Nixtieq li għandi ħafna aktar ħin sabiex niżviluppa l-argumenti tiegħi, imma nixtieq nagħmel punt ċar: Ejjew nieqfu ngħaddu ż-żmien bin-nies! Ejjew nieqfu milli ninnegaw il-verità għax il-verità hi dik li hi! Forsi għandna wkoll inwarrbu ftit il-kelma "inklużjoni" fil-ġenb minħabba li ħafna drabi minnha nnifisha din il-kelma qed toħloq l-esklużjoni.

Għaliex, Sur President? Għax li ninkludi ma jfissirx li jien inpoġġi student jew studenta fil-klassi, nipprovdilhom LSE u nagħlqilhom ħalqhom. Dik tiġi "esklużjoni" għax inkun qed nipprova nsolvi problema mingħajr ma nifhem x'inhi. Għalhekk f'dan il-pajjiż għandna nibdew nitkellmu fuq l-ekwità. Xi tfisser "ekwità"? "Ekwità" tfisser li nagħti lill-istudenti dak li għandhom bżonn huma personalment biex jibdew telgħin l-iskaluni u jilħqu t-tragwardi personali, għax mhux kulħadd hu l-istess. Fl-aħħar mill-aħħar ilkoll nafu li m'aħniex l-istess, u allura bil-mod il-mod irridu nibdew nemmnu li b'mod jew ieħor, kulħadd jista' jilħaq il-milja tiegħu. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, se nikkonkludi l-intervent tiegħi billi nsemmi xi ftit punti. Hemm bżonn nagħmlu riforma biex f'pajjiżna nibdew noħolqu l-ekwità bis-serjetà, fosthom billi nemmnu fil-professjoni tal-LSEs, nirriformaw il-mod kif jiġu assenjati, nassiguraw li dawn ikunu ġew mgħallma biżżejjed sabiex ikunu kapaċi jagħrfu d-diffikultajiet li jkunu qegħdin jiffaċċjaw l-istudenti tagħhom, isir studju ħolistiku sabiex b'mod serju nibdew il-ġlieda tagħna favur l-inklużjoni u l-ekwità u naraw kif nistgħu nirriformaw is-CDAU, anke jekk hemm bżonn billi naqsmu dan il-unit b'tali mod li jibda joffri

s-servizzi tiegħu mill-kulleġġi nfushom. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Sur President, illum nixtieq ngħid kelmtejn fil-qosor fuq settur li jien għandi l-privileġġ li nkun ix-shadow minister tiegħu, u fil-fatt meta l-Kap tal-Oppożizzjoni għażilni li nkun il-kelliema għal dan is-settur ħadt gost immens. Se nitkellem fuq il-Public Broadcasting Services (PBS).

Il-PBS hija entità importanti ħafna ġewwa pajjiżna. Nixtieq nispjega għal min qiegħed isegwina x'inhuma d-differenzi bejn li jkollok public broadcasting service u national broadcasting service, jiġifieri bejn meta servizz huwa tal-pubbliku u meta servizz huwa nazzjonali. Għal min jinteressah dan is-suġġett, nirrakkomanda l-ktieb *The Role, Duties and Obligations of the Public Service Broadcaster in Malta* miktub mill-ħabib kbir tagħna u eks kollega Dr Francis Zammit Dimech.

Fil-fatt dan il-ktieb mhux biss huwa eye-opener iżda huwa arkivju dettaljat ta' dak kollu li wieħed għandu jkun jaf meta jkun qiegħed jaħdem f'dan is-settur. Hawnhekk Dr Francis Zammit Dimech jiddefinixxi lill-PBS bħala d-difensur tad-demokrazija u f'dan il-ktieb jirreferi diversi drabi għal dak li suppost qiegħed jagħmel il-PBS, jiġifieri li jgħid il-verità u li jwassal dik il-verità b'imparzjalità. Ovvjament aħna minn din in-naħa tal-Kamra, u naħseb li anke kollegi tagħna min-naħa l-oħra tal-Kamra, nafu li l-PBS mhuwiex qed iwettaq dan l-obbligu. Forsi hawn wieħed jista' jgħidli: "Inti kif taf?" Biss biss, Sur President, matul dawn l-aħħar ġranet - ġranet tafux, mhux xhur! - aħna minn din in-naħa tal-Kamra ressaqna xejn inqas minn għaxar ilmenti fuq sound on tapes.

Hawn irrid niġbed l-attenzjoni tal-PBS li deċiżjoni min-naħa tal-Awtorità tax-Xandir li ħarġet fid-29 ta' Marzu tas-sena li għaddiet qiegħda tgħid b'mod ċar li l-PBS qed jonqos mill-obbligi tiegħu, u hija diġà wissiet lill-PBS f'dan ir-rigward. Issa meta ngħidu li l-Awtorità tax-Xandir qiegħda twissi lill-PBS, prattikament qegħdin ngħidu li din qiegħda twissi liċ-Chairman Eżekuttiv, is-Sur Mark Sammut, kif ukoll liċ-Chief Operations Officer, is-Sur Charles Dalli. Aħna diġà semmejna lil dawn iż-żewġ persuni fi stqarrija barra minn din il-Kamra, u jien qed nerġa' nsemmihom f'din il-Kamra għax huma tnejn min-nies li għandhom responsabbiltà sħiħa fuq spallejhom għat-tmexxija tal-PBS. Però lil hinn minn dan kollu, se nkompli nispjega x'inhi d-differenza bejn public broadcaster u national broadcaster.

Sur President, il-PBS huwa l-istazzjon tal-poplu u mhux tal-Gvern. Is-sid tal-PBS huwa l-poplu u mhux il-Gvern. Il-fondi allokati għall-PBS huma tal-poplu, u allura l-Gvern għandu l-obbligu li jipprovdi l-finanzjament bi trasparenza u governanza assoluta. Mela dik hija l-ewwel differenza. Li kieku l-PBS kien l-istazzjon nazzjonali, allura l-Gvern seta' jonfoq il-flus kif irid, imma l-PBS huwa l-istazzjon tal-poplu, u allura l-Gvern għandu l-obbligu li jonfoq il-flus tal-poplu li huma allokati għal dan l-istazzjon b'rettezza kbira.

It-tieni punt jirrigwarda l-indipendenza editorjali, li trid tkun indipendenti mill-Gvern u bla ebda ndħil politiku. Bħalma għadu kif semma l-kollega tiegħi l-Onor. Ryan Callus fid-diskors tiegħu, fil-maġġoranza tal-każi fl-aħbarijiet tal-PBS tat-8.00 p.m., dak li ngħidu aħna bħala Oppożizzjoni jixxandar fit-tieni parti tal-aħbarijiet filwaqt li dak kollu li għandu x'jgħid il-Gvern jixxandar fl-ewwel parti. Dak mhuwiex bilanċ, Sur President, anzi huwa żbilanċ assolut. Agħar minn hekk, jekk nidħlu fuq l-issue tas-sound on tapes, pereżempju, ħafna drabi waqt l-aħbarijiet il-PBS jagħżel li jieħu kumment mingħand il-Ministru u ma jagħżilx li jieħu kumment mingħand ix-Shadow Minister fuq l-istess suġġett.

It-tielet punt li nixtieq nagħmel qabel ma nasal biex nikkonkludi l-intervent tiegħi biex inħalli spazju għall-kollega tiegħi, huwa dwar l-iskop tal-PBS. L-iskop tal-PBS x'inhu? L-ewwel nett il-PBS ingħata dan l-isem proprju għaliex huwa ta' servizz għall-poplu fis-sens wiesa' tal-kelma. Fuq dan l-istazzjon jixxandru diversi programmi kif ukoll l-aħbarijiet, u allura nistgħu ngħidu li huwa sors ta' informazzjoni. Bl-ilmenti li qed nagħmlu wieħed wara l-ieħor fuq l-aħbarijiet ...

Minn hawn nixtieq insellem lis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista Dr Michael Piccinino, li prattikament kuljum qed nitkellmu bejnietna fuq l-obbligi tal-PBS. Biżżejjed ngħid li ġieli kellna aktar minn ilment wieħed f'bullettin wieħed tal-aħbarijiet, u hawn irrid niġbed l-attenzjoni mhux biss taċ-Chairman

Eżekuttiv u taċ-Chief Operations Officer, imma ta' kull ġurnalist li jaħdem fil-PBS. Ma tistgħux taċċettaw li tiġu trattati b'dan il-mod u tbaxxu raskom! Intom bħala ħaddiema għandkom tiġu rispettati b'kull mod u għandkom ukoll l-obbligu li tiġbdu l-attenzjoni ta' min imexxi l-kamra tal-aħbarijiet, li dan l-aħħar għadu kemm kellna taqliba sħiħa fiha.

Biex nerġa' niġi lura għal dak li kont qed ngħid, Sur President, l-iskop tal-PBS hu li jservi lill-poplu, u dan l-iskop jintlaħaq permezz tal-aħbarijiet, ta' programmi ta' kultura, ta' programmi ta' edukazzjoni, ta' programmi ta' informazzjoni kif ukoll ta' programmi ta' divertiment. M'iniex se noqgħod nidħol fil-paprata ta' festival li għadu kemm sar proprju ftit tal-ġranet ilu, għax naħseb li diġà tkellimt ħafna dwaru, u l-PBS mhuwiex dak biss, għalkemm huwa dak ukoll. Jien nistaqsi minn hawnhekk jekk hux veru li ċ-chairman tal-PBS għandu l-intenzjoni li jwaqqa' l-ħitan tal-istudio prinċipali ta' Television House biex sena oħra tiġi mistiedna l-udjenza. Qiegħda sempliċement nistaqsi, jiġifieri m'iniex qed ngħid li huwa hekk, imma jekk dan huwa minnu, niġbed l-attenzjoni taċ-chairman li dik il-binja hija skedata u għalhekk hu m'għandu l-ebda dritt li jaqbad u jwaqqa' l-ħitan left, right and centre.

Fl-aħħar nett, Sur President, nerġa' nisħaq u niġbed l-attenzjoni li l-PBS huwa tal-poplu u qiegħed hemm għas-servizz tal-poplu. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ian Vassallo.

**ONOR. IAN VASSALLO:** Sur President, kumbinazzjoni llum qed niċċelebraw Jum San Valentinu, li hija l-ġurnata tal-imħabba, u naħseb li m'hemm xejn isbaħ milli lill-pazjenti tagħna nuruhom l-imħabba u nittrattawhom kif suppost. Għalhekk nixtieq nirringrazzjak ta' dan il-ftit ħin li qed tagħtini f'dan l-Aġġornament biex nitkellem fuq il-pazjenti tagħna u fuq dak li qed jgħaddu minnu meta jiġu l-Isptar Mater Dei jew f'xi sptar ieħor biex jieħdu l-kura li jkollhom bżonn.

Dan il-Gvern ilu għal leġiżlatura wara l-oħra jitkellem u juża buzzwords fuq kif se jġib is-settur tas-saħħa 'l quddiem, iżda fil-verità sal-lum għadna naraw operazzjonijiet jitħassru u listi ta' stennija jiżdiedu bil-konsegwenza li l-pazjent qed jibqa' jistenna u jbati. Sfortunatament matul dawn l-aħħar xhur minn żmien għall-ieħor qegħdin naraw lill-pazjenti fl-isptarijiet tagħna jkomplu jiġu mċaħħda mid-dinjità u milli jiġu trattati. Tul dawn l-aħħar snin il-Gvern investa biex żied il-popolazzjoni Maltija, iżda ma investiex fl-istruttura, fir-riżorsa umana u fis-settur tas-saħħa kollu. Matul dawn l-aħħar xhur rajna fejn il-Gvern investa flusu, u dan għamlu bla ebda prinċipju. Tellifna l-flus u tellifna wkoll iż-żmien fis-settur tas-saħħa.

Li kieku matul dawn l-aħħar għaxar snin il-Gvern nefaq l-€400 miljun fis-settur tas-saħħa minflok nefaqhom biex tahom lill-Vitals Global Healthcare (VGH) u lil nies bla ebda prinċipju, li ħadulna flusna mingħajr ma lanqas biss tawna xejn lura, kieku llum m'iniex f'din il-Kamra biex nirreferi għal listi ta' nies li qed jistennew biex jingħatawlhom appuntamenti u trattamenti differenti. (Onor. Membri: Hear, hear) Kieku llum lanqas mhu qed niġi f'din il-Kamra biex nistaqsi għaliex ma sarx investiment strutturali u investiment fil-magni li permezz tagħhom isiru t-testijiet dijanjostiċi fl-Isptar Mater Dei.

Biżżejjed ngħid li llum għandna 16,000 ruħ jistennew biex jingħatalhom appuntament għall-MRI filwaqt li għandna 5,000 ruħ oħra jistennew għal CT scan. Taf min huma dawn in-nies li qed jistennew, Sur President? Huma ommi, huma wliedna, huma l-kuġini, huma z-zijiet u huma l-familjari tagħna. Dawn in-nies qed ikollhom jistennew muġugħin biex imbagħad wara li jingħatalhom appuntament u jsirulhom it-testijiet neċessarji, jekk jinstab li qed ibatu minn xi ħaġa, forsi wara ħafna snin ta' stennija, issirilhom operazzjoni. Dan biex ma nsemmix ukoll il-possibbiltà li din l-operazzjoni tiġi posposta għal ġimgħat, xhur u saħansitra snin wara.

Insemmi wkoll il-lista ta' nies li qed jistennew għall-operazzjoni tal-katarretti, li tammonta għal aktar minn 400 persuna; il-lista ta' nies li qed jistennew li ssirilhom il-proċedura tal-hip replacement, li tammonta għal aktar minn 180 persuna; il-lista ta' nies li qed jistennew għall-operazzjoni tan-knee replacement, li tammonta għal 1,063 persuna u l-lista ta' nies li qed jistennew għall-operazzjoni tal-carpal tunnel, li tammonta għal aktar minn 70 persuna. Dawn huma kollha nies li qegħdin ibatu għas-sempliċi raġuni li dan il-Gvern ma investiex flusu fejn verament stajna nieħdu r-riżultati.

Sfortunatament dan il-Gvern m'għandux prijorità li jieħu ħsieb is-saħħa tiegħek.

Semmejt in-numri, Sur President, u se nkompli nsemmi numri oħrajn. Skont il-figuri li ta l-Gvern stess f'din il-Kamra, illum hemm 'il fuq minn 1,627 persuna li qed jistennew sodda f'dar tal-anzjani. Dawn huma persuni li bħalissa jew jinsabu f'darhom jew inkella jinsabu f'xi wieħed mill-isptarijiet tagħna u li qed ibatu għax m'għandhomx biżżejjed saħħa biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja ta' kwalità tajba fil-komunità jew inkella jinsabu fis-solitudni għax jgħixu waħedhom. Għalhekk jien nappella biex noqogħdu attenti għax sakemm lil dawn il-persuni tinstabilhom sodda, ibatu kemm huma kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom.

Sfortunatament illum għandna wkoll nies jistennew mediċini li bħalissa qegħdin out of stock. Xi ħaġa li lili qiegħda tagħtini ġewwa u qed ninkwieta ħafna fuqha hija li qed jidħlu rapporti għal darba, darbtejn, tlieta li sfortunatament Malta hija minn tal-aħħar biex tapprova trattamenti moderni li huma ta' inqas tbatija għall-pazjent. Fil-fatt riċerka li ħarġet ftit tax-xhur ilu turi li Malta tinsab fil-post ta' qabel tal-aħħar mill-pajjiżi Ewropej f'dawk li huma approvazzjonijiet ta' mediċini ġodda, u din il-ħaġa hija importanti li nifhmuha.

Ejjew nieħdu l-każ ta' persuna li qed tingħata trattament għal xi kondizzjoni ta' saħħa mentali li tbati minnha. Kulħadd jaf li llum jeżistu mediċini li filwaqt li qed jagħtu riżultati aħjar, fl-istess ħin qed jagħtu inqas problemi relatati mas-side effects ta' dik il-mediċina, u allura b'hekk min jieħu dawn it-tip ta' mediċini jkun jista' jgħix kwalità ta' ħajja aħjar tant li jkun jista' jkompli b'ħajtu b'mod normali. Iżda dan il-Gvern, minflok ma jagħżel li jixxaħħaħ mal-VGH jew ma' Steward Healthcare, ikompli jixxaħħaħ miegħek u ma jridx jinvesti flusu fik.

Illum qed niltaqgħu ma' nies li jbatu minn kondizzjonijiet differenti u li ma jkollhomx biżżejjed mediċini. Għal ħafna żmien konna nsemmu l-mediċini out of stock, iżda llum qed insemmu wkoll il-mediċini on limited stock għaliex jgħidulek li se jagħtuk għal ġimagħtejn, kemm ikollok biex tinqeda, u mbagħad meta jgħaddu dawk il-ġimagħtejn terġa' tmur forsi jkollhom xi ħaġa oħra. Dan mhuwiex aċċettabbli, u aħna rridu naraw li l-pazjent ikollu l-istokk tal-mediċina li għandu bżonn kif ukoll dak kollu li jeħtieġ. Ma rridux nibqgħu naqraw fuq il-ġurnali li, pereżempju, m'għandniex mediċini biex nittrattaw l-iscabies, għax inkella se nkomplu nferrxu ħafna mard u viruses minn persuna għall-oħra.

Sur President, ma nistax ma nsemmix ukoll il-listi ta' operazzjonijiet li jiġu posposti. Ħafna nies, meta jingħataw id-data li fiha jkunu se jagħmlu l-operazzjoni, jużaw iż-żmien li jkun fadlilhom sakemm jidħlu l-isptar - xi kultant anke bl-għajnuna tal-familjari tagħhom - biex jattrezzaw darhom għall-ħtiġijiet li jista' jkollhom wara l-operazzjoni. Però sfortunatament sal-ġimgħa l-oħra stess, nies li wara xhur u snin sħaħ ta' stennija fl-aħħar waslitilhom il-famuża ġurnata tal-operazzjoni u li kienu qegħdin jistennew quddiem is-sala tat-teatri, ġew mgħarrfa li l-operazzjoni tagħhom ġiet posposta u li se jingħatalhom appuntament ieħor ftit tax-xhur oħra.

Naturalment dan kollu qed jiġri proprju minħabba li ma sarx investiment fil-qasam tas-saħħa bil-konsegwenza li llum hemm nuqqas kemm fin-numru ta' teatri li noperaw fihom kif ukoll f'dawk li huma riżorsi umani. Jekk mhux se jkollna investiment veru fir-riżorsi strutturali u fir-riżorsi umani, żgur li dawn l-affarijiet se jibqgħu jiġru bil-konsegwenza li inti, li qed issegwina, se tibqa' tbati.

Jien nistieden lil min qed isegwi d-diskors tiegħi biex jimmaġina li jkun muġugħ u meta dan imur għand it-tabib tal-familja tiegħu, it-tabib jirreferih għall-Isptar Mater Dei u wara xi żmien dan jirċievi l-appuntament għall-isptar kif suppost. Hawnhekk għandi l-appuntament ta' xi ħadd li r-riferta tiegħu ddaħħlet fl-Isptar Mater Dei f'Ottubru tal-2023 u l-appuntament irċevieh għal Jannar tal-2025. Issa dan il-pazjent ibati minn uġigħ li minn dahru jibqa' nieżel għal siequ, jiġifieri minkejja li bilkemm jista' jimxi u jmur ix-xogħol, lil dan il-pazjent qed ngħidulu li jrid jistenna sena u nofs biex jarah il-professur! Dan apparti li mbagħad ikun irid jerġa' jistenna madwar seba' xhur oħra biex isirlu MRI u xi sentejn oħra f'każ li jkollu bżonn xi operazzjoni.

Fi ftit kliem, hawn qegħdin ngħidu li jekk illum inti muġugħ, trid tibqa' tgħix f'agunija tbati l-uġigħ għal madwar tliet snin sakemm tiġi trattat. Dan mhuwiex aċċettabbli, Sur President, u għalhekk il-Partit Nazzjonalista, permezz ta' dawn id-diskorsi u anke permezz tax-xogħol li

qegħdin nagħmlu, qegħdin nipproponu kif is-settur tas-saħħa għandu jkun aħjar. Ftit tal-ġranet ilu smajna lill-Ministru tas-Saħħa l-ġdid jgħid li għandna bżonn sptar ġdid. Fl-aħħar! Qisha waqgħet xi stilla! Qed ngħid hekk għax dan aħna ilna ngħiduh snin twal! Iva, dan il-pajjiż għandu bżonn ikollu sptar ieħor li jikkomplementa lill-Isptar Mater Dei. Ma rridux aktar kliem fieragħ u aktar wegħdiet!

Aħna ġejna mwiegħda 400 sodda fl-Isptar San Luqa, iżda minflok illum għandna barumbara tal-ħamiem! Ġejna mwiegħda wkoll diversi proposti oħra, fosthom sptar tas-saħħa mentali ġdid, outpatients block ġdid fl-Isptar Mater Dei, Northern Hub u mother and baby hospital, iżda fil-verità ma ġie attwat xejn minn dan kollu. Jekk wieħed imur sal-Emerġenza issa stess, ikun jista' jara lill-pazjenti jistennew fuq stretcher fil-kurituri u lill-pazjenti jingħataw trattamenti fi cubicles, fil-kurituri u f'postijiet li m'għandhomx sanità adegwata biżżejjed.

Is-soluzzjoni għal dan kollu huwa l-Partit Nazzjonalista. Aħna tim ta' professjonisti u ta' esperti li qegħdin nagħmlu tħejjija ta' pjan fit-tul, u dan diġà bdejna nuruh. Pereżempju, fost oħrajn, urejnieh 'il fuq minn sitt xhur ilu meta jien ippreżentajt il-proposti fis-settur tas-saħħa mentali fejn ħriġna għaxar proposti ta' dak li jista' jsir fl-immedjat kif ukoll ta' dak li jista' jsir fit-tul. Madankollu, il-Gvern lanqas biss indenja ruħu jagħtina r-reazzjoni tiegħu fuq dawn il-proposti, imma ħalla lill-pazjenti fl-Isptar Monte Karmeli nfushom jirrakkontawlna dak li qed ikollhom jgħaddu minnu u kemm dan l-isptar mhuwiex adegwat. Qegħdin f'sitwazzjoni fejn minkejja li l-Gvern ilu jwiegħed li jiftaħ sptar mentali ġdid sena wara l-oħra, fil-verità għadu lanqas biss poġġa l-ewwel ġebla.

Aħna rridu ninvestu l-flus tal-poplu verament fl-Isptar San Luqa, fl-Isptar Karin Grech, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fiċ-ċentri tas-saħħa. M'aħniex se nħallu xi ċentru tas-saħħa jaqagħlu s-saqaf qabel ma niddeċiedu li nibdew nirranġawh, bħalma ġara fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana bil-konsegwenza li ċaħħadna lill-professjonisti milli jagħtu s-servizzi tagħhom minn hemmhekk sakemm isiru t-tiswijiet meħtieġa.

Sur President, naf li l-ħin huwa kontrina, però ma nixtieqx nikkonkludi dan l-Aġġornament mingħajr ma nirringrazzja lill-professjonisti li minkejja dak kollu li jgħaddu minnu, jipprovaw jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex jagħtu l-aħjar trattamenti lill-pazjenti. Il-Partit Nazzjonalista jirrikonoxxi dak li qegħdin jagħmlu filwaqt li jwegħedhom minn hawnhekk li se jagħmel ix-xogħlijiet strutturali u jagħtihom l-għodda li hemm bżonn sabiex ikunu jistgħu jkomplu jagħtu s-servizz tagħhom lill-poplu tagħna. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Frar, 2024 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru Miriam Dalli.

*Fis-7.30 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### WASTESERV – AVUKATI

**13953. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid min huma l-avukati in house tal-Wasteserv u liema huma l-avukati minn barra li ngħataw xogħol legali mill-Wasteserv fl-2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u x'inhuma r-rati ta' ħlas?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

### NGOs LI WAQFU JOPERAW

**13972. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il NGO waqfet topera mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u liema kienu?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat):** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### L-IMSIDA U S-SIĠĠIEWI – KUNTRATTI FFIRMATI GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

**14322. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kuntratt ġie ffirmat għall-akkomodazzjoni soċjali tal-Imsida, kif ukoll tas-Siġġiewi ta' bejn Triq l-Imdina u Triq Nikol Zammit?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Il-Bord tal-Allokazzjonijiet fi ħdan l-Awtorità tad-Djar alloka 160 proprjetà għall-akkomodazzjoni soċjali fl-Imsida u s-Siġġiewi. Dawn il-kuntratti qegħdin fil-proċess li jiġu ffirmati.

### L-IMSIDA U S-SIĠĠIEWI – AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - KUNTRATTI

**14323. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti d-dati ta' meta ġie ffirmat kull kuntratt għall-akkomodazzjoni soċjali tal-Imsida, kif ukoll tas-Siġġiewi bejn Triq l-Imdina u Triq Nikol Zammit?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14322.

### AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – PERSUNI LI GĦADDEJJIN MILL-PROĊESS TA' SEPARAZZJONI

**14324. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk persuni li jkunu fil-proċess ta' separazzjoni jistgħux japplikaw għall-akkomodazzjoni soċjali?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Skont il-kriterji ta' eliġibiltà tal-applikazzjoni għall-akkomodazzjoni soċjali, f'każ ta' persuna separata/divorzjata/annullata, kopja tad-deċiżjoni finali ta' qorti kompetenti li tippronunzja l-firda jew kopja tal-att pubbliku li jagħti effett lill-firda taż-żwieġ jew unjoni ċivili għandha tiġi ppreżentata.

### AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – PERSUNI LI GĦADDEJJIN MILL-PROĊESS TA' SEPARAZZJONI

**14325. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk persuni li qegħdin fil-proċess ta' separazzjoni jistgħux jingħataw akkomodazzjoni soċjali? Jekk le, jista' jgħid x'alternattivi jingħataw lil persuni vulnerabbli biex jgħixu f'akkomodazzjoni diċenti u affordabbli sakemm jisseparaw minħabba l-fatt il-proċess ta' separazzjoni jaf jieħu s-snin?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-każ jiġi evalwat hekk kif tiġi sottomessa kopja tad-

deċiżjoni finali ta' qorti kompetenti li tippronunzja l-firda jew kopja tal-att pubbliku li jagħti effett lill-firda taż-żwieġ jew unjoni ċivili.

F'każijiet urġenti, l-Awtorità tad-Djar tassisti lill-persuni vulnerabbli permezz ta' għajnuna finanzjarja ta' depożitu u l-ewwel kirja, għall-kiri mill-privat. Barra minn hekk, il-persuni jiġu assistiti biex japplikaw għall-benefiċċju tal-kera (HBS).

## FSWS - STUDENTI TAL-MASTERS IN SOCIAL WORK

**14326. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11219 fejn ingħad li 'preżentement hemm seba' impjegati li qed isegwu dan il-kors li jwassal għall-grad akkademiku ta' Master in Social Work (MSW). Dan huwa riżultat tal-impenn tal-management tal-FSWS li jippubbliċizza dan il-kors ta' studju fost l-impjegati meta jkun se jiftaħ u anke li jagħmel l-arranġamenti mal-impjegati konċernati ħalli jkunu jistgħu jattendu għall-kors.', filwaqt li nuri s-sodisfazzjon tiegħi għall-fatt li hemm numru sabiħ ta' persuni li qed jagħmlu l-MSW, jista' l-Ministru jgħid x'inhu jagħmel il-Gvern f'termini ta' pubbliċità u arranġamenti biex in-numru għas-sena akkademika 2024–2025 ikun saħansitra akbar?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) hija impenjata biex issaħħaħ l-operat tagħha billi tara li aktar impjegati jkomplu javvanzaw fl-istudji professjonali tagħhom bil-għan li jtejbu l-ħiliet tagħhom biex ikunu ppreparati aħjar sabiex jgħinu lill-aktar persuni vulnerabbli fis-soċjetà.

Bħalissa l-Fondazzjoni għaddejja bi preparamenti biex tniedi kampanja promozzjonali bil-għan ewlieni li tħajjar aktar studenti jagħżlu li jistudjaw għadd ta' professjonijiet li jaqgħu taħt il-qasam soċjali, fosthom għal ħaddiema soċjali, youth workers, terapisti u ħaddiema fil-komunità. Il-kampanja se tkun qiegħda tiffoka fuq studenti sekondarji u se tkun qed tintuża l-aktar il-midja soċjali għal promozzjoni ta' dawn il-professjonijiet tant importanti.

Fir-rigward ta' kif impjegati tal-Fondazzjoni jiġu informati dwar il-ftuħ tal-kors u x'arranġamenti għandha dwar dan, l-FSWS għandha mezzi interni li permezz tagħhom tgħin impjegati li jkunu jixtiequ jsewgu kors fil-ħidma soċjali. Il-Fondazzjoni tħeġġeġ impjegati sabiex jibdew il-kors u anke tara kif tappoġġja l-impjegati tagħha.

Irid ikun enfasizzat li, fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjoni li impjegat isegwi kwalunkwe kors biex jikseb kwalifiki addizzjonali hija tal-impjegat biss, li jidħol għaliha b'għażla libera u mhijiex il-policy tal-Fondazzjoni li ġġiegħel jew timponi fuq l-impjegati biex jiksbu tali kwalifiki addizzjoni.

## BENEFIĊĊJI TA' DIŻABILITÀ SEVERA - RAPPORT

**14327. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba ltaqa' l-bord dwar il-frodi tal-Benefiċċji ta' Diżabilità Severa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jekk il-bord hux se jilħaq il-mira li jlesti r-rapport sa Frar 2024? Jista' jgħid ukoll jekk għadux bil-ħsieb li jippubblika l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport mingħajr ebda ċensura?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15345.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-GVERN

**14875. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-

data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi):** Filwaqt li nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet parlamentari 7507 u 7559, l-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DEPUTATI TAL-GVERN

**14876. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, li ngħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Fil-perjodu msemmi minnu m'hemmx persuni li kellhom xi wieħed mir-rwoli li qed isemmi l-Onor. Interpellant fil-mistoqsija tiegħu.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DEPUTATI TAL-GVERN

**14877. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar):** L-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DEPUTATI TAL-GVERN

**14878. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, li ngħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** L-informazzjoni qed tingħabar.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DEPUTATI TAL-GVERN

**14879. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil,

Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DEPUTATI TAL-GVERN

**14880. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI - POSTIJIET RESIDENZJALI - NIRIEN

**15047. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il nar kien hemm f'postijiet residenzjali li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili assista fih fis-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Skont l-istatistika miġbura mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien hemm 237 nar f'postijiet residenzjali matul is-sena 2023.

## DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI: POSTIJIET KUMMERĊJALI - NIRIEN

**15048. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il nar kien hemm f'postijiet kummerċjali li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili assista fih fis-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Skont l-istatistika miġbura mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien hemm 64 nirien f'postijiet kummerċjali matul is-sena 2023.

## DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI - POSTIJIET RURALI - NIRIEN

**15049. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il nar kien hemm f'postijiet rurali li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili assista fih fis-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Skont l-istatistika miġbura mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien hemm 1,008 nirien f'postijiet rurali matul is-sena 2023.

## DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI - ASSISTENZA

**15050. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi tabella bl-informazzjoni dwar kemm-il darba ġew imsejħa d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fis-sena 2023, u jaqsam tali numri skont it-tip ta' assistenza li kellhom jassistu fiha?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Skont l-istatistika miġbura mid-Dipartiment tal-

Protezzjoni Ċivili kien hemm 5,995 sejħa matul is-sena 2023.

Dawn huma imqassma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Nirien | 1,309 |
| Assistenza | 1,773 |
| Salvataġġ | 528 |
| Għargħar | 31 |
| Fuq il-Baħar | 22 |
| HAZMAT | 92 |
| Tixrid ta' żjut | 1,719 |
| Oħrajn | 521 |
| Total | 5,995 |

**FORZI UKRENI – RIŻORSI JEW OĠĠETTI LI NGĦATAW**

**15051. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi informazzjoni dwar x'tip ta' riżorsi u/jew oġġetti ngħataw bħala assistenza lill-Forzi Ukreni matul is-snin 2022 u 2023, u dana billi jipprovdi informazzjoni dwar it-tip ta' riżorsa u/jew oġġett flimkien mal-kwantitajiet li ngħataw?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kwalunkwe għajnuna li ngħatat lill-poplu Ukren kienet fil-forma ta' għajnuna umanitarja. Fl-2022 ingħataw 34 tunnelleta ta’ mediċinali, fl-2023 ingħataw 19-il generator u 45 tunnellata ta’ oġġetti mediċinali (garżi, faxex, swabs eċċ) u fl-2024 ingħataw 25 mine detector. Dawn intbagħtu lill-poplu Ukren permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili li għandu l-għan li jsaħħaħ il-koperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE u Stati parteċipanti dwar il-protezzjoni ċivili, biex itejjeb il-prevenzjoni, it-tħejjija, u r-rispons għad-diżastri. F’Mejju tas-sena 2022 id-Direttorat tal-Affarijiet tad-Difiża kkordina biex jipprovdi tagħmir u provvisti mediċi li swew €79,982.

**PERSUNI LI APPLIKAW GĦAL AŻIL F’MALTA**

**15052. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-ażil f'Malta fis-sena 2023, u jaqsam din it-tabella bir-raġuni għall-ażil mitlub? Jista' jipprovdi rendikont ta' kemm-il applikazzjoni minn dawn ġiet approvata, miċħuda jew għadha pendenti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14309. L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ma żżommx statistika dwar ir-raġunijiet għalfejn persuna tapplika għall-ażil.

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - LISTA TA’ STENNIUJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15199. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma’ dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta’ childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. RODERICK GALDES:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-settur pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – LISTA TA’ STENNIUJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15200. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma’ dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta’ childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-settur pubbliku.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - LISTA TA' STENNIUJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE

**15201. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - LISTA TA' STENNIUJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE

**15202. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-settur pubbliku.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - LISTA TA' STENNIUJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE

**15203. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-setturp.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - LISTA TA' STENNIUJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE

**15204. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-settur pubbliku.

## SPEED GUNS – STUDJU DWAR L-UŻU

**15529. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'direzzjoni (brief) ingħata min għamel l-istudju ta' fejn għandhom jintużaw l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15527.

## SPEED GUNS - POSTIJIET FEJN JINTUŻAW

**15530. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kif qed jintgħażlu l-postijiet fejn ikunu qed jistennew l-uffiċjali addetti biex jużaw l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15527.

## SPEED GUNS - POSTIJIET FEJN JINTUŻAW

**15531. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid min jiddeċiedi fejn ikunu qed jistennew l-uffiċjali addetti biex jużaw l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fir-rigward ta’ din il-mistoqsija ngħatat informazzjoni relatata fit-tweġiba għall-mistoqsija 15527. Kif diġà ngħad, l-ispeed guns u sintendi l-uffiċjali addetti jkunu f’lokalitajiet li jkunu ġew identifikati kemm mill-Pulizija kif ukoll minn uffiċjali tal-LESA, abbażi ta’ kummenti, reazzjonijiet, ilmenti u rispons essenzjali ieħor li jingħata minn diversi partijiet interessati, anke waqt ir-ronda li ssir minn uffiċjali waqt id-doveri normali tagħhom, inkluż il-Pulizija tal-Komunità.

## SPEED GUNS - SINJALETIKA

**15532. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx xi sinjaletika li tindika triq/żona ta’ speed guns u, jekk iva, fejn u, jekk le, għalfejn ma sarux?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-għan tal-użu tal-ispeed guns huwa li jservu ta' deterrent kontra s-sewqan eċċessiv li jista’ jwassal għal inċidenti, diżgrazzji u mwiet. Barra minn dak li diġà ngħad f'risposti oħrajn, dawn l-ispeed guns jintużaw l-aktar fejn l-abbuż fis-sewqan ikun apertament ċar u regolari, u ħafna drabi dan jiġi diskuss kemm mal-Pulizija, inkluż il-Pulizija tal-Komunità, kunsilli lokali u partijiet interessati oħra. L-eżerċizzji ta’ kontroll jsiru wara li jkun hemm verifika dwar is-senjalazzjonijiet skont il-liġi li tinkludi wkoll il-limiti tal-veloċita. Fejn ma jkunx hemm tali senjalazzjonijiet, jintużaw tabelli indikattivi temporanji, li jitpoġġew f’żoni viżibbli għall-finijiet ta’ informazzjoni, bħal dawk li jidhru fir-ritratti tal-kampjun li qed jitpoġġa fuq il-Medja tal-Kamra.

## SPEED GUNS - SPEED LIMIT MARKINGS

**15533. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx speed limit marking ċar u viżibbli kull fejn qed jintużaw l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari 15532.

## SPEED GUNS - ŻAMMA TA’ RECORD

**15534. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux qiegħed jittieħed record ta’ fejn ikunu qed jintużaw l-ispeed guns biex fuq medda ta’ żmien jitkejjel is-suċċess tagħhom biex inaqqsu l-inċidenti f’dik it-triq/żona partikolari?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Tinżamm data interna sabiex tassisti fi kwalunkwe evalwazzjoni.

## GĦAWDEX - INĊIDENTI F’TOROQ FI STAT ĦAŻIN - TALBIET GĦAL KUMPENS

**15586. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il talba għal kumpens saret lill-kunsilli lokali f’Għawdex għal ħsarat li ġarrbu persuni fil-vetturi tagħhom f’Għawdex konsegwenza ta’ inċidenti fit-toroq li ġraw minħabba toroq mhux miżmuma tajjeb, mill-1 ta’ Jannar 2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid kemm-il talba saret lil kull kunsill lokali f’Għawdex? Jista’ jgħid x’tip ta’ ħsarat kienu u kemm kienu l-ammonti mitluba minn dawn il-persuni għall-ħsarat li ġarrbu fil-vetturi tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba skont kif mibgħuta lili mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali hi kif ġej:

| Lokalità | Numru ta' Talbiet | Tip Ta' Ħsara | Ammont ta' kumpens mitlub |
|---|---|---|---|
| Għajnsielem | 1 | Ħsara fiċ-chassis tal-karozza u brix fil-bibien | € 750 |
| Qala | 1 | Ħsara fit-tyres tal-karozza | € 131.50 |
| Munxar | 2 | Ħsara fil-qiegħ tal-vettura minħabba grada ta’ stormwater culvert. Ħsara fil-battery tal-karozza | € 1,328 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | għax sidha ma setax joħroġ il-karozza mill-garaxx minħabba xogħol li kien għaddej fil-pjazza | |
| Sannat | 1 | Qatt ma ġiet sottomessa informazzjoni lura lill-Kunsill mingħand min għamel it-talba | n/a |
| Rabat | 4 | Ħsara fit-tyres, ħsarat mekkaniċi | € 1,996.86 |

## IX-XEWKIJA GĦAWDEX: HELIPORT, HELIPAD U RUNWAY - XOGĦLIJIET

**15587. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-Vot tax-Xogħol għall-proġett tal-immodernizzar tal-faċilitajiet tal-heliport kif ukoll il-helipad u runway fix-Xewkija għas-sena 2024?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-vot tax-xogħol għall-proġetti tal-immodernizzar tal-faċilitajiet tal-heliport huwa 7238 - Regeneration of the Gozo Airfield, u hemm allokati €500,000 għas-sena 2024.

## FONDI ALLOKATI LIL KUMPANIJA INDIKATA

**15588. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid sena b'sena f'dawn l-aħħar ħames snin, kemm intużaw mill-flus li kien hemm allokati għall-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, f'kull baġit u għal xiex intużaw dawn il-fondi? Jista' jqiegħed kopja tal-audited accounts ta' din il-kumpanija għal dawn l-aħħar tliet snin?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-infiq tal-kumpanija li d-dettalji tagħha qed jingħataw separatament kien kif muri hawn taħt. Fir-rigward tal-audited accounts, nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għad-dokumenti li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

Sena 2019 - €52,591 (fond allokat €60,000)
Sena 2020 - €65,442 (fond allokat €80,000)
Sena 2021 - €78,506 (fond allokat €80,000)
Sena 2022 - €74,090 (fond allokat €75,000)
Sena 2023 - €68,753 (fond allokat €75,000) – Għadu mhuwiex awditjat

## KINDERGARTEN EDUCATORS GĦAWDXIN LI JAĦDMU FI SKEJJEL PRIMARJI F'MALTA

**15589. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Kindergarten Educators (KGE) Għawdxin li fil-preżent jaħdmu fi skejjel primarji ġewwa Malta? Jista' jgħid kemm minnhom huma relievers, u kemm ilhom relievers?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13892.

## GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LTD - OVERTIME

**15590. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa globali fuq overtime fil-Gozo Channel Operations Ltd mill-1 ta' Jannar, 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

## AĠENZIJA TAL-QRATI – PRELIMINARY MARKET CONSULTATION

**15591. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi dwar il-Preliminary Market Consultation (PMC) li ħarġet l-Aġenzija tal-Qrati 'Proposal for Available Property or Land for Outright Acquisition in Victoria (Rabat) Gozo or in the Vicinity of Victoria (Rabat) Gozo to be Converted into Gozo Court' li għalqet fis-6 ta' Jannar 2023? Jista' jgħid ukoll jekk il-proposti mitfugħa ġewx evalwati, jekk tħejjiex rapport fuq dawn il-proposti u, jekk iva, iqiegħed ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8735.

## SANTA LUĊIJA - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ

**15622. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ, senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Santa Luċija u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fil-lokalità msemmija, l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir mhumiex responsabbli għall-immaniġġjar ta' siti fejn hemm imħawla siġar taż-żebbuġ.

## RAĦAL ĠDID - TRIQ L-AMMIRALJAT

**15623. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq l-Ammiraljat, f'Raħal Ġdid issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** Infrastructure Malta għaddejja jew se twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-kunsilli lokali ressqu 'l quddiem biex isiru xogħlijiet fihom. Minkejja li t-triq imsemmija ma ġietx nominata biex isiru xogħlijiet fiha, nibqgħu kommessi li nkomplu nsaħħu l-infrastruttura tal-pajjiż, bil-komunitajiet jibqgħu fiċ-ċentru ta' ħidmietna.

## RAĦAL ĠDID - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ

**15624. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Raħal Ġdid u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-siġar taż-żebbuġ huma taħt ir-responsabbiltà tal-kuntrattur responsabbli mill-ġonna u soft areas. Qed issir iż-żabra skont il-bżonn.

Rigward l-ammont ta' siġar taż-żebbuġ, mhux possibbli li jiġi indikat l-ammont ta' siġar taż-żebbuġ minħabba li hemm numru konsiderevoli ta' siġar ta' dan it-tip.

## RAĦAL ĠDID - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ

**15625. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Raħal Ġdid u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green hija responsabbli minn Ġnien il-Mediterran f'Raħal Ġdid li fih hemm 110 siġra taż-żebbuġ. L-uffiċjali tal-Aġenzija jagħtu kura lil dawn is-siġar flimkien ma' siġar u arbuxelli oħrajn li jinsabu f'dan il-ġnien, li tinkludi moniteraġġ regolari tas-siġar biex issir tisqija skont kif meħtieġ u tingħata attenzjoni partikolari lil dawk is-siġar taż-żebbuġ li għadhom mhux maturi. Fost miżuri oħrajn li jittieħdu biex jiġu mħarsa s-siġar hemm dik li ssir żabra annwali fil-perjodu adegwat.

## RAĦAL ĠDID - TRIQ L-AMMIRALJAT

**15626. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq l-Ammiraljat, f'Raħal Ġdid issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**WIED IL-GĦAJN - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15627. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Wied il-Għajn u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-siġar taż-żebbuġ jingħataw kura permezz ta' tisqija u żbir.

Rigward l-ammont ta' siġar taż-żebbuġ, mhux possibbli li jiġi indikat l-ammont ta' siġar taż-żebbuġ minħabba li hemm numru konsiderevoli ta' siġar ta' dan it-tip.

**BLUE BADGE - PARKEĠĠI**

**15663. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il permess għal parkeġġ blue badge kien hemm fl-aħħar tas-sena 2023 u jaqsam dan l-ammont skont jekk dawn humiex parkeġġi communal, personalizzati, eċċ? Jista' jgħid ukoll minn dawn, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel u x'inhi l-età ta' dawn il-persuni?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar tas-sena 2023 kien hemm 2,145 parkeġġi riżervati għall-Blue Badge Holders u 1,478 parkeġġi personalizzat.

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ MNIŻŻLA FIR-REĠISTRU TAX-XOGĦOL**

**15664. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni b'diżabilità li qegħdin imniżżla fir-reġistru tax-xogħol u allura li kienu eliġibbli biex jaħdmu fl-aħħar tas-sena 2023? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu nisa u kemm kienu rġiel u x'inhi l-età ta' dawn il-persuni?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Skont l-infomazzjoni li għandha Jobsplus, fl-aħħar ta' Diċembru 2023, kien hemm 229 persuna tirreġistra fuq bażi full-time u 204 persuni jirreġistraw għal xogħol part-time bħala xogħol ewlieni. Aktar informazzjoni tinsab fit-tabelli t'hawn taħt.

| **Persuni b'diżabilità li qed jirreġistraw għax-xogħol full-time fl-aħħar ta' Diċembru 2023** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Età** | **Taħt il-25 sena** | **25-39 sena** | **40-54 sena** | **55 sena 'l fuq** | **Total** |
| Rġiel | 25 | 36 | 64 | 49 | 174 |
| Nisa | 6 | 15 | 19 | 15 | 55 |
| **Total** | **31** | **51** | **83** | **64** | **229** |

| **Persuni b'diżabilità li qed jirreġistraw għax-xogħol part-time fl-aħħar ta' Diċembru 2023 (Part 3C1)** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Età** | **Taħt il-25 sena** | **25-39 sena** | **40-54 sena** | **55 sena 'l fuq** | **Total** |
| Rġiel | 53 | 34 | 29 | 8 | 124 |
| Nisa | 28 | 28 | 15 | 9 | 80 |
| **Total** | **81** | **62** | **44** | **17** | **204** |

L-aħħar ċifri tal-qgħad ippubblikati huma ta' Diċembru 2023.

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ - BENEFIĊĊJI**

**15665. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-persuni li jieħdu xi benefiċċju għax għandhom diżabilità, sal-aħħar tas-sena 2023 u x'tip ta' benefiċċju kienu/għadhom jieħdu? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu nisa u kemm kienu rġiel u x'inhi l-età ta' dawn il-persuni?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tagħrif qed jinġabar.

**IR-RABAT, ĦAŻ-ŻEBBUĠ U L-IMĠARR MALTA - TOROQ LI SE JIĠU ASFALTATI**

**15743. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma t-toroq li sejrin jiġu ristrutturati fil-lokalitajiet tar-Rabat (flimkien mal-Baħrija u l-madwar), Ħaż-Żebbuġ u l-Imġarr Malta matul din is-sena?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta għaddejja jew se twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-kunsilli lokali ressqu 'l quddiem biex

isiru xogħlijiet fihom. Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini tat-triq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-esiġenzi tal-kunsilli lokali u l-awtoritajiet ikkonċernati.

## INFRASTRUCTURE MALTA – DIKJARAZZJONI TA' RIGALI

**15769. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati ta' Infrastructure Malta li ddikjaraw li rċevew xi rigali inkonessjoni max-xogħol tagħhom minn meta daħlet fis-seħħ il-policy dwar kunflitt ta' interess. X'kienu dawn ir-rigali li rċevew u mingħand min?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ma kienx hemm dikjarazzjonijiet f'dak is-sens u skont il-parametri stabbiliti fil-policy imsemmija.

## INFRASTRUCTURE MALTA: POLICY DWAR KUNFLITT TA' INTERESS – PERSONS OF TRUST

**15770. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-policy dwar kunflitt ta' interess li ġiet introdotta fi ħdan Infrastructure Malta testendix u tapplikax ukoll għal persons of trust?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-policy indikata tapplika għall-ħaddiema kollha fuq il-kotba ta' Infrastructure Malta.

## INFRASTRUCTURE MALTA – LISTA TA' PROĠETTI

**15771. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-proġetti kollha li qegħdin isiru bħalissa minn Infrastructure Malta?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fil-preżent qegħdin naħdmu fuq dawn il-proġetti:

Triq Kappella tal-Militar, Mellieħa; Triq Sir Harry Luke - Ph2, Mġarr; Road Works at Fiddien Rd, Rabat; Għajn Tuffieħa By-pass, San Pawl Il-Baħar; Emergency stormwater works Triq Kostituzzjoni, Mosta; P/o Triq Il-Mitħna Qadima u Triq Torri, Mosta; Triq Xorka u P/o Triq Ġlormu Cassar, Mosta; P/o Triq Mitħna Qadima u Triq Ġużeppi Callus, Mosta; Triq It-Torba [Pantar], Mosta; Triq Id-Dura, Mosta; Triq l-Għadajjar, Mosta; Triq Imsaqqfin, Mosta; Triq Leli Falzon, Naxxar; P/o Triq Il-Lampara, Naxxar; Xatt Il-Palm, Naxxar; P/o Triq Il-Mosta, Naxxar; Triq il-Qoton, Naxxar; P/o Triq Greċja, Naxxar; Triq Bradford, Naxxar; San Pawl Tat-Tarġa [Trade Fair Grounds], Naxxar; Triq Ridott, Naxxar; Triq is-Sirk, Swieqi; Triq Annabelle Vassallo, Siġġiewi; Triq Imqabba, Siġġiewi; Triq Il-Knisja Qadima, Siġġiewi; Girgenti Junction, Siġġiewi; Triq Id-Dielja, Qormi; Triq Id-Deheb Fin, Qormi; Triq Il-Ħarifa, Qormi; P/O Triq Ix-Xitwa, Qormi, P/o Triq Is-sajf, Qormi; Triq Il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun; Triq Manuel Magri, Ħamrun, Triq Ġuże Maria Camilleri, Ħamrun, Triq San Ġużepp, Luqa; Triq San Ġorġ, Luqa; Triq Il-Katakombi, Mqabba; Triq Nazzarenu, Mqabba; Triq San Pietru, Kirkop; Triq Għar Dalam, Birżebbuġa; Gudja Square, Gudja; P/o Triq Iż-Żebbuga, Gudja; P/o Triq Kbira, Gudja; P/o Triq San Mark, Gudja; P/o William Baker, Gudja; P/o Raymond Caruana, Gudja; High Street, Sliema; Stormwater works - Triq Xatt, Gżira; Triq Tas-Sliema, San Ġwann; Triq Bellavista, San Ġwann; Triq K Mifsud, Pieta; Triq San Girgor, Pietà; Triq Schinas, Pieta; Triq Mons P.P Saydon & Triq Ġuze Pesci - Ph 1, Iklin; Triq Stefano Erardi, Iklin; Triq Il-Ħarruba, Iklin; Triq Dun Amabile Sisner, Balzan; Triq San Frangisk, Balzan; Triq Ġulju Cauchi, Balzan; Vjal Trasfigurazzjoni, Lija; Alley 2 in Triq Preziozi, Lija; Triq Victor Vassallo, Attard; Triq Alfred Camilleri, Attard; Triq Id-Dorga, Attard; Triq Il-Kbira San Ġużepp, St. Venera; Triq Is-Sultana, Paola; P/o Triq Il Belt Valletta, Paola; Triq It-tramuntana, Paola; Vjal Kottoner, Fgura; P/o Triq San Tumas, Fgura; Birgu Square - Phase 2, Birgu; Triq Ġanni Faure, Tarxien; Triq Karlu Maratta, Tarxien; Triq Anġlu Mangion, Tarxien; Triq San Leonardu, Kalkara; P/o Triq Il-Knisja, Xgħajra; Triq Elija, Xgħajra; Triq Ta' Lanza, Żabbar; Triq John Delia, Żabbar; Triq Il-Kunsill tal-Ewropa, Żabbar; Triq Kbira, Żabbar; Misraħ Santa Marija, Żejtun; Triq Id-daħla ta' San Tumas, Żejtun; Triq Santa Katerina, Marsaxlokk; Triq L-iskal, Marsaskala; Ħal Far – Żurrieq; Triq Ġużeppi M.Callus - Triq Qrendi, Żurrieq;

St.Michael's S/S - Mill S/S – Nigret, Żurrieq; Dingli to Mtarfa new roundabout; Mtarfa bypass - Military Cemetery; Military Cemetery - Mosta DC - Ph2; Mosta DC – Technopark; Mosta Bridge – Bradford, Naxxar; Via Ragusa to Bradford, Naxxar; Naxxar DC Area; Kalkara Area (Naxxar reinforcement); Bormla Area (Naxxar reinforcement); Xgħajra Area (Żabbar Reinforcement); Luqa reinforcement; Triq Sant Andrija, Swieqi; Sqaq Karlozzu, Paola u Triq il-Girgenti, Siġġiewi; Sliema Ferry; Marfa Breakwater; St Angelo Bridges; Shore Supply North Harbour and Boiler Wharf; Buġibba Breakwater; Pinto 4/5 & Lascaris; Chadwick Lakes; Ras Ħanżir land reclamation; Ċirkewwa columns.

### INFRASTRUCTURE MALTA – PROĠETTI GĦAS-SENA 2024

**15772. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' x'inhuma l-proġetti li Infrastructure Malta beħsiebha tibda taħdem fuqhom fis-sena 2024?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Waqt li Infrastructure Malta għaddejja b'ħemel ta' xogħol infrastrutturali marittimu u fit-toroq, anke kif imwieġeb fil-mistoqsija parlamentari 15771, Infrastructure Malta għandha ppjanat li tkompli bil-ħidma f'parti oħra minn Triq Sant'Andrija, din id-darba bejn il-junctions ta' Triq Normandy u Triq Villa Rosa. Ser inkunu inwessgħu l-proġett Shore-to-Ship (fil-parti tan-Nofsinhar tal-Port il-Kbir).

Preżentement għaddej il-proċess tal-aġġudikazzjoni fuq il-proġett tal-Imsida Creek, liema proġett se jaħseb għal faċilitajiet ta' modi alternattivi ta' vjaġġar bħaċ-ċikliżmu u l-mixi. Il-proġett se jaħseb f'xogħlijiet ta' tisbiħ u żoni ġodda ta' rikreazzjoni. Madwar 60% ta' dan il-proġett ikun dedikat għal spazji pubbliċi u ambjent pjaċevoli fiċ-ċentru ta' din il-lokalità. Se tinbena flyover ġdida, b'tul ta' madwar 200 metru, u se tgħaqqad Triq il-Marina ma' Triq Mikiel Anton Vassalli. Din se tnaqqas l-impatt tat-traffiku minn fuq iż-żoni residenzjali, l-ispazji miftuħa u l-prominad tal-Imsida.

Din is-sena mistenni jibda wkoll ix-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-proġett CSAM, investiment ta' €35 miljun mifrux fuq ħames snin f'diversi fażijiet. Dan il-proġett se jkompli joħloq infrastruttura tajba u sigura għall-persuni li jridu jimxu, jużaw ir-rota jew mezzi oħra lil hinn mill-vettura privata. L-iskop ewlieni huwa li jinħolqu konnessjonijiet effiċjenti għal min jagħżel jew jikkonsidra li juża mezzi alternattivi għall-karozzi. Ir-rotot huma intiżi li jgħaqqdu spazji ħodor ma' żoni meqjusin traffikużi bil-għan li jitjiebu l-ispazji urbani u jinħolqu postijiet pubbliċi li jitgawdew minn kulħadd. L-ewwel fażi tal-proġett se tara li tgħaqqad Sa Maison, il-Belt Valletta u t-Terminal tal-Passiġġieri fil-Port il-Kbir li jgħaddi mill-Blata l-Bajda. B'hekk, f'din il-fażi, Infrastructure Malta se tkun qed tagħti b'madwar tliet kilometri ta' infrastruttura għal mobilità attiva.

Infrastructure Malta qed tikkollabora mal-Enemalta f'xogħlijiet infrastrutturali f'numru ta' lokalitajiet, b'impenn biex tissaħħaħ id-distribuzzjoni tal-enerġija. Fl-istess waqt, Infrastructure Malta qed taħdem mill-qrib mal-kunsilli lokali biex titkompla l-ħidma f'toroq residenzjali.

### INFRASTRUCTURE MALTA: PROĠETTI - LISTA TA' KUNTRATTURI

**15773. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-kuntratturi li bħalissa qegħdin jaħdmu fuq xi wieħed jew aktar mill-proġetti li qegħdin isiru bħalissa minn Infrastructure Malta?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-kuntratturi li qegħdin jaħdmu fuq proġetti ta' Infrastructure Malta bħalissa, huma dawn:

120 Joint Venture, Asfaltar Ltd, Schembri Barbros Ltd., Bommer Contractors, Bonnici Bros Services Ltd, Cassar Ship Repair Ltd./ Bezzina Maritime Services Ltd, Central Asphalt Ltd, Clint and David Grech Ltd., Denfar Excavators Ltd, Dim and Co Ltd, EAS JV, Elbros Construction Limited, E & L Enterprises Ltd, EXCEL SIS ENERJI URETIM LIMITED, G & P Borg Ltd., Terracore Ltd., Green Building Solutions Ltd., Impresa Colombrita Srl, JM Road Services Ltd., LK Ltd., MAIT Ltd., Northwind Investments Ltd., Philip Agius and Sons Limited, Polidano Brothers Ltd., RM Construction Ltd., Road Maintenance Services Limited, Road Servicing Limited, Sammut Marine Limited, Schembri

Barbros Ltd., Schembri Infrastructures Ltd., T & C Ciappara Construction Co. Ltd., Tal-Magħtab Construction Company Limited, V&C Contractors Ltd. u X-CAVA PROJECTS LTD.

## INFRASTRUCTURE MALTA – KUNTRATTURI LI ĠEW BLACKLISTED

**15774. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx kuntratturi li ġew blacklisted minn Infrastructure Malta u, jekk iva, jgħid min huma dawn il-kuntratturi u għaliex ġew blacklisted?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta m'għamlet l-ebda talba għall-blacklisting lill-awtorità responsabbli min dan il-proċess.

## SILVER-T SERVICE

**15791. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kif jopera s-servizz tas-Silver-T? Min u kif wieħed jista' jagħmel użu minn dan is-servizz?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Is-servizz tas-Silver T huwa servizz ta' trasport għall-persuni 'l fuq minn 60 sena li għandhom bżonn assistenza biex ikunu jistgħu jagħmlu l-qadi tagħhom ta' kuljum. Dan is-servizz jopera mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m. u huwa bla ħlas.

Għal dan is-servizz Malta ġiet maqsuma fi 11-il reġjun u Għawdex reġjun għalih. Wieħed jista' juża s-servizz minn lokal għall-ieħor fl-istess reġjun biex imur postijiet bħall-klinika, il-bank, il-kunsill lokali, supermarkets u postijiet oħra. Persuni anzjani li jixtiequ jagħmlu użu minn dan is-servizz iridu jibbukkjaw minn tlett ijiem qabel mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7.00 a.m. u s-2.00 p.m. fuq in-numru tat-telefon 22788900.

## IL-BELT VALLETTA – SERVIZZ TA' TRASPORT

**15792. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta jipprovdix servizz ta' trasport ġewwa l-Belt Valletta? Jekk iva, x'servizz joffri? Min u kif wieħed jista' jagħmel użu minn dan is-servizz?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta beda din l-inizjattiva ta' trasport ġewwa l-istess lokalità sabiex l-anzjani jmorru għal appuntamenti ġo sptar jew kliniċi.

Għal tali servizz, wieħed irid japplika billi jċempel sa jumejn qabel fuq 22479417 jew billi jżur l-uffiċini tal-kunsill lokali.

Wara li wieħed japplika, fil-ġurnata u l-ħin miftiehem, il-kunsill lokali jieħu ħsieb jikkordina sabiex isir t-trasport relattiv.

## TRASPORT PUBBLIKU - KAROZZI TAL-LINJA AĊĊESSIBBLI GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**15793. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-karozzi tal-linja li qegħdin jintużaw bħalissa humiex kollha aċċessibbli għal persuni b'diżabilità? Jekk iva, x'features għandhom dawn il-karozzi tal-linja li jagħmlu dawn il-karozzi aċċessibbli? Jista' jgħid jekk dawn il-karozzi tal-linja jiġux iċċekkjati sabiex ikun aċċertat li l-features kollha għal persuni b'diżabilità fil-fatt ikunu jaħdmu? Jekk iva, kull meta jsir dan? Jista' jgħid ukoll jekk in-numri u informazzjoni fuq il-karozzi tal-linja li juru r-rotta ġewx ittestjati għal viżibilità speċjalment għall-persuni li għandhom nuqqas ta' viżta?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hekk kif stipulat fil-kuntratt bejn il-Gvern u l-Operatur tat-Trasport Pubbliku, il-karozzi tal-linja kollha fis-servizz tat-trasport pubbliku jrid jkollhom features li jgħinu l-aċċesibbiltà għal persuni b'diżabilità.

Fost dawn il-features, wieħed jinnota s-segwenti:

- Kull vettura hija tat-tip low floor sabiex jiġi ffaċilitat l-imbark u l-iżbark ta' persuni bi problemi ta' mobbiltà.
- Huma mgħammra b'rampi li jiffaċilitaw it-tlugħ u l-inżul ta' wheelchairs mill-karozza tal-linja.
- Għandhom post apposta li jakkomodaw wheelchairs abbord.

• Kull karozza tal-linja għandha minn tal-inqas żewġ priority seats. Dawn is-seats huma intenzjonati għal persuni li għandhom diffikultajiet ta' mobbiltà, nisa tqal u nies anzjani. Barra hekk, l-aċċess huwa mtejjeb peress li bejn l-entratura tal-karozza tal-linja u dawn is-seats ma hemm l-ebda tarġa.
• Huma mgħammra b'audio announcement system maħsuba biex jgħin persuni b'nuqqas ta' dawl ikunu jafu fejn jkun wasal il-vjaġġ.

Inżid li Transport Malta għandha ħames uffiċjali li parti sostanzjali minn xogħolhom huwa li kuljum jispezzjonaw il-karozzi tal-linja. L-operatur tat-trasport pubbliku jiġi informat b'xi nuqqasijiet li jiġu nnotati u jingħata perjodu ta' żmien sabiex jirrimedja dawk in-nuqqasijiet. Wara, l-uffiċjali ta Transport Malta jerġgħu jispezzjonaw dawk il-vetturi sabiex jiġi aċċertat li dawk in-nuqqasijiet ikunu ġew indirizzati.

Filwaqt li n-numri u informazzjoni fuq il-karozzi tal-linja li juru r-rotta ma ġewx ittestjati għal viżibilità minn persuni li għandhom nuqqas ta' vista, intenni li l-karozzi tal-linja huma mgħammra b'audio announcement system maħsuba biex tgħin lil dawn il-persuni jkunu jafu fejn ikun wasal il-vjaġġ.

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DIRECT ORDERS**

**15836. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦAT-TURIZMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS**

**15837. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS**

**15838. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul l-2023?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS**

**15839. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15432.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS

**15840. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS

**15841. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## EUROVISION SONG CONTEST - ĠURIJA

**15983. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema kriterji ntgħażlet il-ġurija tal-Eurovision Song Contest Malta fid-dawl tal-fatt illi kien hemm minnhom membri li jagħmlu parti mill-istess Bord tad-Diretturi tal-Public Broadcasting Authority (PBS)?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tajjeb li wiehed ifakkar lill-Onor. Interpellant illi l-PBS tfisser Public Broadcasting Services Ltd u mhux Authority.

Intant, l-għażla tal-ġurija kien eżerċizzju bbażat fuq numru ta' kriterji, fosthom esperjenza fis-settur, partikolarment dak mużikali u kulturali, kredenzjali professjonali, diversità, reputazzjoni u imparzjalità.

M'hemm l-ebda raġuni għala persuna li tokkupa l-pożizzjoni ta' membru tal-Bord tal-PBS għandha tiġi eskluża milli sservi bħala ġurat f'festival tal-kanzunetta.

## MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DEPUTATI TAL-GVERN

**15984. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/onorarja tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu kull seduta u l-ammont li tħallsu fis-sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur):** M'hemm ebda deputat min-naħa tal-Gvern li jagħmel parti min xi kumitat, panel jew bord tal-Gvern, waqt il-perjodu li kien deputat.

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DEPUTATI TAL-GVERN

**15985. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/onorarja tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu kull seduta u l-ammont li tħallsu annwalment?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ma kien hemm l-ebda deputat tal-Gvern li minn April 2013 sad-data ta' din l-interpellanza kienu jagħmlu parti minn xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju.

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DEPUTATI TAL-GVERN

**15986. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/onorarja tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu kull seduta u l-ammont li tħallsu annwalment?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Fil-perjodu msemmi minnha ma kienx hemm Deputati tal-Gvern li kellhom xi wieħed mir-rwoli li qed issemmi l-Onor. Interpellant fil-mistoqsija tagħha.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DEPUTATI TAL-GVERN

**15987. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/onorarja tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu kull seduta u l-ammont li tħallsu annwalment?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DEPUTATI TAL-GVERN

**15988. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/onorarja tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu kull seduta u l-ammont li tħallsu annwalment?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Ma kienx hemm Deputati tal-Gvern fil-perjodu li qed tirreferi għalih hi u li okkupaw xi rwol imsemmi minnha fid-dekasteru ta' dan il-Ministeru.

## PROĠETT TAL-KALKARA - DEWMIEN

**16007. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li minkejja d-diversi wegħdiet tal-Gvern li l-proġett tal-Kalkara u t-toroq tal-madwar se jkunu lesti sal-aħħar ta' Diċembru 2023 u minkejja li bdejna Frar 2024 u dan il-proġett għadu mhux lest, tista' l-Ministru tgħid:

i. x'fadal isir f'dan il-proġett sabiex ikun kompletament lest; u
ii. meta dan il-proġett ser ikun kompletament lest?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Waqt li kien qed isir tħaffir biex jgħaddu servizzi ġodda tad-dawl, tal-ilma u tad-drenaġġ min-naħa tal-pjazza li twassal sat-tarf tat-telgħa fid-direzzjoni lejn l-Esplora, il-kuntratturi ltaqgħu ma' diffikultajiet li kienu dovuti b'mod partikolari għal dħul kontinwu tal-ilma baħar fit-trinek li kien ġej minn taħt it-triq li nbniet fuq art li kienet riklamata mill-baħar snin ilu. Sadanittant tlestew ix-xogħlijiet ta' natura strutturali fiż-żona tal-pjazza u t-toroq madwarha nfetħu mill-ġdid. Tħawlu wkoll siġar maturi u ġiet installata s-sistema ta' CCTV.

Fil-jiem li ġejjin għandu jibda x-xogħol fuq l-asfaltar tat-triq il-ġdida u tkun stallata sistema ta' street lighting tul il-promenade kollu kif ukoll fil-pjazza, u anke se jiġu stallati bandli ġodda. Sakemm ma jinqalgħux diffikultajiet oħrajn mhux mistennija, huwa mmirat li x-xogħol fuq dan il-proġett jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

## XATT TAL-KALKARA – PROĠETT

**16008. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15499 dwar dewmien tal-proġett tal-Kalkara li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi fejn wieġeb biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat, jista' l-Prim Ministru jgħid taħt liema Ministeru jaqa' dan il-proġett?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Dan il-proġett jaqa' taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

## ĦAŻ ŻABBAR: PROJECT GREEN – APPLIKAZZJONIJIET

**16009. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żabbar issottomettiex

applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu ameljorati spazji miftuħa jew maħluqa spazji miftuħa ġodda?

Jekk fl-affermattiv:

i. kemm proġetti ġew sottomessi minn dan il-Kunsill Lokali u liema huma dawn il-proġetti;
ii. kemm hija l-istima għal kull proġett sottomess; u
iii. kemm minn dawn il-proġetti ġew approvati minn Project Green biex ikunu attwati?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għall-iskema Community Greening Grant mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-ewwel kwart tas-sena li għaddiet l-Aġenzija estendiet il-Park ta' San Klement f'Ħaż-Żabbar b'madwar 2,000 metru kwadru. Din iż-żona tal-park saret picnic area u fiha tħawlu 250 siġra u arbuxelli kif ukoll ġew installati bankijiet magħmula b'materjal sostenibbli.

Barra minn hekk, ftit tax-xhur ilu ġewwa l-istess park infetħet l-ewwel korsa tal-ostakli pubblika. Din il-korsa mifruxa fuq medda ta' 2,700 metru kwadru għandha għaxar ostakli differenti. Il-korsa fiha sekwenza ta' sfidi interkonnessi li huma mmirati biex irawmu s-saħħa fiżika, l-aġilità u l-kordinazzjoni.

F'Ħaż-Żabbar is-sena l-oħra saru wkoll tliet proġetti f'żoni urbani minn Greenserv, fejn ir-residenti qegħdin igawdu minn tliet żoni mħaddra li nħolqu fi Triq is-Santwarju, Triq Biċċieni u Triq Santa Duminka.

**ĦAŻ-ŻABBAR – SPAZJU SAN NIKOL**

**16010. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx pjan x'se jiġri mill-ispazju San Nikol ġewwa Ħaż-Żabbar?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**IS-SWIEQI - PROJECT GREEN – APPLIKAZZJONIJIET**

**16011. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Kunsill Lokali tas-Swieqi issottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu ameljorati spazji miftuħa jew maħluqa spazji miftuħa ġodda? Jekk fl-affermattiv, tista' tgħid:

i. Kemm proġetti ġew sottomessi minn dan il-Kunsill Lokali u liema huma dawn il-proġetti?
ii. Kemm kienet l-istima għal kull proġett sottomess?
iii. Kemm minn dawn il-proġetti ġew approvati minn Project Green biex ikunu attwati?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-applikazzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi lil Project Green kienet relatata mal-iskema ta' tħawwil ta' siġar fejn hu ambjentalment possibbli. Filwaqt li għad iridu jiġu determinati siti li fihom possibbilment jistgħu jitħawlu siġar, l-Aġenzija għamlet interventi ta' tindif u anke tneħħew siġar invażivi minn Wied Mejxu li jagħmel parti mill-konfini ta' din il-lokalità.

**IS-SWIEQI – SPAZJI PUBBLIĊI**

**16012. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm spazji pubbliċi fis-Swieqi?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir mhumiex responsabbli għall-immaniġġar tal-ebda spazju pubbliku fil-lokalità msemmija.

**SELMUN PALACE HOTEL – ESPRESSJONI TA' INTERESS**

**16047. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15304, 15560 u 15806 u jgħid meta se toħroġ l-espressjoni ta' interess jew tender għar-riġenerazzjoni ta' Selmun Palace Hotel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

### CHADWICK LAKES - KONKOS LI NTREMA/TPOĠĠA MAL-ĠENB TAT-TRIQ

**16048. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk konkos li ntrema/tpoġġa mal-ġenb tat-triq fiċ-Chadwick Lakes hux se jitneħħa jew sarx għal xi raġuni mill-ħaddiema tal-Ministeru tagħha?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Mill-investigazzjonijiet preliminari li saru ma rriżultax li kien hemm xi entità li taqa' taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir li rmiet jew poġġiet xi konkos kif indikat. Filwaqt li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi qed tinvestiga aktar fid-dettall biex jekk jirriżulta li ntrema xi konkos isiru interventi ta' tindif, l-Onor. Interpellant ikun qed jgħin f'dawn l-investigazzjonijiet jekk jindika b'mod aktar speċifiku s-sit fejn sar l-allegat rimi.

### CHADWICK LAKES - XOGĦOL FUQ ĦITAN TAS-SEJJIEĦ IMWAQQGĦIN

**16049. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se jsir xogħol fuq numru ta' ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin fiċ-Chadwick Lakes?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15536, ninfurmah li qed jitħejjew pjanijiet biex il-ħitan tas-sejjieħ jiġu restawrati fejn hemm bżonn.

### CHADWICK LAKES - TINDIF

**16050. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta ser jitnaddaf il-Wied taċ-Chadwick Lakes minn skart u ħmieġ ieħor?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet parlamentari 11675 u 15536, inżid ninformah li fil-parti tal-wied fejn l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma kienet wettqet proġett ta' riabilitazzjoni fuq medda ta' żewġ kilometri, ix-xogħol fuq ir-restawr ekoloġiku baqa' għaddej kontinwament bl-involviment tal-għaqda volontarja Nature Trust Malta. Barra minn hekk, fil-partijiet pavimentati, il-kontenituri tal-iskart jitbattlu t-Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt, filwaqt li t-Tnejn u l-Ħamis isir ukoll xogħol ta' knis. Interventi aktar spissi jsiru wara kull maltempata.

F'din il-parti tal-wied isir ukoll monitoraġġ kontinwu permezz tas-sistema tas-cctv u dan iservi wkoll ta' deterrent kontra r-rimi tal-iskart u reati oħra. Il-kumplament tal-wied jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Project Green, u hawnhekk ukoll qiegħed isir monitoraġġ regolari sabiex jinġabar l-iskart u jitnaddaf kull ħmieġ ieħor li sfortunatament għadu jintrema fil-widien minn ftit persuni rresponsabbli.

### IR-RABAT, L-IMTARFA U ĦAD-DINGLI - XOGĦLIJIET

**16051. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se jingħata t-tarmak fit-toroq li qed isir ix-xogħol fihom minħabba sistemi elettriċi fir-Rabat, l-Imtarfa u Ħad-Dingli, hux ser issir il-wisgħa tat-triq kollha jew it-trinka biss?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Meta jintemm ix-xogħol ta' cables biex tkompli tissaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku taż-żona indikata, il-wiċċ tat-toroq konċernati jsir skont ir-rekwiżiti tal-permess ta' dawn ix-xogħlijiet mill-awtoritajiet konċernati.

### SPTAR MOUNT CARMEL: SALA WARD 3 - IMĦADED

**16052. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk tingħatax aktar minn imħadda waħda meta mitlub fis-sala Ward 3 fl-Isptar Mount Carmel?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** Il-pazjenti dejjem jiġu mogħtija mħadda addizzjonali f'każ li tkun mitluba.

## SPTAR MOUNT CARMEL - POST FEJN JILTAQGĦU L-FAMILJARI MAL-PAZJENTI

**16053. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fejn huwa l-post li jiltaqgħu l-familjari ma' pazjenti fl-Isptar Mount Carmel?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Kull sala minbarra l-High Security Ward ġewwa l-Isptar Mount Carmel hija mgħammra b'multipurpose room li sservi wkoll għall-akkomodazzjoni ta' żjarat mill-familjari tal-pazjenti.

## LIĊENZJI GĦAL ARMI TAN-NAR - PROĊEDURA

**16070. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15352, fejn ġie spjegat il-proċess biex wieħed ikollu liċenzja ta' armi, jista' l-Ministru jgħid jekk din l-istess proċedura tintużax meta jkun hemm tiġdid tal-liċenzja? Jista' jgħid ukoll għal kemm snin hija valida l-liċenzja mingħajr ma jkollha bżonn tkun imġedda? B'referenza għall-proċess intern li l-Ministru qal li beda, jista' jgħid x'inhuma t-timeframes għal dan il-proċess?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari 15352.

## EMENDI GĦAL-LIĠI DWAR IL-BOUNCERS U L-UFFIĊJALI PRIVATI TAS-SIGURTÀ

**16071. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15350 fl-intier tagħha u jgħid jekk għandux il-ħsieb li jemenda l-liġi dwar il-bouncers u jekk hux se jagħmel talba lill-Ministru għall-Ġustizzja biex isiru tali emendi? Jekk għandu l-ħsieb li jagħmel dan, jista' jgħid meta u, jekk le, jista' jgħid għaliex?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15350.

## LIĊENZJI TA' BOUNCERS

**16072. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15351, fejn

il-Ministru stqarr li 'jsiru verifiki kontinwament mill-pulizija', jista' l-Ministru jispjega x'tip ta' verifiki jsiru u b'liema mod? Jista' jgħid ukoll jekk isirux spot checks u/jew ittestjar għal xi sustanzi illegali waqt il-qadi ta' dmirijiethom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kull darba li tkun se tiġġedded liċenzja ta' bouncer, il-Pulizija tivverifika u tara illi l-persuna fil-pussess ta' din il-liċenzja tkun għada tissodisfa il-kriterji illi taħthom il-liċenzja tkun ħarget oriġinarjament, abbażi tal-Artikolu 10 tal-Kap 389 tal-liġijiet ta' Malta. Minn żmien għal żmien il-Korp tal-Pulizija jagħmel spot checks u jittieħdu passi fil-konfront ta' min ma jsegwix il-liġi.

## SAN ĠILJAN, IL-GŻIRA U TAS-SLIEMA – AVVIŻI TA' INFORZAR

**16073. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15343 fejn ġie indikat li hemm 14-il avviż ta' inforzar maħruġa f'San Ġiljan, il-Gżira u Tas-Sliema minn Ottubru 2023, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-passi li se jieħdu l-awtoritajiet biex dawn l-illegalitajiet jitneħħew?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Numru minn dawn l-Avviżi ta' Waqfien u Twettiq iġorru magħhom multa għal kull ġurnata, li tibqa' tiddekorri sakemm jitneħħa l-iżvilupp illegali, skont Regolament 3 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.24. Fuq numru ta' avviżi hemm appell pendenti quddiem it-Tribunal dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u għalhekk l-Awtorità tal-Ippjanar trid tistenna l-eżitu tal-appell qabel tieħu xi azzjoni. Rigward avviżi oħra hemm applikazzjoni pendenti biex jiġi ssanzjonat l-iżvilupp mertu tal-avviż. Fil-każijiet l-oħra, meta jiskadi t-terminu ta' żmien li jingħata biex jitneħħa l-iżvilupp illegali, l-Awtorità tal-Ippjanar tieħu azzjoni skont il-prijorità tal-każ fil-kuntest tal-każijiet kollha li hemm pendenti għal tali azzjoni.

**E-SCOOTERS**

**16074. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15338, jista' l-Ministru jgħid kif se tkun imħarsa s-sigurtà ta' dawk li jkunu mexjin fuq il-promenade, b'mod partikolari anzjani, minn sewqan ta' e-scooters privati? Jista' jgħid ukoll kif se jiġi assigurat li tkun inforzata l-liġi li dawn l-e-scooters ma jinstaqux b'veloċità ta' aktar minn 10 km peress li anke b'dik il-veloċità persuna anzjana li tintlaqat, tispiċċa tweġġa'?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Is-sezzjoni tal-Inforzar ta' Transport Malta tagħmel spezzjonijiet frekwenti fuq il-promenades u l-postijiet fejn jistgħu jinsaqu e-scooters. Barra minn hekk, il-frekwenza ta' spezzjonijiet tiżdied fix-xhur tas-sajf speċjalment f'żoni turistiċi.

**SAN ĠILJAN – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**16075. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15341, fejn il-Ministru qal li mhux l-intenzjoni tal-Korp li ma jibqax iservi fl-għassa ta' San Ġiljan, jista' l-Ministru jgħid meta se jsir investiment għar-refurbishment tagħha peress li għandha bżonn ħafna manutenzjoni biex mhux biss tkun tista' taqdi l-funzjoni tagħha għall-bżonnijiet tal-lokalità, imma wkoll biex tipprovdi ambjent dinjituż lill-istess pulizija li jservu f'din l-għassa?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Dwar manutenzjoni tal-Għassa ta' San Ġiljan diġà sar ħafna xogħol ta' manutenzjoni u tiġdid fis-sular t'isfel tal-istess bini. Dan ġie rinovat b'mod ħolistiku, u x-xogħol jinkludi titjib fis-sistema tal-elettriku, titjib tal-faċilitajiet għall-pulizija li jkunu jaqdu l-pubbliku, tiġdid ta' parquet u bibien, madum ġdid f'xi żoni tal-binja u xogħol relatat ieħor. Bħalissa qed jitkompla x-xogħol ta' rinovar estensiv fis-sular ta' fuq tal-istess għassa.

**TRIQ TAL-BARRANI - PJAN**

**16092. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-junctions li hemm magħluqa bil-konkos f'Tal-Barrani humiex se jibqgħu hekk b'mod permanenti? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kif inhu ppjanat li jkun finalizzat il-pjan tat-triq bejn ir-roundabout ta' Santa Luċija u l-junction li tagħti għall-Kappella ta' Santu Kristu f'Ħal Għaxaq?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Rigward il-junctions imsemmija fil-mistoqsija parlamentari 16092, Infrastructure Malta qed tevalwa numru ta' proposti biex tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-lokalitajiet fl-inħawi. Fil-gimgħat li ġejjin l-istess proposti se jiġu diskussi mal-kunsilli lokali kkonċernati u eventwalment jitressqu quddiem l-Awtorità tat-Trasport għall-konsiderazzjoni tal-istess Awtorità.

**KAPPARA JUNCTION – CYCLE LANE**

**16093. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex ippjanat li s-cycle lane tat-triq tal-Kappara tkun magħquda mar-roundabout tal-iskate-park, u/jew mal-Università ta' Malta, biex tkun tista' taqdi l-funzjoni tagħha u tipprovdi rotta sigura għal min irid imur l-Università bir-rota?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Minħabba restrizzjonijiet ta' spazju, ikun diffiċli li wieħed jgħaqqad is-cycle lane inkwistjoni mal-Iskate Park u l-Università b'mod sigur. Wieħed għandu jinkoraġġixxi l-użu ta' rotot oħrajn li jgħaddu minn toroq inqas traffikużi.

**BUS SHELTERS - ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI U TRANSPORT MALTA**

**16094. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu t-taħdidiet bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Transport Malta dwar il-bus shelters? Jista' jgħid ukoll min ser ikun responsabbli tal-bus shelters il-ġodda, u min ser ikun responsabbli tal-manutenzjoni tal-bus shelters?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Is-sena l-oħra intlaħaq ftehim li permezz tiegħu ir-

responsabbiltà għat-twaqqif ta' bus shelters ġodda kif ukoll il-manutenzjoni tal-bus shelters għaddiet għand il-kunsilli lokali.

**BUS SHELTERS - ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI U TRANSPORT MALTA**

**16095. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu t-taħditiet bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Transport Malta dwar il-bus shelters? Jista' jgħid ukoll min se jkun responsabbli tal-bus shelters il-ġodda, u min se jkun responsabbli tal-manutenzjoni tal-bus shelters?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qegħdin jirrevedu programm ta' stallazzjoni tal-bus shelters abbażi tal-użu tagħhom.

Ir-responsabbiltà kemm tal-manutenzjoni kif ukoll tal-istallar tal-bus shelters hija tal-kunsilli lokali.

**RAĦAL ĠDID: PJAZZA ANTOINE DE PAULE – RAPPORT TAL-ĦSARAT**

**16110. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport dwar il-ħsarat li hemm fi Pjazza Antoine de Paule f'Raħal Ġdid?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**INFRASTRUCTURE MALTA – LISTA TAT-TOROQ LI SARU**

**16111. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tat-toroq kollha li saru minn Infrastructure Malta mit-twaqqif tagħha sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità b'lokalità, kif ukoll jipprovdi ma' kull triq min kien il-kuntrattur li ħa ħsieb ix-xogħlijiet, kemm kien stmat li se jiswa l-proġett, kemm finalment sewa l-proġett, kemm minnhom kienu ffinanzjati minn fondi Ewropej (f'każ li kien), kif ukoll meta beda u meta tlesta x-xogħol?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna. Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal sistemi tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni. Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11727.

**BORMLA – FERRY LANDING - DWAL**

**16114. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara li d-dwal li hemm fil-ferry landing f'Bormla jissewwew għax hemm numru minnhom mhux jixegħlu?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-problemi ġew irrapportati lill-kuntrattur li stalla s-sistema tad-dwal u qed jittieħdu l-passi neċessarji biex din il-problema teknika tiġi indirizzata mill-aktar fis.

**GĦAJN DWIELI – XOGĦOL FUQ IL-MINA**

**16115. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jitkompla x-xogħol fuq il-Mina ta' Għajn Dwieli?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u manutenzjoni tal-istruttura fuq il-

mina ta' Għajn Dwieli u t-toroq tal-madwar huma kompluti u, fil-preżent, Infrastructure Malta qed tħejji l-preparamenti biex jibdew ix-xogħlijiet ta' natura mekkanika u elettrika li se jinkludu fost l-oħrajn sistemi ġodda tad-dawl u sistemi ta' CCTV.

**BAĊIR NUMRU WIEĦED U L-VIĊINANZI TAL-FERRY LANDING - XOGĦLIJIET**

**16116. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara li jitkompla x-xogħol li kien inbeda fuq id-dawra tal-Baċir Nru 1 u l-viċinanzi tal-ferry landing place?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ix-xogħol tal-landscaping qed jitkompla b'mod kontinwu bħala parti minn maintenance agreement. S'issa saru ħafna xogħlijiet, fosthom taħwil ta' pjanti, bdil ta' partijiet mit-turf, żbir ta' siġar u arbuxelli, kif ukoll tranġar ta' ħafna mis-soft areas. Fil-ġimgħat li ġejjin it-turf se jkun qed jiġi trattat u jinżera' mill-ġdid f'ċerti żoni, proċess li se jieħu madwar sitt ġimgħat. Il-manutenzjoni fil-kumplament taż-żoni se titkompla b'mod normali u skont il-bżonn. Fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun għaddej ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq pjattaforma u fuq il-bankijiet tal-injam.

**IL-FGURA: MINA Ż-ŻGĦIRA - PASSAĠĠ PUBBLIKU**

**16117. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk tistax tiġi mistħarrġa t-talba ta' ħafna nies u anke tal-Kunsill Lokali ta' Bormla sabiex il-mina ż-żgħira li tagħti għall-Fgura tinfetaħ għall-passaġġ pubbliku u hekk jitneħħa l-periklu?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Din il-proposta qed tiġi mistħarrġa biex wieħed ikun jista' jevalwa jekk hemmx opportunitajiet ta' konnessjonijiet pedonali u dan wara li jiġu kkonsultati stakeholeders varji bħal, fost oħrajn, is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali.

**BAĊIR NRU 1 – ĦĠIEG MIKSUR**

**16118. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara jekk hux ta' periklu l-ħġieġ miksur li hemm fl-art tal-pont li hemm f'Baċir Nru 1?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-ħġieġ miksur li hemm fl-art tal-pont f'Baċir Nru 1 mhuwiex ta' periklu. Bħalissa id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fil-proċess sabiex jikseb kwotazzjonijiet mingħand kuntratturi bil-kompetenza neċessarja biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.

**BORMLA - ONE HOUR PARKING**

**16119. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk żoni fil-lokalità ta' Bormla jistgħux jiġu kkonsidrati sabiex fihom ikun hemm one hour parking?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Transport Malta tkun tista' tagħmel evalwazzjoni għal timed parking bays f'każ ta' talba mill-Kunsill Lokali.

**KAŻIN LABURISTA TAR-RABAT - MEDIĊINA TAL-GVERN**

**16146. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux infurmat dwar mediċina tal-Gvern, POYC li ddaħħlet fil-każin Laburista tar-Rabat, nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar fid-9.30 a.m. biex tiġi mqassma minn hemmhekk? Jista' jgħid għaliex dan l-aħħar kien hemm numru ta' persuni li ngħataw mediċini tal-Gvern (POYC) minn membri tal-Kumitat Laburista fir-Rabat u jekk dan hux qiegħed isir bil-barka tiegħu?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Din l-allegazzjoni hi bla bażi u ma tagħmilx sens.

Il-Unit tal-Pharmacy of Your Choice iqassam il-mediċini b'mod esklużiv lill-pazjenti intitolati permezz tal-ispiżeriji li huma fil-komunità permezz tal-Iskema POYC.

**SKOLA MEDIKA TA' MALTA - STUDENTI BARRANIN**

**16147. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hawn studenti barranin fl-Iskola Medika ta' Malta matul dawn l-aħħar 12-il xahar? Kemm minn dawn kienu eżenti mill-ħlas għall-istudji tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

**IR-RABAT MALTA: TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER – ZEBRA CROSSING JEW TRAFFIC LIGHTS**

**16148. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li ssir zebra crossing jew traffic lights fi Triq Ġorġ Borg Olivier fir-Rabat Malta, minħabba l-fatt li t-triq hija dejqa u qiegħed ta' kuljum ikompli jeħel it-traffiku fiha?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Jirriżulta li minn naħa ta' Transport Malta hemm approvazzjoni għal zebra crossing fi Triq Borg Olivier.

Barra hekk, l-Awtorità evalwat il-possibbiltà li parti minn Triq Borg Olivier issir one-way. Dwar din il-proposta għaddej proċess ta' konsultazzjoni mal-entitajiet ikkonċernati u hija ukoll prevista konsultazzjoni pubblika fil-ġimghat li ġejjin.

Inżid ukoll li l-approvazzjoni għal zebra crossing se tkun inkluża mal-proposta tal-one-way sabiex is-sitwazzjoni f'din it-triq tiġi indirizzata b'mod ħolistiku.

**SKOLA MEDIKA TA' MALTA - STUDENTI BARRANIN**

**16149. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti barranin fl-Iskola Medika ta' Malta matul dawn l-aħħar 12-il xahar? Kemm minn dawn l-istudenti kienu eżentati mill-ħlas?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**KIRI TA' AMBULANZI PRIVATI - ĦLAS**

**16150. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-ħlas għal ambulanzi privati mikrija matul dawn l-aħħar 12-il xahar?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qiegħda tinġabar.

**SERVIZZ TAL-AMBULANZA TAL-ANNIMALI – IĊĊEKKJAR GĦAL MICROCHIP**

**16159. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk meta s-servizz tal-ambulanza tal-annimali jsib kelb mejjet jeħux nota jekk dak il-kelb ikollux microchip jew le? Xi jkun il-pass li jmiss bl-informazzjoni misjuba?

**ONOR. ANTON REFALO:** Bħala parti mis-servizz offrut mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali meta jiġi rappurtat kelb mejjet, dan jiġi ċċekkjat għall-mikroċippa u jekk tali kelb ikun identifikat elettronikament, is-sid jiġi mgħarraf li l-kelb tiegħu instab mejjet. Jekk inkun hemm suspett ta' abbandun jew maltrattament, tali każ jista' jiġi investigat ulterjorment.

**DIREOTTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – KLIEB LI JINSTABU MEJTA**

**16160. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jesiġix li meta kelb jinstab mejjet mill-Cleansing Department, dan juża microchip reader biex ikun jista' jiċċekkja jekk il-kelb kienx ta' xi ħadd, peress li ġeneralment ikun dan id-Dipartiment li jiġbor u jiddisponi minn dawn il-klieb?

**ONOR. ANTON REFALO:** Hemm arranġament bejn id-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja u l-Wasteserv biex il-

mikroċippi ta' klieb mejta kollha li jittieħdu fil-Faċilità ta' Trattament Termali jiġu notifikati lilhom bħala l-awtorità kompetenti responsabbli mill-identifikazzjoni elettronika tal-klieb, irrispettivament jekk dawn ikunux inġabru mill-Cleansing and Maintenance Department jew minn sorsi privati.

**KLIEB LI JINSTABU MEJTA - SERVIZZ BIEX JIĠU MGĦARRFA S-SIDIEN**

**16161. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika jekk hemmx servizz li permezz tiegħu s-sidien ta' klieb li jinstabu mejta barra jiġu mgħarrfa li jkun instab il-kelb tagħhom?

**ONOR. ANTON REFALO:** Taħt is-servizzi offruti mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, meta l-ambulanza tal-annimali tissejjaħ fuq kelb li jinstab mejjet f'xi post pubbliku, l-uffiċjali jaqraw il-mikroċippa u jekk kelb ikun identifikabbli elettronikament is-sid jiġi nnotifikat.

**L-GĦADIRA – FONDI MILL-PROĠETT TEN-T GĦALL-PROĠETT TAT-TRIQ**

**16162. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-fondi mill-proġett TEN-T jintużawx fil-proġett tat-triq tal-Għadira u x'persentaġġ minn dawn il-fondi ntużaw għal dan il-proġett?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ma kienx hemm allokazzjoni ta' fondi Ewropej għall-proġett tal-Għadira.

**MANIKATA: PROĠETT TAL-BYPASS - FONDI MILL-PROĠETT TEN-T**

**16163. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk il-fondi mill-proġett TEN-T għadhomx disponibbli għall-proġett tal-bypass tal-Manikata?

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-Onor. Interpellant huwa mitlub jindika biċ-ċar l-isem uffiċjali tat-triq li għaliha qed jagħmel riferenza f'din il-mistoqsija parlamentari.

**MANIKATA – PROĠETT TAL-BYPASS**

**16164. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett tal-bypass tal-Manikata hux se jsir? Jista' jgħid ukoll meta u kif?

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-Onor. Interpellant huwa mitlub jindika biċ-ċar l-isem uffiċjali tat-triq li għaliha qed jagħmel riferenza f'din il-mistoqsija parlamentari.

**PROĠETT TEN-T - FONDI**

**16165. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm fadal fondi mill-proġett TEN-T u jagħti breakdown ta' kif intużaw dawn il-fondi u fejn?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-proġett għat-titjib tan-Netwerk tat-Toroq tat-TEN-T li kien iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni taħt il-programm 2014-2020 huwa lest u l-fondi Ewropej allokati għal dan il-proġett intefqu kollha b'total ta' €40,878,584.

Il-proġett kien jikkonsisti fi proġetti f'partijiet differenti ta' Malta li fihom saru xogħlijiet li jinkludu titjib f'toroq ewlenin li jaqgħu taħt in-Network tat-toroq tat-TEN-T. L-għan tagħhom kien li jindirizzaw bottlenecks tat-traffiku varji u biex titjieb il-konnettività, l-aċċessibbiltà, is-sigurtà fit-toroq, sostenibbiltà u jitnaqqas l-impatt negattiv ikkawżat mit-traffiku minn aspett ambjentali, soċjali u ekonomiku.

Il-fondi tal-UE li ntefqu fuq dawn it-toroq huma maqsumin kif ġej:

- Il-proġett tas-Central Link li jikkonsisti fit-titjib tar-'road corridor' (toroq arterjali) mill-Imrieħel, Birkirkara, Ħ'Attard sar-Rabat li inkluda toroq ġodda fin-network: €19,573,494.36.
- Twessigħ u bini mill-ġdid tal-Marsa-Ħamrun Bypass: €3,213,329.35.

• Santa Luċija underpass – il-bini ta’ mina għall-vetturi f’Santa Luċija li jinkludi titjib u twessigħ tat-triq: €16,114,422.44.
• Triq Luqa, Santa Luċija: twessigħ tat-triq li kien jinkludi żieda ta’ korsiji għar-roti: €1,977,337.84.

**GĦAWDEX - ACTING CHIEF NURSING MANAGER FL-ISPTAR ĠENERALI U CHIEF NURSING MANAGER FIL-PRIMARY HEALTH CARE**

**16166. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x’inhi r-raġuni li fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex hemm Acting Chief Nursing Manager, filwaqt li fil-Primary Health Care ġewwa Għawdex, fejn hemm inqas minn tletin ħaddiem, hemm Chief Nursing Manager?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Is-sejħa biex jimtela l-post ta' Chief Nursing Manager fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ħarġet il-Ġimgħa 9 ta' Frar.

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR: MEMBRI TAL-BORD TAL-IPPJANAR - KWALIFIKI**

**16167. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15933, jista’ l-Ministru jgħid jekk il-membri tal-Bord tal-Ippjanar għandhomx tal-inqas kwalifiki MQF Level 6 jew aktar f'wieħed mis-suġġetti elenkati fl-Att dwar l-Ippjanar, Kap. 552?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-membri tal-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) jiġu appuntati kif indikat f’artikolu 63 f’Kapitlu 552 tal-Att dwar l-Ippjanar.

**INDUSTRIAL RELATIONS UNIT - ĦADDIEMA**

**16251. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15865 li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u li issa ġiet riferuta lilu u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15122, jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fl-Industrial Relations Unit u jipprovdi lista tal-gradi kollha u ta' kemm hemm ħaddiema f'kull grad?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Dan il-unit huwa fformat minn Head of Unit, Assistant Head of Unit, 2 Senior Managers, Assistant Director u clerical support. Apparti minn hekk, diversi ministeri u entitajiet jinvolvu ruħhom fl-istess qasam tax-xogħol ta' dan il-unit imma x-xogħol li għalih hija mwaqqfa din il-unit isir b’mod ikkordinat mill-istess unit.

**IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR ĊIVILI - FTEHIM KOLLETTIV**

**16252. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15862 fl-intier tagħha u jippreżenta lista li turi:

a. iż-żieda perċentwali fil-pagi għal kull ftehim kollettiv iffirmat matul l-2022 u l-2023 fis-Settur Pubbliku u Ċivili u s-Section/Sector/Authority li ġie ffirmat il-ftehim kollettiv?
b. l-isem tal-union li magħha saru n-negozjati?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Filwaqt li għall-ewwel mistoqsija nirreferi għal dak li diġà spjegajt fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15862, rigward it-tieni mistoqsija, l-ismijiet tal-unions huwa kif gej:

General Workers Union
UHM-Voice of the Workers
Malta Union of Teachers
Medical Association of Malta
Malta Union of Midwives and Nurses
Malta Police Union / Police Officers' Union (GWU)
Malta Tug Crew Union
Malta Air Traffic Controllers' Association

**IL-MELLIEĦA – BINI TA’ APPARTAMENTI ĠODDA**

**16256. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1845 u jindika f’liema żona fil-Mellieħa ser ikunu qed jinbnew appartamenti ġodda? Kemm hu n-numru ta’ dawn

l-appartamenti u meta mistennija li dawn ikunu lesti biex familji/individwi jabitaw fihom?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-proġett li jikkonsisiti fi tmien appartamenti qed isir fi Triq Napuljun Caruana Dingli fil-Mellieħa u mistenni li jitlesta fis-sena 2025.

## MELLIEĦA: TRIQ EDWARD CAMILLERI – ZEBRA CROSSING/LIGHTS

**16257. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5592 u jgħid jekk jistax jikkonsidra b'urġenza li fi Triq Edward Camilleri fil-Mellieħa (fil-parti ta' fejn hemm l-entratura għall-klassijiet tal-Kinder u taċ-Childcare Centre) issir zebra crossing/lights minn Transport Malta u dan biex jiġu evitati inċidenti/traġedji, liema sitwazzjoni kienet viċin li sseħħ għal diversi drabi fl-aħħar ġimgħat, fejn tajjeb jingħad ukoll li fl-istess parti tat-triq, hemm l-entratura għall-faċilità sportiva tal-Mellieħa Sports Club li tintuża minn mijiet ta' tfal u żgħażagħ b'mod regolari matul il-ġimgħa?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fi Triq Edward Camilleri ġewwa l-Mellieha diġà hemm żewġ zebra crossings, proprju fil-lokazzjonijiet li semma, u ċjoè waħda viċin tal-iskola primarja u l-oħra viċin tal-kindergarten u l-faċilità sportiva.

## TFAL ADDOTTATI JEW FOSTERED

**16258. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8683 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' tfal addottati minn pajjiżi oħra bejn is-snin 2010 sal-2022 maqsuma skont in-nazzjonalità tagħhom? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-tfal addottati bejn l-2010 u l-2022 li ġew rehomed (jew fostered għand familji Maltin oħrajn) maqsuma skont in-nazzjonalità?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għal tweġibiet li kienu ngħataw għall-mistoqsijiet parlamentari 25373 u 22221 għal addozzjonijiet li saru sal-2015. Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li mat-twaqqif tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali fl-2018, l-informazzjoni mitluba hija kif tidher hawn taħt:

| **Adoptions** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| | **Malta** | | | | | | **Grand Total** |
| | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** | |
| Bulgaria | - | - | - | 3 | - | - | 3 |
| India | 6 | 3 | 1 | | 19 | 33 | 62 |
| Portugal | 9 | 1 | 2 | 1 | 11 | 3 | 27 |
| Slovakia | 4 | 4 | - | - | - | 1 | 9 |
| Thailand | - | 1 | - | - | - | - | 1 |
| Vietnam | - | - | - | - | - | 2 | 2 |
| | | | | | | | |
| **Grand Total** | **19** | **9** | **3** | **4** | **30** | **39** | **104** |
| | | | | | | | |
| **Local Adoptions** | **-** | **3** | **2** | **2** | **2** | **7** | **16** |

## PALAZZ TA' SELMUN

**16259. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15393 u jgħid x'se jkun qed isir mill-Palazz ta' Selmun, ġaladarba dan kien restawrat?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## IS-SIĠĠIEWI – KONDIZZJONIJIET RELATATI MAX-XOGĦOL TAL-BINI TAZ-ZUNTIER

**16260. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15878, jista' l-Ministru jispeċifika x'inhuma l-kondizzjonijiet stipulati mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali għax-xogħlijiet taz-zuntier tas-Siġġiewi?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-kondizzjonijiet stipulati mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali għax-xogħlijiet taz-zuntier tal-Knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi huma parti mid-dokumentazzjoni relatati mal-permess u huma diġà pubbliċi.

## IS-SIĠĠIEWI: BAJJA TA' GĦAR LAPSI - PARATI BIEX JITNIŻŻLU D-DGĦAJJES

**16261. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jieħu azzjoni sabiex il-parati li jintużaw biex jitniżżlu d-dgħajjes fil-Bajja ta' Għar Lapsi fis-Siġġiewi jsiru mill-ġdid, peress li dawn jinkisru kull ftit xhur?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fil-ġimghat li ġejjin ser ikun qed isir ix-xogħol neċessarju.

## SKOLA GUARDIAN ANGEL – AUDIT

**16263. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9034, jista' l-Ministru jgħid jekk sarx external review tal-iskola Guardian Angel f'dawn l-aħħar tliet snin u, jekk iva, jista' jqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra? Jekk, le, jista' jgħid meta huwa skedat l-external review li jmiss?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## BCRS - ĦAŻ-ŻEBBUĠ

**16264. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il rapport irċieva l-operatur tar-Reverse Vending Machines (RVMs) dwar ħsarat fil-magni li jinsabu f'Ħaż-Żebbuġ mill-ġurnata li bdiet titħaddem l-iskema ta' Rifużjoni tal-Kontenituri tax-Xorb sal-lum? Għal kull waħda mill-magni f'Ħaż-Żebbuġ, tista' l-Ministru tgħid għal kemm perjodu ta' żmien damu out of service u f'kull istanza fejn sofrew ħsarat matul dan il-perjodu ta' żmien? Tista' l-Ministru tagħti dettalji dwar id-dewmien minn meta l-operatur ġie mgħarraf bil-ħsarat sakemm għamel ix-xogħol ta' tiswija?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ir-reverse vending machines huma mħaddma minn operatur privat. Ir-regolatur, li huwa Circular Economy Malta, jsegwi rapporti ta' diffikultajiet bħal dawk imsemmija mill-Onor. Interpellant.

Persuni li jkollhom bżonn għajnuna jistgħu jikkuntattjaw lill-operatur jew jinfurmaw lil Circular Economy Malta fuq 2226 8200 jew info@cemalta.gov.mt. L-informazzjoni mitluba qed tinġabar mill-operatur privat.

Il-kontenituri tax-xorb jistgħu jittieħdu wkoll fil-ħwienet li jbigħu dawn il-prodotti u jirċievu r-rifużjoni tagħhom mingħandhom, anke jekk ma jkollhomx reverse vending machines.

## ERA - IRWEJJAĦ

**16265. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għandhiex ir-riżorsi meħtieġa, inkluż tagħmir tekniku u persunal imħarreġ, biex tidentifika u timmaniġġa b'mod effettiv kwistjonijiet ta' rwejjaħ? Tista' tipprovdi dettalji dwar kwalunkwe inizjattiva riċenti jew titjib f'dan il-qasam?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tiffoka fuq dawk l-attivitajiet li għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw impatt ambjentali negattiv. Fejn attivitajiet ikunu suġġetti għal permessi ambjentali l-Awtorità tintervjeni fuq l-infurzar tal-kundizzjonijiet kollha tal-permess, inkluż jekk ikun hemm kundizzjonijiet li jirregolaw impatti ta' rwejjaħ. Ix-xogħol primarju tal-Awtorità huwa l-moniteraġġ tal-kwalità tal-arja skont id-dispożizzjonijiet tad-direttiva 2008/50/EC li tirrigwarda Ambient Air Quality and Cleaner Air for Europe, fejn din id-Direttiva tiffoka fuq parametri li jiġu monitorjati regolarment mill-ERA. F'dan ir-rigward, l-ERA għandha kemm ir-riżorsi umani mħarrġin sew kif ukoll tagħmir tekniku suffiċjenti biex tkun tista' tagħmel tali monitoraġġ b'mod effettiv.

**INITIAL INVESTMENT PLAN**

**16266. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14957 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-'Initial Investment Plan' imsemmi fil-ftehim bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-iskola li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**NEGOZJATI - KUMPENS GĦALL-PROPRJETAJIET TRASFERITI MILL-KNISJA GĦALL-ISTAT**

**16267. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament rigward in-negozjati dwar proprjetajiet trasferiti mill-Knisja għall-Istat peress illi l-ftehim tal-1991 issa għalaq iż-żmien tiegħu?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Il-Gvern u l-Knisja għadhom għaddejjin bil-proċessi stabbiliti biex il-proprjetajiet li l-Knisja għaddiet għand il-Gvern skont il-ftehim imsemmi jiġu reġistrati f'isem il-Gvern.

**REĠISTRU TAL-ARTIJIET - PROPRJETAJIET TRASFERITI MILL-KNISJA GĦALL-ISTAT**

**16268. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14958, jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni dwar meta huwa antiċipat li jkun konkluż il-proċess ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet għall-40% li fadal tal-proprjetà trasferiti mill-Knisja għall-Istat permezz tal-ftehim tal-1991?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed jissokta x-xogħol biex jiġu rreġistrati f'isem il-Gvern il-proprjetajiet li fadal u qed jissaħħu l-isforzi biex dan il-proċess jintemm.

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET: AVUKATI INTERNI - KOPJI TAS-SEJĦIET**

**16269. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Peress illi l-mistoqsija parlamentari 12158 li rrefera għaliha l-Ministru bl-ebda mod ma twieġeb il-mistoqsija li saritlu għaliex din tittratta d-dati ta' meta ġew impjegati l-kandidati u fiha ma tpoġġewx fuq il-Mejda tal-Kamra kopji tas-sejħiet li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet hekk kif intalab jagħmel fil-mistoqsija li saritlu, jista' allura l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12571, 13873, 14102, 14222, 14524 u 14963 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-ingaġġ tal-avukati mal-Awtorità tal-Artijiet sar permezz ta' proċeduri stabbiliti minn JobsPlus, sejħiet interni kif ukoll skont ċirkulari maħruġa mis-Servizz Pubbliku. Tabella li tindika l-proċedura użata f'kull ingaġġ tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**SKEJJEL LI GĦANDHOM DRINKING WATER FOUNTAINS**

**16288. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk l-iskejjel tal-Gvern (Primarji, Medji u Sekondarji) f'Malta u Għawdex li jipprovdu jew għandhom aċċess/faċilità għal ilma tajjeb għax-xorb b'xejn (drinking water fountains)?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**LEZZJONIJIET TAL-PE FL-ISKEJJEL**

**16289. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi elenku ta' kull skola f'Malta u

Għawdex (Primarji, Medji u Sekondarji) u għal kull waħda jindika kemm isiru lezzjonijiet tal-PE (Physical Education) fil-ġimgħa?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**PREZZIJIET TAL-IKEL - FTEHIM**

**16296. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15386, jista' l-Ministru jgħid meta se jkun sottomess (data) il-ftehim li ntlaħaq mal-importaturi u s-sidien tas-supermarkets għall-inizjattivà ta' stabbiltà fil-prezzijiet tal-ikel? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dan il-ftehim?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15386.

**IMRIEĦEL - SKOLA SEKONDARJA – FORN BIL-ĦSARA**

**16312. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 6232, jista' l-Ministru jgħid jekk il-forn (li jintuża għall-fuħħar mill-istudenti tal-Life-Long Learning) fl-Iskola tal-Imrieħel (Sekondarja Kulleġġ Santa Tereża) hux qiegħed jaħdem u jekk il-ħsara li kellu ssewwietx?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

**SERVIZZ TAD-DAWL U L-ILMA - RESIDENZJALI**

**W30. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' proprjetajiet madwar Malta u Għawdex li għandhom servizz kemm tad-dawl kif ukoll tal-ilma li hu residenzjali, maqsuma lokalità lokalità?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**SERVIZZ TAD-DAWL - RESIDENZJALI**

**W31. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' proprjetajiet madwar Malta u Għawdex li għandhom servizz tad-dawl biss li hu residenzjali, maqsuma lokalità lokalità?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**SERVIZZ TAL-ILMA - RESIDENZJALI**

**W32. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' proprjetajiet madwar Malta u Għawdex li għandhom servizz tal-ilma biss li hu residenzjali, maqsuma lokalità lokalità?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## SERVIZZ TAD-DAWL U L-ILMA - KUMMERĊJALI

**W33. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' proprjetajiet madwar Malta u Għawdex, li għandhom servizz kemm tad-dawl kif ukoll tal-ilma li hu kummerċjali, maqsuma lokalità lokalità?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## SERVIZZ TAD-DAWL - KUMMERĊJALI

**W34. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' proprjetajiet madwar Malta u Għawdex li għandhom servizz tad-dawl biss li hu kummerċjali, maqsuma lokalità lokalità?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## SERVIZZ TAL-ILMA - KUMMERĊJALI

**W35. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' proprjetajiet madwar Malta u Għawdex li għandhom servizz tal-ilma biss li hu kummerċjali, maqsuma lokalità lokalità?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## ĦAL QORMI: ĊENTRU TAS-SAĦĦA - XOGĦLIJIET

**W36. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta x-xogħol fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jireferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14411.

## ĦAL QORMI: TRIQ IL-ĦELSIEN – MIŻURI KONTRA SEWQAN PERIKOLUŻ

**W37. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi kien hemm dwar miżuri li għandhom jittieħdu minħabba sewqan perikoluż, fi Triq il-Ħelsien f'Ħal Qormi?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Transport Malta ħadet nota tal-ilmenti li rċeviet u kkomunikat mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fejn irrakkomandat li tiġi installata road hump ġewwa Triq il-Ħelsien f'Ħal Qormi sabiex jitrażżan sewqan eċċessiv.

## ĦAL QORMI: TRIQ IL-ĦELSIEN – MIŻURI KONTRA SEWQAN PERIKOLUŻ

**W38. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi kien hemm dwar miżuri li għandhom jittieħdu minħabba sewqan perikoluż, fi Triq il-Ħelsien f'Ħal Qormi?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jinsab għaddej b'konsultazzjoni mar-residenti dwar jekk iridux li tiġi stallata sleeping policeman fiż-żona msemmija. Ma' tmiem il-konsultazzjoni msemmija, il-Kunsill se jkun qed jikkonsulta mal-awtorità kkonċernata dwar l-aħjar miżura.

## ĦAL QORMI: TRIQ IL-WIED - MIŻURI KONTRA SEWQAN PERIKOLUŻ

**W39. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri se jittieħdu minħabba sewqan perikoluż fi Triq il-Wied, f'Ħal Qormi?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Wara talba mill-Kunsill lokali ta' Ħal Qormi, Transport Malta approvat road humps bħala traffic calming measures fi Triq il-Wied Ħal Qormi. Dawn ġew installati minn naħa tal-Kunsill. L-Awtorità ma għandha l-ebda talba oħra jew ilmenti rigward sewqan eċċessiv f'din it-triq.

## ĦAL QORMI: TRIQ SAN BASTJAN – MIŻURI KONTRA SEWQAN PERIKOLUŻ

**W40. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri se jittieħdu minħabba sewqan perikoluż fi Triq San Bastjan, f'Ħal Qormi?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fis-sena 2018 Transport Malta kienet approvat miżuri sabiex jiġi mrażżan sewqan perikoluż fi Triq San Bastjan f'Ħal Qormi. Dokument A tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

Barra minn hekk, f'Awwissu 2020 Transport Malta kienet approvat (fil-prinċipju) miżuri addizzjonali għal aktar trażżin tas-sewqan eċċessiv f'din it-triq, hekk kif jindika Dokument B li wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal- Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## VAPURI TAL-GOZO CHANNEL - ĠARR TA' VETTURI U PERSUNI

**W41. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' persuni u kemm hu n-numru ta' vetturi li kull vapur tal-Gozo Channel hu awtorizzat li jġorr waqt li jkun qed jaqsam bejn Malta u Għawdex u jekk dan in-numru ta' persuni u vetturi li jistgħu jinġarru nbidilx minn meta bdew joperaw f'Malta dawn il-vapuri? Jekk iva, kif inbidel in-numru ta' persuni u vetturi li jistgħu jinġarru? Meta sar il-bdil, minn liema vapuri, u x'kienet ir-raġuni għal dan? Jista' jgħid ukoll mill-vapuri li ssemmew, liema huma dawk li bħalissa qegħdin joperaw?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nistieden lill-Onor. Interpellant tagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIPARTIMENTI, AWTORITAJIET U ENTITAJIET

**W46. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid liema huma dawk id-dipartimenti, awtoritajiet, entitajiet, eċċ. (irrispettivament mill-mod kif inhuma deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha? Għal kull wieħed, tista' tgħid min huma ċ-Chairpersons, CEOs eċċ, irrispettivament mill-mod kif inhuma deskritti, u f'kull każ tgħid:

a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra; u
b) meta tiġi fi tmiemha l-ħatra attwali ta' kull persuna?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## IS-SIĠĠIEWI - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI U RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI

**W55. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji dwar ix-xogħol relatat mal-proġett ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ix-xogħol fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola fis-Siġġiewi jikkonsisti fil-qlugħ tat-turġien tal-ġebla tal-franka u l-paviment tas-siment, u t-tqegħid ta' turġien u paviment ġdid magħmul mill-Pietra di Modica.

## IS-SIĠĠIEWI - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI U RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI

**W56. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji dwar ix-xogħol relatat mal-proġett ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**SUSSIDJU GĦAL SERVIZZ TA' ASSISTENT PERSONALI**

**W58. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm persuni sal-aħħar tas-sena 2023, li minkejja li ġew infurmati li se jkunu qed jingħataw sussidju għas-servizz ta' assistent personali, sal-istess perjodu kienu għadhom mhumiex jagħmlu użu minn dawn il-fondi allokati lilhom? X'kienet ir-raġuni għal dan? Tista' tgħid ukoll taħt liema skema (Direct Payment, Independent Community Living, Assistent Personali jew skema oħra) kien ikkonfermat is-sussidju?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar tas-sena 2023 kien hemm 48 persuna li għadhom fil-proċess li jsibu carer tal-għażla tagħhom u għaldaqstant, għalkemm is-servizz ġie approvat lilhom, dawn għadhom ma bdewx jagħmlu użu mill-fondi allokati lilhom. Meta dawn isibu persuna biex taħdem magħhom, dawn ikunu jistgħu jibdew jagħmlu użu mis-servizz. Dawn huma maqsumin kif ġej:

| | |
|---|---|
| Direct Payment | 34 |
| Independent Community Living | 9 |
| Personal Assistant | 5 |